DEĊIŻJONIJIET

WERREJ

1. Proċedura 9

2. L-isfond u d-deskrizzjoni tal-miżuri soġġetti għall-investigazzjoni 10

2.1. Qafas ġenerali 10

2.1.1. Il-Konvenzjonijiet inizjali 10

2.1.2. L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali 12

2.1.3. Il-privatizzazzjoni ta' Toremar u l-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz il-ġdid 13

2.2. Il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 13

2.3. Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni 13

2.3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja 13

2.3.1.1. L-obbligi ta' servizz pubbliku 13

2.3.1.2. Il-baġit u d-durata 14

2.3.2. Il-privatizzazzjoni ta' Toremar 16

2.3.2.1. Il-proċedura ta' bejgħ u l-għoti finali 17

2.3.2.2. Il-kuntratt ta' bejgħ 17

2.3.2.3. Proċedimenti fuq livell nazzjonali 18

2.3.3. Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tat-Toskana u Moby/Toremar 19

2.3.3.1. Il-benefiċjarju 19

2.3.3.2. Ir-rotot 19

2.3.3.3. Id-durata 19

2.3.3.4. L-obbligi ta' servizz pubbliku 19

2.3.3.5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens u l-għoti finali 20

2.3.4. Il-prijorità tal-irmiġġ 20

2.3.5. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 21

2.4. Il-proċedura ta' ksur Nru 2007/4609 21

3. Ir-raġunijiet għall-bidu u għall-estensjoni tal-proċedura 23

3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja 23

3.1.1. L-osservanza ta' Altmark u l-eżistenza ta' għajnuna 23

3.1.2. Il-kompatibbiltà 23

3.2. Il-privatizzazzjoni ta' Toremar 24

3.3. Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tat-Toskana u Moby/Toremar 24

3.3.1. L-osservanza ta' Altmark u l-eżistenza ta' għajnuna 24

3.3.2. Il-kompatibbiltà 25

3.4. Il-prijorità tal-irmiġġ 25

3.5. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 25

4. Kummenti mill-Italja 25

4.1. Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv 25

4.2. Dwar il-privatizzazzjoni ta' Toremar 26

4.2.1. Dwar il-prezz tal-bejgħ ta' Toremar 26

4.2.2. Dwar in-natura trasparenti u nondiskriminatorja tal-proċedura 26

4.3. Dwar il-konformità tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* 26

4.4. Dwar ir-rata ta' redditu ta' 9,95 % użata għall-2010 u dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE mill-2010 'il quddiem 27

4.5. Dwar il-prijorità tal-irmiġġ 27

4.6. Dwar il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 28

4.7. Dwar il-konformità tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 28

4.8. Dwar il-konformità tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-Qafas SGEI tal-2011 .29

5. Kummenti minn Moby/Toremar 29

5.1. Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv 29

5.2. Dwar il-privatizzazzjoni ta' Toremar 29

5.2.1. Dwar il-prezz imħallas għall-ishma ta' Toremar 29

5.2.2. Dwar il-karattru trasparenti u nondiskriminatorju tal-proċedura u dwar ir-raggruppar tal-assi ta' Toremar ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid 29

5.3. Dwar il-konformità tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* 30

5.4. Dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja 30

6. Il-valutazzjoni 31

6.1. L-eżistenza tal-għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE 31

6.1.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja 31

6.1.1.1. Ir-riżorsi tal-Istat 31

6.1.1.2. Is-selettività 31

6.1.1.3. Il-vantaġġ ekonomiku 31

6.1.1.4. L-effetti fuq il-kompetizzjoni u n-negozju 33

6.1.1.5. Konklużjoni 33

6.1.1.6. L-għajnuna ġdida jew eżistenti 33

6.1.2. L-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid raggruppat mal-attività kummerċjali ta' Toremar lil Moby/Toremar . 34

6.1.2.1. Altmark 1 34

6.1.2.2. Altmark 2 40

6.1.2.3. Altmark 3 40

6.1.2.4. Altmark 4 43

6.1.2.5. Konklużjoni 48

6.1.3. Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 48

6.1.3.1. L-użu possibbli ta' fondi sabiex jiġu aġġornati l-vapuri għal skopijiet ta' likwidità 48

6.1.3.2. L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni 49

6.1.3.3. Il-possibbiltà li jintużaw riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità 49

6.1.4. Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna 50

6.2. Legalità tal-għajnuna 50
6.3. Kompatibbiltà tal-għajnuna 50
6.3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja 50
6.3.1.1. Ir-regoli applikabbli 50
6.3.1.2. Is-servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 106 TFUE 52
6.3.1.3. Il-ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens 54
6.3.1.4. Id-durata tal-perjodu tal-inkarigu 55
6.3.1.5. Il-konformità mad-Direttiva 2006/111/KE 55
6.3.1.6. L-ammont tal-kumpens 55
6.3.1.7. Il-prijorità tal-irmiġġ 57
6.3.1.8. Konklużjoni 58
6.3.2. Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna 58
7. Konklużjoni 58

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/348

tas-17 ta' Ġunju 2021

dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentati mill-Italja u mir-Reġjun tat-Toskana għal Toremar u għall-akkwirent tagħha Moby

(notifikata bid-dokument C(2022) 4271)

(Il-verżjoni Taljana biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-23 ta' Marzu 2009, fid-9 ta' Diċembru 2009, fil-21 ta' Diċembru 2009, fis-6 ta' Jannar 2010, fis-27 ta' Settembru 2010 u fit-12 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni rċeviet sitt ilmenti dwar diversi miżuri ta' appoġġ adottati mill-Italja favur il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia ([2]). L-ilmenti kienu jikkonċernaw il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil dawn il-kumpaniji wara l-iskadenza tal-kuntratti inizjali ta' servizz pubbliku konklużi mal-Italja għall-perjodu bejn Jannar tal-1989 u Diċembru tal-2008 ("il-Konvenzjonijiet inizjali"), miżuri ta' appoġġ addizzjonali stabbiliti minn diversi atti leġiżlattivi adottati fil-kuntest tal-proċess ta' privatizzazzjoni tal-kumpaniji, kif ukoll ċerti kwistjonijiet li jirrigwardaw b'mod partikolari l-proċedura ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia di Navigazione S.p.A. ("Tirrenia") u Siremar - Sicilia Regionale Marittima S.p.A. ("Siremar").

(2) Fl-1 ta' Diċembru 2010, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni l-kumpens li hija kienet ħallset lil Toscana Regionale Marittima S.p.A. fl-2009 u fl-2010. ("Toremar").

(3) Fil-5 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' diversi miżuri adottati mill-Italja favur il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia ("id-Deċiżjoni tal-2011"). L-investigazzjoni kienet tikkonċerna fost l-oħrajn il-kumpens mogħti lil Toremar - għall-operat ta' għadd ta' rotot marittimi mill-1 ta' Jannar 2009 u għadd ta' miżuri oħra mogħtija lil dik il-kumpanija (ara l-premessa (33)).

(4) Id-Deċiżjoni tal-2011 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri taħt investigazzjoni ([3]).

(5) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Settembru 2011, l-Italja kienet diġà informat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tipprivatizza l-kumpaniji reġjonali tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar. Fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni bagħtet talba għall-informazzjoni lill-Italja dwar il-proċedura ta' privatizzazzjoni. Fit-30 ta' Novembru 2011, l-Italja bagħtet tweġiba għat-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ottubru 2011.

([1]) ĠU C 28, 1.2.2012, p. 18 u ĠU C 84, 22.3.2013, p. 58.

([2]) L-ex Grupp Tirrenia kien jikkonsisti mill-kumpaniji Tirrenia di Navigazione S.p.A., Adriatica S.p.A., Caremar – Campania Regionale Marittima S.p.A., Saremar – Sardegna Regionale Marittima S.p.A., Siremar – Sicilia Regionale Marittima S.p.A., u Toremar – Toscana Regionale Marittima S.p.A..

([3]) Għajnuna mill-Istat – Repubblika Taljana – Għajnuna mill-Istat SA.32014 (2011/C) (ex 2011/NN), SA.32015 (2011/C) (ex 2011/NN), SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) - Għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia - Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 28, 1.2.2012, p. 18).

(6) Fil-15 ta' Novembru 2011, l-Italja ppreżentat il-kummenti dwar il-miżuri koperti mid-Deċiżjoni tal-2011.

(7) Permezz ta' faks mibgħuta fit-28 ta' Frar 2012, il-kumpanija Toscana di Navigazione S.r.l. ippreżentat ilment fejn allegat li l-għajnuna mill-Istat bħala riżultat tal-privatizzazzjoni ta' Toremar u l-kumpens imħallas lil Moby S.p.A. ("Moby"), l-akkwirent magħżul ta' Toremar, kienu illegali. B'mod partikolari, l-ilmentatur jsostni li: (i) il-proċedura ta' bejgħ tat vantaġġ lil Moby, (ii) il-fużjoni bejn Toremar u Moby twassal għal monopolju fuq ir-rotot bejn Piombino – il-gżira ta' Elba, u (iii) il-kumpens mogħti lil Moby għall-operat tas-servizz pubbliku għat-12-il sena tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid huwa inkompatibbli mas-suq intern minħabba l-fatt li l-ilmentatur innifsu diġà jipprovdi servizzi simili skont termini kummerċjali.

(8) Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Lulju 2012, l-Italja pprovdiet informazzjoni addizzjonali dwar il-privatizzazzjoni tal-kumpaniji reġjonali tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar.

(9) Fis-7 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni estendiet il-proċedura ta' investigazzjoni fost l-oħrajn fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' appoġġ addizzjonali mogħtija mir-Reġjun tat-Toskana lil Toremar fir-rigward tal-kumpens pubbliku mogħti lil Toremar taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Verżjoni emendata ta' dik id-Deċiżjoni ġiet adottata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2012 ("id-Deċiżjoni tal-2012").

(10) Id-Deċiżjoni tal-2012 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri taħt investigazzjoni ([4]).

(11) Fil-11 ta' Diċembru 2012, l-Italja ppreżentat il-kummenti tagħha u fit-22 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand Toremar u l-akkwirent tagħha, Moby.

(12) Permezz tad-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Jannar 2014 ("id-Deċiżjoni tal-2014") ([5]), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' diversi miżuri adottati mir-Reġjun ta' Sardinja favur Saremar. L-appell ippreżentat minn Saremar u mir-Reġjun kontra dik id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali fl-2017 ([6]).

(13) Fil-25 ta' Jannar 2018, fid-29 ta' Marzu 2018, fil-31 ta' Awwissu 2018, fit-12 ta' Frar 2019, fil-5, fl-14 u fis-17 ta' Frar 2020, u fit-12 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Italja. L-Italja pprovdiet din l-informazzjoni fis-26 ta' April 2018, fil-31 ta' Mejju 2018, fit-2 ta' Novembru 2018, fil-11 ta' Diċembru 2018, fit-8 ta' April 2019, fis-16 u fit-28 ta' Ottubru 2019, fis-7, fis-16 u fit-23 ta' Frar 2020, fil-21 ta' April 2020, fid-9 ta' Novembru 2020, u fl-1 u fl-10 ta' Diċembru 2020.

(14) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss għajnuna possibbli lil Toremar kif speċifikat fit-Taqsima 2.3. Il-miżuri kollha li jifdal soġġetti għad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 qed jiġu investigati separatament taħt il-każijiet SA.32014, SA.32015 u SA.32016 u għalhekk mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni. Għalhekk, dawk il-miżuri li jifdal jikkonċernaw kumpaniji oħra tal-ex Tirrenia Group.

2. **L-isfond u d-deskrizzjoni tal-miżuri soġġetti għall-investigazzjoni**

2.1. **Qafas ġenerali**

2.1.1. *Il-Konvenzjonijiet inizjali*

(15) Storikament il-Grupp Tirrenia kien proprjetà tal-Italja permezz tal-kumpanija Fintecna ([7]) u inizjalment kien jinkludi sitt kumpaniji, jiġifieri Tirrenia, Adriatica, Caremar, Saremar, Siremar u Toremar. Dawn il-kumpaniji kienu jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu taħt kuntratti separati ta' servizz pubbliku konklużi mal-Italja fl-1991, li baqgħu fis-

([4]) Għajnuna mill-Istat – Ir-Repubblika Taljana – Għajnuna mill-Istat SA.32014 (2011/C), SA.32015 (2011/C), SA.32016 (2011/C) - Għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji ta' dak li kien il-Grupp Tirrenia u l-akkwirenti tagħhom - Stedina biex jitressqu l-kummenti skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE (ĠU C 84, 22.3.2013, p. 58).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/261 tat-22 ta' Jannar 2014 dwar il-miżuri ta' għajnuna SA.32014 (2011/C), SA.32015 (2011/C), SA.32016 (2011/C) implimentati mir-Reġjun ta' Sardenja favur Saremar (ĠU L 49, 22.2.2018, p. 22).

([6]) Ara s-Sentenza tas-6 ta' April 2017 fil-Kawża T-219/14 *Regione autonoma della Sardegna (l-Italja)* vs Il-Kummissjoni Ewropea, ECLI:EU:T:2017:266.

([7]) Fintecna (Finanziaria per i Settori Industriale e dei Servizi S.p.A.) hija proprjetà esklussiva tal-Ministeru Taljan għall-Ekonomija u tal-Finanzi u tispeċjalizza fil-ġestjoni tal-proċessi ta' privatizzazzjoni u ta' parteċipazzjoni azzjonarja kif ukoll fl-indirizzar ta' proġetti għar-razzjonalizzazzjoni u għar-ristrutturar ta' kumpaniji li jaffaċċjaw diffikultajiet industrijali, finanzjarji jew organizzazzjonali.

seħħ għal għoxrin sena bejn Jannar tal-1989 u Diċembru tal-2008 ("il-Konvenzjonijiet inizjali"). Fintecna kellha 100 % tal-kapital azzjonarju ta' Tirrenia li min-naħa tagħha kienet is-sid uniku tal-kumpaniji reġjonali Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar. Adriatica, li kienet topera numru ta' rotot bejn l-Italja u l-Albanija/il-Kroazja/il-Greċja/il-Montenegro, ġiet fuża ma' Tirrenia fl-2004.

(16) L-iskop ta' dawn il-Konvenzjonijiet inizjali kien li tiġi ggarantita r-regolarità u l-affidabbiltà tas-servizzi tat-trasport marittimu, li l-maġġoranza tagħhom jgħaqqdu lill-Italja kontinentali ma' Sqallija, ma' Sardinja u ma' gżejjer Taljani iżgħar oħra. Għal dak il-għan, l-Italja tat appoġġ finanzjarju fil-forma ta' sussidji mħallsa direttament lil kull kumpanija tal-Grupp Tirrenia.

(17) Tradizzjonalment Toremar kienet topera serje ta' rotot ta' kabotaġġ marittimu ([8]) bejn ir-Reġjun tat-Toskana u l-gżejjer ġirien iżgħar. Ir-rotot eżatti kkonċernati huma deskritti fil-premessa (38).

(18) Fis-6 ta' Awwissu 1999, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") fir-rigward ta' għajnuna mħallsa abbażi tal-Konvenzjonijiet inizjali lis-sitt kumpaniji li dak iż-żmien kienu jiffurmaw il-Grupp Tirrenia.

(19) Matul il-fażi tal-investigazzjoni, l-Italja talbet li l-każ tal-Grupp Tirrenia jinqasam sabiex il-prijorità tkun li tintlaħaq deċiżjoni finali dwar Tirrenia. Din it-talba kienet immotivata mill-pjan tal-Italja li tipprivatizza l-Grupp, billi tibda propju minn Tirrenia, u l-intenzjoni tagħha li tħaffef il-proċess fir-rigward ta' dik il-kumpanija.

(20) Il-Kummissjoni ddeċidiet li setgħet tilqa' t-talba tal-Italja, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/851/KE ([9]) hija għalqet il-proċedura mnedija fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil Tirrenia ("id-Deċiżjoni tal-2001"). L-għajnuna kienet iddikjarata kompatibbli soġġetta għal ċerti impenji mill-Italja.

(21) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/163/KE ([10]) ("id-Deċiżjoni tal-2004") il-Kummissjoni ddikjarat li l-kumpens mogħti mill-Italja lill-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia minbarra Tirrenia nnifisha bħala parzjalment kompatibbli mas-suq intern, parzjalment kompatibbli iżda kondizzjonali fuq ir-rispett ta' għadd ta' impenji mill-Italja, u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern. Id-Deċiżjoni kienet ibbażata fuq *data* kontabilistika li kienet tkopri bejn l-1992 u l-2001 u kienet tinkludi ċerti kundizzjonijiet bil-għan li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-kumpens għad-durata kollha tal-Konvenzjonijiet inizjali.

(22) Permezz tas-Sentenza tal-4 ta' Marzu 2009 fil-Kawżi T-265/04, T-292/04 u T-504/04 ([11]) ("is-Sentenza tal-2009") il-Qorti Ġenerali ħassret id-Deċiżjoni tal-2004.

(23) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 ([12]), il-Kummissjoni kkonkludiet l-investigazzjoni dwar il-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia minbarra Tirrenia, inkluża Toremar, għall-perjodu bejn l-1992 u l-2008 (id-"Deċiżjoni dwar il-Grupp Tirrenia tal-2020"). Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mogħtija għall-għoti ta' servizzi ta' trasport ta' kabotaġġ marittimu kienet tikkostitwixxi għajnuna eżistenti, filwaqt li l-għajnuna mogħtija għall-forniment ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali kienet kompatibbli mal-Qafas ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali tal-2011 ("SGEI") (il-"Qafas SGEI tal-2011") ([13]).

([8]) Ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992) ("ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu").

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/851/KE tal-21 ta' Ġunju 2001 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-kumpanija tat-tbaħħir Tirrenia di Navigazione mill-Italja (ĠU L 318, 4.12.2001, p. 9).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/163/KE tas-16 ta' Marzu 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat imħallsa mill-Italja lill-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar [Traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 53, 26.2.2005, p. 29).

([11]) Il-Kawżi Magħquda T-265/04, T-292/04 u T-504/04 *Tirrenia di Navigazione vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2009:48.

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 64/99 (ex NN 68/99) implimentata mill-Italja għall-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar (il-Grupp Tirrenia) (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 1).

([13]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

(24) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 ([14]), il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri mogħtija lil Tirrenia u lill-akkwirent tagħha CIN, għall-perjodu bejn l-2009 u l-2020.

2.1.2. *L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali*

(25) L-Artikolu 26 tad-Digriet Amministrattiv Nru 207 tat-30 ta' Diċembru 2008, ikkonvertit fil-Liġi Nru 14 tas-27 ta' Frar 2009, stabbilixxa l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali (inkluża dik applikabbli għal Toremar), li inizjalment kellhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2008, għal sena oħra, sal-31 ta' Diċembru 2009.

(26) Fid-dawl tal-privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia, l-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv Nru 135 tal-25 ta' Settembru 2009, ikkonvertit fil-Liġi Nru 166 tal-20 ta' Novembru 2009 ("il-Liġi tal-2009"), stabbilixxa t-trasferiment tal-parteċipazzjoni azzjonarja tal-kumpaniji reġjonali (minbarra Siremar) mill-kumpanija omm Tirrenia mingħajr ebda ħlas ta' korrispettiv kif ġej:

(a) Inizjalment, Caremar kellha tiġi ttrasferita lir-Reġjun tal-Campania. Sussegwentement dan tal-aħħar kellu jittrasferixxi lir-Reġjun tal-Lazio n-negozju avvjat ta' Caremar li jopera l-konnessjonijiet tat-trasport mal-arċipelagu ta' Pontino fuq bażi awtonoma taħt l-isem ta' Laziomar ([15]);

(b) Saremar kellha tiġi ttrasferita lir-Reġjun ta' Sardinja; u

(c) Toremar kellha tiġi ttrasferita lir-Reġjun tat-Toskana.

(27) Il-Liġi tal-2009 speċifikat ukoll li sal-31 ta' Diċembru 2009 kellhom jiġu miftiehma Konvenzjonijiet ġodda bejn l-Italja u Tirrenia u Siremar. Bl-istess mod, is-servizzi reġjonali kellhom jiġu sanċiti fl-abbozz tal-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku, li kellhom jiġu miftiehma bejn l-awtoritajiet reġjonali ta' Sardinja u tat-Toskana u Saremar u Toremar rispettivament sal-31 ta' Diċembru 2009 u bejn ir-reġjuni tal-Campania u tal-Lazio u Caremar u Laziomar rispettivament sat-28 ta' Frar 2010. L-abbozz tal-Konvenzjonijiet il-ġodda/tal-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku l-ġodda li għalihom kienet se toħroġ sejħa għall-offerti mal-kumpaniji nfushom u li kellhom jiġu ffirmati mal-akkwirenti malli tintemm il-privatizzazzjoni ta' kull waħda minn dawk il-kumpaniji. ([16])

(28) Għal dak il-għan, il-Liġi tal-2009 estendiet ulterjorment il-Konvenzjonijiet inizjali (inkluża dik applikabbli għal Toremar) mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.

(29) Il-Liġi tal-2009 stabbiliet ukoll limiti massimi għall-kumpens annwali għall-operat tas-servizzi li kellhom jibdew japplikaw mill-2010 (taħt l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali, kif ukoll taħt il-Konvenzjonijiet u l-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku l-ġodda), għal ammont totali ta' EUR 184 942 251, kif ġej:

Kumpanija	**Kumpens annwali massimu**
Tirrenia	EUR 72 685 642
Siremar	EUR 55 694 895
Saremar	EUR 13 686 441
Toremar	EUR 13 005 441
Caremar	EUR 29 869 832 ([1])

([1]) Li minnhom EUR 19 839 226 mill-Campania u EUR 10 030 606 mil-Lazio.

Tabella 1 – Kumpens massimu mill-2010

([14]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (11/C) (ex 11/NN) implimentati mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u għall-akkwirent tagħha Compagnia Italiana di Navigazione (ĠU L 332, 12.10.2020, p. 45).

([15]) Dan it-trasferiment ġie fformalizzat fl-1 ta' Ġunju 2011.

([16]) Il-paragrafu 10 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009.

(30) Fl-aħħar nett, l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 163 tal-1 ta' Ottubru 2010 li kkonverta d-Digriet Amministrattiv Nru 125 tal-5 ta' Awwissu 2010 ("il-Liġi tal-2010") stabbilixxa l-estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjonijiet inizjali (inkluża dik applikabbli għal Toremar) mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-tmiem tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar, li seħħew fid-19 ta' Lulju 2012 u fil-31 ta' Lulju 2012 rispettivament.

2.1.3. *Il-privatizzazzjoni ta' Toremar u l-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz il-ġdid*

(31) F'Jannar 2010, tnediet proċedura tal-offerti (ara t-Taqsima 2.3.2) sabiex jinstab akkwirent għal Toremar amalgamat mal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għall-provvista ta' servizzi marittimi fuq perjodu ta' 12-il sena inkambju għall-kumpens għal servizz pubbliku.

(32) Wara l-offerta rebbieħa tagħha fil-proċedura tal-offerti, Moby saret is-sid il-ġdid ta' Toremar. Il-kuntratt ta' bejgħ bejn ir-Reġjun tat-Toskana u Moby ġie ffirmat fit-2 ta' Jannar 2012. Fl-istess data, il-partijiet (inkluża Toremar) iffirmaw il-kuntratt ta' servizz il-ġdid għall-provvista ta' servizzi marittimi. Abbażi ta' dan, fit-2 ta' Jannar 2012 is-sjieda tal-ishma kollha ta' Toremar ġiet ittrasferita mir-Reġjun tat-Toskana lil Moby.

2.2. **Il-miżuri fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012**

(33) Il-miżuri li ġejjin kienu soġġetti għal valutazzjoni fil-proċedura ta' investigazzjoni formali li nfetħet permezz tad-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012:

(a) Il-kumpens għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI") taħt l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali (*il-miżura 1*);

(b) L-estensjoni illegali tal-għajnuna għas-salvataġġ minn Tirrenia u Siremar (*il-miżura 2*);

(c) Il-privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia ([17]) (*il-miżura 3*);

(d) Il-kumpens imħallas għall-operat ta' SGEI taħt il-Konvenzjonijiet/il-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku futuri (*il-miżura 4*);

(e) Il-prijorità tal-irmiġġ (*il-miżura 5*);

(f) Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010 li kkonvertiet id-Digriet Amministrattiv 125/2010 (*il-miżura 6*);

(g) Miżuri addizzjonali adottati mir-Reġjun ta' Sardinja favur Saremar (*il-miżura 7*);

(34) Bid-Deċiżjoni tagħha tal-2014, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri adottati mir-Reġjun ta' Sardinja favur Saremar imsemmija hawn fuq bħala l-Miżura 7 bl-eċċezzjoni ta' miżura waħda ([18]).

2.3. **Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri soġġetti għal din id-Deċiżjoni**

(35) Din id-Deċiżjoni tittratta biss il-miżuri 1, 3, 4, 5 u 6 kif elenkati fil-premessa (33) sa fejn dawn jinvolvu lil Toremar u lil Moby. Dawn il-miżuri huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsimiet li ġejjin.

2.3.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja*

2.3.1.1. L-obbligi ta' servizz pubbliku

(36) L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni inizjali ma' Toremar ippreveda li l-pjanijiet ta' ħames snin jiddeskrivu l-portijiet li kellhom jiġu servuti, it-tip ta' bastimenti li kellhom jintużaw u l-frekwenza meħtieġa tas-servizz u n-nollijiet li kellhom jitħallsu.

(37) L-ewwel pjan ta' ħames snin (bejn l-1990 u l-1994) għal Toremar ġie approvat bid-Digriet Ministerjali tad-29 ta' Mejju 1990, u ġie applikat retroattivament mill-1 ta' Jannar 1990. It-tieni pjan, li kien ikopri l-perjodu bejn l-1995 u l-1999 u li kien approvat bid-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Mejju 1996, ħalla r-rotot u l-frekwenzi kif kienu. Fir-rigward tal-perjodi bejn l-2000 u l-2004 u bejn l-2005 u l-2008, il-pjan tfassal iżda dan qatt ma ġie formalment approvat mill-ministeri kompetenti. Minflok, il-gvern ħa deċiżjonijiet *ad hoc* mill-gvern bil-għan li s-servizzi jkun aktar allinjati mal-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali, madankollu mingħajr ebda tibdil sostantiv għas-sistema tas-servizz pubbliku.

([17]) Din tinkludi l-pagament differit ta' parti mill-prezz tax-xiri għall-akkwiżizzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Tirrenia min-naħa ta' CIN u l-allegat diversi miżuri ta' għajnuna addizzjonali fil-kuntest tal-privatizzazzjoni tal-fergħa kummerċjali ta' Siremar (eż. kontrogaranzija u żieda tal-kapital mill-Istat għal CdI, l-entità li inizjalment akkwistat il-fergħa kummerċjali ta' Siremar).

([18]) B'mod partikolari, il-proġett Bonus Sardo – Vacanza, li jagħmel parti mill-Miżura 7, ma ġiex ivvalutat fid-Deċiżjoni tal-2014 u lanqas ma hu se jiġi vvalutat f'din id-Deċiżjoni.

(38) Abbażi tal-Konvenzjoni inizjali, kif estiża permezz tal-atti legali sussegwenti msemmija hawn fuq fil-premessi (25) sa (30), Toremar operat ir-rotot li ġejjin is-sena kollha:

— Fuq ir-rotta Livorno – Gorgona – Capraia Toremar ipprovdiet servizzi ta' trasport tal-passiġġieri u servizzi mħallta (passiġġieri u vetturi), b'servizz ta' darbtejn fil-ġimgħa lejn il-gżira ta' Gorgona u servizz ta' kuljum lejn il-gżira ta' Capraia. Matul ix-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu kien hemm operatur ieħor, Piccola Società Cooperativa Marittima Ligure Tirrena A.R.L., preżenti fuq r-rotta b'bastiment tal-passiġġieri ta' veloċità għolja biss. Madankollu, dik il-kumpanija waqfet topera r-rotta fl-2010.

— Fuq ir-rotta Piombino – Portoferraio (il-gżira ta' Elba) Toremar ipprovdiet servizzi mħallta ta' kuljum. Fuq din ir-rotta kien hemm ukoll Moby tikkompeti bi vjaġġi mħallta frekwenti s-sena kollha, kif ukoll żewġ parteċipanti ġodda, Blu Navy, li bdiet topera l-vjaġġi tagħha fl-2010 (minn April sa Ottubru) u Elba Ferries, li kienet topera biss matul l-istaġun tas-sajf.

— Fuq ir-rotta Piombino – Cavo – Portoferraio (il-gżira ta' Elba) Toremar kienet topera l-uniku servizz ta' trasport għall-passiġġieri, permezz ta' bastiment tal-idrofojl veloċi.

— Fuq ir-rotta Piombino – Rio Marina – Porto Azzurro – Pianosa (il-gżira ta' Elba) Toremar kienet l-uniku operatur li kien jipprovdi servizzi mħallta ta' kuljum lejn il-port ta' Rio Marina u servizz darba fil-ġimgħa lejn il-port ta' Pianosa.

— Fuq ir-rotta Porto S. Stefano – Il-Gżira ta' Giglio Toremar kienet tipprovdi servizzi mħallta ta' kuljum matul is-sena kollha. Fuq din ir-rotta kien hemm preżenti ukoll operatur ieħor, Maregiglio, b'servizzi mħallta fil-perjodu ta' bejn April u Novembru, b'medja ta' bejn żewġ u erba' vjaġġi kuljum f'Ottubru u f'Novembru u bejn sitt u tmin vjaġġi bejn April u Settembru.

2.3.1.2. Il-baġit u d-durata

(39) It-Tabella 2 hawn taħt turi l-ammont annwali ta' kumpens imħallas lil Toremar mill-Italja għall-perjodu bejn l-2009 u l-2011.

(40) Barra minn hekk, ir-Reġjun tat-Toskana kien irriżerva baġit addizzjonali ta' EUR 3 000 000 fis-sena li kellu jitħallas lil Toremar wara r-rapportar tad-dħul u tal-kostijiet attwali mġarrba fuq il-perjodu bejn l-2010 u l-2011. F'dawk is-snin, minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-għadd ta' passiġġieri naqas sostanzjalment, filwaqt li kien hemm żieda fil-kostijiet tal-fjuwil. Għalhekk, skont ir-Reġjun tat-Toskana, il-kumpens imħallas mill-baġit tal-Istat ċentrali ma kienx biżżejjed sabiex ikopri l-kost totali tas-servizz pubbliku.

Sena	Kumpens	Riżerva	Total
2009	13 572 035		13 572 035
2010	13 005 441	3 000 000	16 005 441
2011	13 005 441	3 000 000	16 005 441

Tabella 2 – Kumpens mogħti għall-perjodu bejn l-2009 u l-2011 (f'EUR)

(41) Il-Konvenzjoni inizjali tipprevedi li l-kumpens annwali tas-servizz pubbliku għandu jitħallas kif ġej: f'Marzu ta' kull sena jsir pagament inizjali bil-quddiem, ekwivalenti għal 70 % tal-kumpens imħallas is-sena preċedenti. It-tieni pagament, li jsir f'Ġunju, huwa ekwivalenti għal 20 % tal-kumpens. Id-differenza bejn l-ammonti mħallsa u d-defiċit bejn il-kostijiet operatorji u d-dħul matul is-sena kurrenti tikkostitwixxi l-bilanċ, li jitħallas sat-30 ta' Novembru. F'każ li Toremar tkun ingħatat somma akbar mill-kost nett tas-servizzi pprovduti (dħul nieqes it-telf), il-Konvenzjoni inizjali tipprevedi l-ħtieġa li Toremar tirrimborsa d-differenza. ([19])

— Kumpens mogħti fl-2009

([19]) Wara l-25 ta' Novembru 2010, permezz ta' deċiżjoni tal-Konferenza Interdipartimentali dwar it-twaqqif tas-sussidju annwali stabbilit skont l-Artikolu 11 tal-Liġi Nru 856/1986 bejn il-Ministeru għall-Infrastruttura u tat-Trasport, il-Ministeru għall-Ekonomija u tal-Finanzi, u l-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku (il-"Konferenza Interdipartimentali"), kwalunkwe kumpens żejjed jitnaqqas mill-avvanzi futuri tas-sussidji.

(42) Id-Digriet Presidenzjali Nru 501 tal-1 ta' Ġunju 1979 ("Digriet Nru 501/79") jispeċifika l-elementi varji (dħul u kostijiet) li jidħlu fil-kalkolu tas-sussidju mħallas lill-operaturi tas-servizz pubbliku marittimu. Barra minn hekk, il-Liġi Nru 856 tal-5 ta' Diċembru 1986 ("Liġi 856/86") ipprovdiet għal ċerti tibdiliet fis-sistema tal-obbligi ta' servizz pubbliku marittimu fl-Italja. Fir-rigward tal-konnessjonijiet ma' gżejjer maġġuri u minuri, l-Artikolu 11 tagħha emendat il-kriterji għall-kalkolu tal-kumpens għal servizz pubbliku. Tabilħaqq, is-sussidju kellu jiġi kkalkolat abbażi tad-differenza bejn id-dħul u l-kostijiet tas-servizz kif iddeterminati b'referenza għal parametri medji u oġġettivi, u kellu jinkludi redditu raġonevoli fuq il-kapital investit. L-Artikolu 11 jistabbilixxi wkoll li l-kuntratti ta' servizz pubbliku kellhom jinkludu l-lista tar-rotot sussidjati, il-frekwenza u t-tipi ta' vapuri li kellhom jintużaw. Is-sussidji kellhom jiġu approvati mill-Ministri responsabbli. Il-prinċipji stabbiliti fid-Digriet Presidenzjali Nru 501/79 u fil-Liġi Nru 856/86 kienu riflessi fil-Konvenzjonijiet inizjali.

(43) Fil-fatt, fl-2009, il-kumpens għall-implimentazzjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġie kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita mill-Konvenzjoni inizjali li kienet ilha fis-seħħ mill-1991 u li ġiet estiża wara d-data ta' skadenza inizjali tagħha tal-31 ta' Diċembru 2008. B'mod partikolari, il-kumpens kien jikkorrispondi għat-telf nett akkumulat fuq is-servizzi operati taħt is-sistema ta' servizz pubbliku, li miegħu żdied ammont varjabbli li jikkorrispondi għar-redditu fuq il-kapital investit.

(44) Id-diversi elementi tal-kostijiet li ġew ikkunsidrati sabiex jiġi kkalkolat il-kumpens definit mill-awtoritajiet pubbliċi kienu dawn li ġejjin: il-kostijiet tal-akkwist, tar-reklamar u tal-akkomodazzjoni, il-kostijiet tat-tagħbija, tal-ħatt u tal-manuvrar, il-kost tal-persunal amministrattiv fuq l-art, il-kostijiet tal-manutenzjoni tal-vapuri, il-kostijiet amministrattivi, il-kostijiet tal-assigurazzjoni, il-kostijiet tal-kera u tal-lokazzjoni, il-kostijiet tal-fjuwil, tat-taxxi u tad-deprezzament.

— Kumpens mogħti fl-2010 u fl-2011 u mill-2012

(45) Mill-2010, il-kumpens għall-operat tal-SGEI ġie ddeterminat bl-applikazzjoni ta' metodoloġija ġdida stabbilita fid-Direttiva CIPE ([20]) tad-9 ta' Novembru 2007 intitolata "*Kriterji għad-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku u d-dinamika tan-noll fis-settur tal-kabotaġġ marittimu ta' interess pubbliku*" ("id-Direttiva CIPE") ([21]). Skont il-preambolu, id-Direttiva CIPE nħarġet fid-dawl tal-privatizzazzjoni tal-kumpaniji pubbliċi li joperaw servizzi marittimi taħt sistema ta' servizz pubbliku ([22]). Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva CIPE ġew applikati fir-rigward tas-servizzi pprovduti mill-kumpaniji ta' Tirrenia Group mill-2010, anki qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjonijiet il-ġodda u tal-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku rispettivi wara l-privatizzazzjonijiet rispettivi.

(46) Il-metodu stabbilit fid-Direttiva CIPE jippermetti li l-kumpaniji li joperaw is-servizz pubbliku marittimu jkollhom redditu xieraq. Ir-rata tar-redditu fuq il-kapital tiġi ikkalkolata abbażi tal-kost medju ponderat tal-kapital ("WACC").

(47) Ir-redditu fuq l-ekwità ([23]) jiġi kkalkolat permezz tal-Mudell tal-Ipprezzar tal-Assi Kapitali ("CAPM"). Fuq il-bażi tas-CAPM, il-kost tal-ekwità jiġi derivat bħala funzjoni ta' (i) ir-rata mingħajr riskju, (ii) il-Beta (stima tal-profil tar-riskju tal-kumpanija meta mqabbel mas-suq tal-ekwità) u (iii) il-primjum tar-riskju ta' ekwità assenjat lis-suq tal-ekwità.

(48) B'mod partikolari, il-kost tal-ekwità jiġi kkalkolata bl-applikazzjoni ta' primjum għat-tiġrib ta' riskju żejjed fuq ir-rata ta' redditu fuq attivitajiet mingħajr riskju. Dan il-primjum jiġi kkalkolat bħala l-primjum tar-riskju tas-suq immultiplikat bil-Beta tiegħu, li jkejjel il-livell tar-riskju ta' attività speċifika relattivament għas-suq.

(49) Id-Direttiva CIPE tipprevedi li r-rata ta' redditu fuq attivitajiet mingħajr riskju tikkorrispondi għar-rendiment gross medju fuq bonds normattivi ta' għaxar snin b'referenza għat-12-il xahar preċedenti li għalihom ikun hemm *data* disponibbli.

(50) Id-Direttiva CIPE tistabbilixxi primjum tar-riskju tas-suq ta' 4 %. Barra minn hekk, fil-każ ta' servizz li jiġi operat fuq bażi mhux esklussiva, ir-riskju preżumibbilment ogħla mġarrab mill-operatur jiġi remunerat biż-żieda ta' 2,5 % addizzjonali għall-primjum tar-riskju tas-suq.

([20]) Comitato Interministeriale per la Programmazione Economica.

([21]) Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana ('GURI') Nru 50 tat-28 ta' Frar 2008.

([22]) Skont l-ittra 999 tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 296 tas-27 ta' Diċembru 2006 u l-ittra e) tal-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv 430/1997.

([23]) Ir-rata ta' redditu mixtieqa għal investitur tal-ekwità fid-dawl tal-profil tar-riskju tal-kumpanija u l-flussi ta' flus assoċjati.

(51) Madankollu, fil-prattika, l-ammont ta' kumpens imħallas lil Toremar ma jistax jaqbeż il-limitu massimu ta' EUR 13 005 441 fis-sena kif stabbilit bil-Liġi tal-2009 (ara l-premessa (29)). Għad li l-Liġi tal-2009 tistabbilixxi l-limiti massimi għall-kumpens annwali mħallas lill-kumpaniji kollha ta' Tirrenia għall-operat tas-servizzi marittimi soġġetti għas-sistema ta' servizz pubbliku, id-Direttiva CIPE fiha wkoll ċerti salvagwardji li jippermettu lil dawk l-operaturi jkopru b'mod suffiċjenti l-kostijiet operatorji tagħhom.

(52) B'mod partikolari, skont id-Direttiva CIPE, il-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi, in-nollijiet massimi stabbiliti mill-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid u l-kumpens effettivament mogħti jridu jkunu ddefiniti b'tali mod li jkopru l-kostijiet ammissibbli kollha tal-fornitur tas-servizz. Hija applikabbli l-formula li ġejja:

$$VA(RSP) + VA(AI(X)) = VA(CA)$$

fejn:

— *VA(RSP)* hija l-valur skontat tal-kumpens għall-qadi tal-obbligi ta' servizz pubbliku;

— *VA(AI(X))* hija l-valur skontat ta' dħul ieħor (rikavati min-nollijiet u oħrajn);

— *(VA(CA))* hija l-valur skontat tal-kostijiet operatorji ammissibbli, il-ħlas lura tad-dejn u r-redditu fuq il-kapital investit.

(53) Fil-każ li l-ekwazzjoni ta' hawn fuq ma tkunx valida, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet sussidjati jista' jitnaqqas, jew inkella tiġi rieżaminata l-organizzazzjoni tas-servizzi (eż. it-tip ta' vapuri) jew jiġu modifikati n-nollijiet massimi li jistgħu jiġu imposti.

(54) Barra minn hekk, il-limitu massimu tan-nollijiet applikabbli għal kull servizz, nett mit-taxxi u mid-dovuti tal-portijiet, jiġi aġġustat kull sena fuq il-bażi ta' formula tal-limitu massimu fuq il-prezzijiet kif ġej:

$$\Delta T = \Delta P - X$$

fejn:

— ΔT hija t-tibdil perċentwali annwali fil-limitu massimu tan-nollijiet;

— ΔP hija r-rata tal-inflazzjoni għas-sena ta' referenza;

— X hija rata annwali reali ta' aġġustament tan-nollijiet massimi, stabbilita fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, li tibqa' kostanti għad-durata kollha tal-kuntratt.

(55) Id-Direttiva CIPE tispeċifika wkoll li l-limitu massimu tan-nollijiet jista' jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-varjazzjonijiet fil-kostijiet tal-fjuwil, billi jittieħdu l-prezzijiet standard disponibbli pubblikament bħala referenza.

2.3.2. *Il-privatizzazzjoni ta' Toremar*

(56) Fit-13 ta' Jannar 2010, ir-Reġjun tat-Toskana ppubblika s-sejħa għall-offerti għall-bejgħ ta' Toremar u l-għoti ta' kumpens għal servizz pubbliku għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku fuq ir-rotot marittimi identifikati hawn fuq taħt il-premessa (38) fil-Ġurnal Uffiċjali tiegħu ([24]) u fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana ([25]). Barra minn hekk, dan l-avviż ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([26]) fl-14 ta' Jannar 2010 u f'diversi gazzetti nazzjonali ([27]).

(57) L-Italja għażlet il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20(1) tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi – id-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 (*il Codice dei Contratti pubblici*), li jixbah lill-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]) li jgħid li *"[k]untratti li għandhom bħala l-oġġettiv tagħhom servizzi elenkati fl-Anness II B [bħal servizzi ta' trasport bl-ilma] għandhom ikunu suġġetti biss għall-Artikolu 23 [speċifikazzjonijiet tekniċi] u l-Artikolu 35(4) [avviżi]"*. Il-kriterju tal-għoti magħżul kien dak tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

([24]) Bolletino Ufficiale della Regione Toscana (BURT) Nru 2, t-13 ta' Jannar 2010.
([25]) GURI, Nru 4, t-13 ta' Jannar 2010.
([26]) ĠU S/9/010860/2010.
([27]) Corriere della Sera, Il Sole 24Ore, La Repubblica u La Nazione.
([28]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

2.3.2.1. Il-proċedura ta' bejgħ u l-għoti finali

(58) Wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti, mal-iskadenza tat-terminu, 11-il parti kienu esprimew interess li jipparteċipaw, jiġifieri: Moby, Toscana di Navigazione S.r.l., Pigreco S.r.l., Sinven S.r.l., Vector S.r.l., Forship S.r.l., Medmar Navi S.p.a., Grandi Navi Veloci S.p.a., Buquebus Italia S.r.l., Loss Cipreses S.p.a. u Blu Navy/Transeuropa Ferries.

(59) Id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-11-il kumpanija kollha kkonfermat li kollha kemm huma ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-avviż tas-sejħa għall-offerti u għalhekk kollha ġew mistiedna jissottomettu offerta.

(60) L-istedina għas-sottomissjoni ta' offerta kien fiha l-abbozz tal-kuntratt il-ġdid ta' 12-il sena li kien se jiġi ffirmat bejn l-offerent rebbieħ u r-Reġjun tat-Toskana, u informazzjoni aktar dettaljata dwar il-proċedura tal-offerti. B'mod partikolari, l-ittra ta' stedina kkonfermat li għall-kuntratt ta' servizz kienet se tintgħażel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża li tikseb 20 punt għall-prezz, 70 punt għall-kwalità u 10 punti għal servizzi addizzjonali. Fir-rigward tal-prezz għall-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Toremar, l-ittra ta' stedina semmiet ammont fiss li jikkorrispondi għal EUR 10 258 397, li ġie kkalkolat abbażi ta' studju indipendenti, li vvaluta l-valur totali tal-assi ta' Toremar (ara l-premessi (65) sa (73)). Dan il-prezz ma kienx negozjabbli u ma kienx soġġett għall-offerta finanzjarja tal-offerenti

(61) Għalhekk, l-offerenti potenzjali kollha ntalbu jinkludu dan l-imsemmi ammont fiss għall-bejgħ ta' Toremar fl-offerta finanzjarja tagħhom, u min-naħa tiegħu r-Reġjun tat-Toskana imbagħad jagħżel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għall-offerta kollha kemm hi abbażi tal-prezz u kriterji oħra, prinċipalment ta' kwalità, tas-servizz kif stabbilit fl-ittra ta' stedina (ara l-premessa (60)).

(62) Il-11-il offerent ingħataw ukoll aċċess għal kmamar tad-*data* virtwali li kien fihom dawn li ġejjin:

(1) L-informazzjoni legali, teknika, finanzjarja u kummerċjali kollha dwar Toremar;

(2) L-informazzjoni dwar il-flotta, l-assi intanġibbli u l-proprjetà immobbli tal-kumpanija;

(3) L-informazzjoni kollha dwar il-kuntratti għall-provvista ta' servizzi u x-xiri ta' oġġetti;

(4) Il-proċeduri għall-għoti ta' punteġġi u l-formola teknika tal-offerta;

(5) Kull informazzjoni oħra meħtieġa sabiex l-akkwirenti potenzjali jkunu jistgħu jagħmlu valutazzjoni korretta tal-oġġett tal-bejgħ.

(63) Żewġ kumpaniji ppreżentaw offerta, jiġifieri Moby u Toscana di Navigazione, it-tnejn operaturi tat-tbaħħir stabbiliti fl-Italja. Id-disa' kumpaniji l-oħra ma kinux tefgħu offerta sad-data ta' skadenza.

(64) Wara l-evalwazzjoni tal-offerti, Toscana di Navigazione S.r.l. ġiet eskluża mill-proċedura, peress li l-offerta ekonomika li ppreżentat ma kinitx konsistenti mar-rekwiżiti tal-offerta teknika u tal-kapaċità finanzjarja fid-dokumentazzjoni tal-offerta. Għalhekk il-kuntratt ingħata lil Moby kemm fir-rigward tal-privatizzazzjoni tal-attività kummerċjali ta' Toremar kif ukoll tal-operat tas-servizzi marittimi (ara t-Taqsima 2.3.3).

2.3.2.2. Il-kuntratt ta' bejgħ

(65) Minħabba n-natura tas-sejħa għall-offerti, bil-għan li tiġi identifikata l-aktar offerta kompetittiva, ir-Reġjun tat-Toskana għażel li jiddefinixxi ammont fiss għall-prezz tal-kapital azzjonarju ta' Toremar.

(66) Il-kuntratt ta' bejgħ ġie ffirmat fit-2 ta' Jannar 2012 u jiddefinixxi t-trasferiment tal-ishma ta' Toremar lil Moby għall-prezz fiss ta' EUR 10 258 397. Dan l-ammont jitħallas f'għaxar pagamenti annwali bl-ewwel wieħed fl-aħħar tal-ewwel sena tal-kuntratt, jiġifieri t-2 ta' Jannar 2013.

(67) Il-prezz fiss ta' EUR 10 258 397 għal 100 % tal-ishma ta' Toremar ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' evalwazzjoni esperta indipendenti kkummissjonata mir-Reġjun tat-Toskana u mħejjija minn Fidi Toscana S.p.A. ("ir-rapport Fidi").

(68) L-ammont jirreferi għall-valur tal-assi tanġibbli, tal-bini, tal-bastimenti, tal-assi fissi tanġibbli u finanzjarji oħrajn u riċevibbli oħrajn tal-kumpanija fit-30 ta' Ġunju 2010. L-assi intanġibbli (eż. il-konċessjonijiet, l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzji, it-trademarks eċċ.) kienu esklużi mill-evalwazzjoni, u tħallew għad-diskrezzjoni tal-offerenti. Imbagħad l-ammont kien soġġett għal emendi bħala riżultat tad-differenza bejn il-valur kontabilistiku nett tal-ishma fit-30 ta' Ġunju 2010 u l-valur tas-suq tal-ishma ([29]).

(69) Dan l-imsemmi ammont fuq jinkludi wkoll kreditu ta' EUR 9 772 572 iddikjarat minn Tirrenia ("il-kreditu").

(70) Skont l-Artikolu 1(5) u (6) tal-kuntratt ta' bejgħ, b'referenza għall-ewwel pagament parzjali, Moby ddikjarat li ħallset l-ammont ta' EUR 485 825 bil-quddiem lir-Reġjun tat-Toskana, li huwa ekwivalenti għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ u l-kreditu.

(71) Skont l-Artikolu 1(3) tal-kuntratt ta' bejgħ, il-ħlas tal-prezz stabbilit - ħlief għal dak li jitħallas bil-quddiem - huwa soġġett għall-ħlas tal-ammont ta' EUR 9 772 572 dovut lil Toremar minn Tirrenia ([30]). Skont l-Artikolu 4(3) tal-kuntratt ta' bejgħ, f'każ li l-ammont ta' kreditu ma jiġix irkuprat, Moby tibqa' obbligata tittrasferixxi l-kreditu (jew kwalunkwe kreditu residwu) lir-Reġjun tat-Toskana fi kwalunkwe ħin sakemm jiskadi l-kuntratt ta' servizz ([31]).

(72) Skont l-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' bejgħ, Moby hija obbligata tinnotifika lir-Reġjun tat-Toskana dwar kull bejgħ tal-ishma ta' Toremar lill-partijiet terzi, madankollu hija tibqa' solidalment responsabbli mal-akkwirent il-ġdid ta' Toremar, f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi tal-kuntratt ta' servizz.

(73) Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 5 tal-kuntratt ta' bejgħ, il-Banca Popolare di Milano tat garanzija favur ir-Reġjun tat-Toskana li tkopri l-prezz tal-bejgħ kollu tal-ishma ta' Toremar (inkluż l-obbligu tal-akkwirent li jittrasferixxi kwalunkwe ammont ta' kreditu li jkun għadu ma ġiex irkuprat minn Tirrenia).

2.3.2.3. Proċedimenti fuq livell nazzjonali

(74) L-eżitu tal-offerta għall-għoti tal-operat ta' Toremar u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku lil Moby kien is-suġġett ta' diversi proċedimenti quddiem il-qrati nazzjonali.

(75) Toscana di Navigazione S.r.l., l-offerent esklużż u l-ilmentatur f'dawn il-proċedimenti, ikkontestat il-legalità tal-esklużjoni tagħha mill-proċedura tal-offerti quddiem il-qrati nazzjonali. Inizjalment, l-ilmentatur ippreżenta applikazzjoni għal miżuri proviżorji quddiem il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tat-Toskana. Din tal-aħħar, permezz tad-Digriet Nru 774 tal-14 ta' Lulju 2011, ċaħdet l-applikazzjoni. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata f'appell mill-Kunsill tal-Istat bid-Digriet tiegħu Nru 3666 tal-31 ta' Awwissu 2011, li b'mod partikolari enfasizza li l-offerta ekonomika ppreżentata mill-kumpanija ma kinitx kompluta, f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi addizzjonali li kellhom jitwettqu u l-fatt li ma kinitx stabbilita fuq bażi annwali, u bħala tali, ma setax jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' rivalutazzjoni previst fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

(76) Sussegwentement Toscana di Navigazione S.r.l. appellat l-eżitu tal-proċedura tal-offerti quddiem il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tat-Toskana, li ċaħdet l-appell permezz tad-Digriet Nru 414 tal-1 ta' Marzu 2012, li kkonferma li l-offerta tal-kumpanija ma kinitx konsistenti mar-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti.

([29]) Minħabba ż-żmien meħtieġ għall-proċedura tal-offerti, ir-rapport Fidi bbaża ruħu fuq is-suppożizzjoni li t-trasferiment effettiv tal-ishma ma setax isir qabel l-aħħar tal-2010. Bħala riżultat ta' dan, il-valur kontabilistiku nett tal-assi kif stabbilit fit-30 ta' Ġunju 2010 kien se jkollu bżonn jiġi mmodifikat sabiex jitqies il-valur tas-suq tal-assi fil-mument tat-trasferiment effettiv. L-evalwazzjoni tal-valur tas-suq tal-assi saret minn evalwatur esperti indipendenti ieħor. Dik l-evalwazzjoni ma kinitx relatata mal-kalkolu tal-prezz tal-bejgħ tal-ishma ta' Toremar, iżda mal-kalkolu tal-valur tal-assi ta' Toremar.

([30]) Skont l-Italja, fl-Artikolu 4 tal-Liġi tal-2009 (ara l-premessa (26)) ipprevediet impenn mill-Ministeru għall-Finanzi Taljan sabiex jiġi żgurat li, matul il-proċess ta' privatizzazzjoni, isir provvediment sabiex *"l-akkwirent ta' Tirrenia SpA u ta' Siremar SpA jintrabat li jitħallas kwalunkwe dejn lil Toremar SpA fi żmien 60 jum mit-trasferiment"*. Meta Tirrenia daħlet f'amministrazzjoni straordinarja (ara f'dan ir-rigward id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 fil-każijiet SA.32014, SA.32015, SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u l-akkwirent tagħha Compagnia Italiana di Navigazione, ir-Reġjun tat-Toskana, sabiex jiġi evitat l-impatt negattiv fuq il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Toremar, inkluda din il-klawżola fil-kuntratt ta' bejgħ li tirrendi l-ħlas tal-parti tal-prezz li tikkorrispondi għall-pretensjoni, soġġett għall-ħlas tal-pretensjoni minn Tirrenia. Il-parteċipanti kollha kienu ġew mgħarrfa dwar din il-klawżola fil-proċedura tal-offerti.

([31]) Abbażi tal-aktar informazzjoni riċenti li waslet l-Italja, sa issa din il-pretensjoni għadha ma ġietx irkuprata. Din ġiet ammessa fil-lista ta' pretensjonijiet mhux garantiti mill-Qorti Ċivili ta' Ruma, bħala parti mill-proċedura amministrattiva straordinarja.

(77) Toscana di Navigazione S.r.l. appellat din is-sentenza quddiem il-Kunsill tal-Istat, li, permezz tad-Digriet Nru 83/2015, iddeċieda favur il-kumpanija, u talab lir-Reġjun tat-Toskana jirrevedi l-proċedura tal-offerti tiegħu u jirrevedi r-rekwiżiti tiegħu. Wara awditjar li sar mir-Reġjun tat-Toskana, ġie adottat id-Digriet Nru 1312 tat-30 ta' Marzu 2015, li kkonferma d-deċiżjoni tar-Reġjun tat-Toskana li jeskludi l-kumpanija mill-proċedura tal-offerti, peress li r-rekwiżiti ta' kapaċità teknika, ekonomika u finanzjarja għall-parteċipazzjoni fl-offerta ma ġewx ippruvati.

(78) Toscana di Navigazione S.r.l. appellat kontra d-Digriet Nru 1312 tat-30 ta' Marzu 2015 quddiem il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tat-Toskana, li ċaħad l-appell permezz tad-Digriet Nru 1446 tas-26 ta' Ottubru 2015. Dan tal-aħħar ġie finalment ikkonfermat mill-Kunsill tal-Istat permezz tad-Digriet Nru 3347/2016.

2.3.3. *Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tat-Toskana u Moby/Toremar*

2.3.3.1. Il-benefiċjarju

(79) Kif imsemmi fil-premessa (63), Moby u Toscana di Navigazione ppreżentaw offerta għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Wara l-esklużjoni tal-kumpanija Toscana di Navigazione, Moby/Toremar ([32]) iffirmaw il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mar-Reġjun tat-Toskana għall-operat tar-rotot marittimi fit-2 ta' Jannar 2012.

(80) Skont l-Artikolu 1(2) tal-kuntratt ta' servizz il-ġdid, Moby għandha twettaq is-servizzi stipulati fil-kuntratt esklussivament permezz ta' Toremar.

2.3.3.2. Ir-rotot

(81) Moby/Toremar tipprovdi servizzi għall-passiġġieri kif ukoll servizzi mħallta (passiġġieri u karozzi) taħt ir-reġim ta' servizz pubbliku fuq diversi rotot ta' kabotaġġ marittimu kif ġej:

Livorno – Gorgona – Capraia **(Il-Linja A1)**
Piombino – Portoferraio (il-gżira ta' Elba) **(Il-Linja A2)**
Piombino – Cavo – Portoferraio (il-gżira ta' Elba) **(Il-Linja A2 veloċi)**
Piombino – Rio Marina – Porto Azzurro – Pianosa (il-gżira ta' Elba) **(Il-Linja A3)**
Porto S. Stefano – Il-Gżira ta' Giglio **(Il-Linja A4)**
Porto S. Stefano – Giannutri **(Il-Linja A5)**

Tabella 3 – Network ta' rotot operati minn Moby/Toremar taħt il-kuntratt ta' servizz il-ġdid

2.3.3.3. Id-durata

(82) Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tat-Toskana u Moby/Toremar għandu durata ta' 12-il sena (bejn l-2012 u l-2024).

2.3.3.4. L-obbligi ta' servizz pubbliku

(83) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-kuntratt ma' Moby/Toremar jirrigwardaw fost l-oħrajn il-portijiet moqdija, it-tip u l-kapaċità tal-bastimenti assenjati lir-rotot marittimi operati, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet massimi.

([32]) Il-kuntratt għall-għoti tas-servizzi ta' kabotaġġ marittimu li jgħaqqdu l-gżejjer tal-Arċipelagu Toskan ġie konkluż bejn min-naħa waħda r-Reġjun tat-Toskana u min-naħa l-oħra Moby u Toremar. Għaldaqstant, fit-taqsimiet kollha li jirrigwardaw il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, id-deċiżjoni se tkun qiegħda tirreferi għaż-żewġ kumpaniji (bħala "Moby/Toremar").

2.3.3.5. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens u l-għoti finali

(84) Fil-proċedura tal-offerti, l-ammont tal-kumpens annwali taħt il-kuntratt il-ġdid għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku fuq ir-rotot marittimi identifikati taħt il-premessa (81) kien limitat għal EUR 14 550 400 (li jammonta għal EUR 174 604 810 tul il-perjodu ta' 12-il sena tal-kuntratt). Dan il-valur ġie ddeterminat mis-somma ta' dawn li ġejjin: EUR 13 005 441 kif stabbilit mil-Liġi tal-2009 (ara l-premessa (29)) flimkien ma' żieda ta' EUR 1 544 959, kif previst fil-paragrafu 16(d) tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009) minħabba l-investimenti sinifikanti li l-operatur kien se jkollu jagħmel tul il-perjodu sħiħ tal-kuntratt.

(85) L-ammont tal-kumpens ġie ddeterminat abbażi tal-metodoloġija stabbilita mid-Direttiva CIPE (ara l-premessi (45) sa (55)). Is-salvagwardji stabbiliti mid-Direttiva CIPE ġew riflessi fil-kuntratt ta' servizz il-ġdid.

(86) Skont l-Artikolu 4(2) tal-kuntratt ta' servizz, il-kumpens annwali li kellu jitħallas lil Moby/Toremar ġie stmat li jlaħħaq EUR 13 333 318. Madankollu, skont l-Artikolu 4(3) tal-kuntratt ta' servizz, il-kumpens li effettivament jitħallas lil Moby/Toremar jiġi ddeterminat abbażi tas-servizz effettivament imwettaq (jiġifieri l-prezz għal kull mil għal kull rotta), b'kont meħud tar-riskji involuti (kummerċjali u industrijali) kif stabbilit fil-kuntratt (eż. tnaqqis fil-kumpens f'każ li l-kumpanija ma tagħmilx vjaġġi, penali f'każ li jitwaqqfu xi servizzi ta' konnessjoni, eċċ.).

(87) Il-kuntratt ta' servizz jipprevedi kumpens li ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu koperti l-kostijiet netti mġarrba għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku (bilanċ ekonomiku-finanzjarju). F'każ ta' devjazzjonijiet minn dan l-ekwilibriju kuntrattwali, fl-Artikolu 26 il-kuntratt ta' servizz jipprevedi mekkaniżmu ta' riekwilibriju li jevalwa l-parametri kollha marbuta mal-ħlas tal-kumpens. Għalhekk, f'każ li, bħala riżultat ta' bidla materjali ([33]) fil-parametri ekonomiċi li fuqhom il-kumpens huwa bbażat, l-ammont tal-kumpens ma jkunx biżżejjed sabiex ikopri l-kostijiet kollha mġarrba fil-provvista tas-servizz, il-kuntratt ta' servizz il-ġdid jippermetti li ssir reviżjoni tal-parametri ewlenin tal-kumpens, jiġifieri: (i) is-sistema tan-nollijiet; (ii) il-livell tas-servizzi pubbliċi offruti; (iii) il-livell tal-prezzijiet massimi annwali; u (iv) l-għotjiet kapitali għall-investimenti.

(88) Skont l-Artikolu 4(4), (5) u (6) tal-kuntratt ta' servizz, il-kumpens imħallas lill-operatur għandu jitnaqqas bi 80 % fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi minħabba strajk mill-impjegati u bi 30 % fil-każ ta' avvenimenti mhux previsti, filwaqt li n-noneżekuzzjoni tas-servizzi għandu jwassal għall-ħlas ta' penali mill-operatur.

(89) Skont l-Artikolu 24 tal-kuntratt ta' servizz, l-operatur huwa meħtieġ jimplimenta sistema ta' monitoraġġ tekniku, ekonomiku u ta' ġestjoni, li abbażi tagħha r-rapporti annwali tal-introjtu relatati mas-servizz ipprovdut abbażi tal-kuntratt ta' servizz jintbagħtu lill-awtoritajiet reġjonali għall-verifika.

2.3.4. *Il-prijorità tal-irmiġġ*

(90) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009 stabbilixxa li, sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità territorjali mal-ġejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħhom, il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar, iżommu l-irmiġġ li diġà ġie allokat u l-prijorità fl-allokazzjoni ta' slots ġodda f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Awtoritajiet Marittimi kif stabbiliti bil-Liġi Nru 84 tat-28 ta' Jannar 1994 u mill-Kodiċi Marittimu Taljan.

([33]) L-Artikolu 26(2) jiddikjara li: "Devjazzjoni pożittiva jew negattiva fil-bilanċ ekonomiku u finanzjarju tista' tiġi kkawżata minn:
(a) Ineffiċjenzi fil-ġestjoni;
(b) Komunikazzjoni żbaljata mill-Kumpanija tas-servizzi effettivament prodotta sabiex jiġi determinat il-prezz annwali;
(c) Kundizzjonijiet tas-suq eċċezzjonalment sfavorevoli li ma jiddependux fuq il-Kumpanija, li jwasslu għal deterjorament tal-kundizzjonijiet operattivi u bħala konsegwenza ta' dan f'kostijiet operatorji ogħla jew fi dħul aktar baxx min-nollijiet, tali li jirriżultaw f'bidla negattiva ta' aktar minn 10 % fl-introjtu operatorju.
(d) Modifiki finanzjarji;
(e) Emendi ta' liġijiet jew ta' regolamenti li jistabbilixxu kundizzjonijiet ġodda għas-servizz previst fil-kuntratt;
(f) Investimenti ġodda meħtieġa mir-Reġjun li għandhom isiru permezz ta' riżorsi pubbliċi previsti fl-Artikolu 20;
(g) Modifika tas-sistema tan-nollijiet skont l-Artikolu 13;
(h) Kundizzjonijiet tas-suq eċċezzjonalment favorevoli li jwasslu għal żieda ta' aktar minn 10 % fl-introjtu operatorju;
(i) Żidiet fil-kost unitarju tal-persunal għall-konformità mas-CCNL [Ftehim Kollettiv Nazzjonali dwar ix-Xogħol] u mas-saħħa ta' negozjar tal-kumpanija dwar il-pensjonijiet supplimentari". (Traduzzjoni mhux uffiċjali tal-Kummissjoni).

2.3.5. *Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010*

(91) Il-Liġi tal-2010 stabbiliet il-possibbiltà li l-impriżi tal-ex Grupp Tirrenia jużaw, fuq bażi temporanja, ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati ([34]) għat-titjib u għall-modernizzazzjoni tal-flotta sabiex ikopru eżiġenzi urġenti ta' likwidità. Madankollu, l-impriżi tal-ex Grupp Tirrenia li jagħmlu użu minn din il-possibbiltà kienu meħtieġa jerġgħu jimlew dawn il-fondi ddedikati, sabiex xorta jkunu jistgħu jagħmlu t-titjib neċessarju għall-vapuri tagħhom. Dawn l-aġġornamenti kienu meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati standards internazzjonali ġodda tas-sikurezza wara l-Ftehim ta' Stokkolma tal-1996 ([35]).

(92) B'mod partikolari, minn żewġ faċilitajiet ([36]) twarrbu EUR 23 750 000 għall-finanzjament tat-titjib fil-Grupp Tirrenia kollu. Toremar ġiet allokata EUR 1 617 300 minn dan l-ammont, li użat sabiex ittejjeb il-flotta tagħha (ara l-premessa (138)).

(93) Barra minn hekk, l-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010 stabbilixxa wkoll dan li ġej:

(a) L-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Ottubru 2010 sakemm jintemm il-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar (ara wkoll il-premessa (30));

(b) L-emendar tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009 ikkonvertit b'modifiki fil-Liġi tal-2009, permezz tal-introduzzjoni tal-paragrafu 24a. Skont dak il-paragrafu, l-atti u l-operazzjonijiet uffiċjali kollha fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 15 tal-Liġi tal-2009 jibbenefikaw minn eżenzjonijiet fiskali. Dawn il-paragrafi huma relatati mal-liberalizzazzjoni tas-settur tal-kabotaġġ marittimu permezz tal-privatizzazzjoni ta' Tirrenia Group, inkluż il-pass preparatorju tagħha, jiġifieri t-trasferiment tal-kumpaniji reġjonali lir-reġjuni rispettivi;

(c) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku u sabiex jiġi appoġġat il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, ir-reġjuni inkwistjoni jużaw ir-riżorsi tal-*Fondo Aree Sottoutilizzate* ('FAS') ([37]) skont id-Direttiva CIPE ([38]).

2.4. **Il-proċedura ta' ksur Nru 2007/4609**

(94) Wara l-iskambji preċedenti bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u tal-Italja, fid-19 ta' Diċembru 2008 id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u għat-trasport bagħat talba għall-informazzjoni lill-Italja. Din it-talba kienet tikkonċerna fost affarijiet oħra, ħarsa ġenerali lejn ir-rotot tas-servizz pubbliku f'dak iż-żmien u l-mandat tas-servizz pubbliku li l-Italja kienet tipprevedi skont il-Konvenzjonijiet il-ġodda proposti. Barra minn hekk, l-Italja ntalbet tipprovdi aktar dettalji dwar il-pjanijiet ta' privatizzazzjoni għal Tirrenia Group.

(95) Fl-ittra tagħha tat-28 ta' April 2009, l-Italja tat tweġiba dettaljata għat-talba tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008. F'din l-ittra, fost affarijiet oħra, l-Italja ddikjarat dan li ġej:

(1) l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali sal-31 ta' Diċembru 2009 kienet meħtieġa sabiex tinkiseb il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-kabotaġġ marittimu fl-Italja permezz tal-privatizzazzjoni tal-Grupp Tirrenia;

(2) il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lill-Grupp Tirrenia kien neċessarju sabiex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali mal-gżejjer permezz ta' konnessjonijiet marittimi li ma kinux qegħdin jiġu pprovduti b'mod sodisfaċenti mill-operaturi privati fis-suq;

([34]) Kif stipulat fil-paragrafu 13a tal-Artikolu 19 tad-Digriet Amministrattiv 78/2009, li ġie kkonvertit fil-Liġi 102/2009 ("il-Liġi 102/2009"), u fil-paragrafu 19 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009.

([35]) Imbagħad, dawn l-istandards tas-sikurezza ġew spjegati fid-dettall fid-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE tas-17 ta' Marzu 1998, trasposta permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 45 tal-4 ta' Frar 2000, u fid-Direttiva 2003/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003, trasposta bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 52 tat-8 ta' Marzu 2005 u fid-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, trasposta bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 65 tal-14 ta' Marzu 2005.

([36]) Il-fondi kollha (jiġifieri EUR 7 000 000) previsti skont il-paragrafu 19 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009 u EUR 16 750 000 mill-fondi previsti mil-Liġi 102/2009.

([37]) Il-Fond għal Żoni Sottoutilizzati (*Fondo Aree Sottoutilizzate*) huwa fond nazzjonali li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika Reġjonali Taljana. Ir-riżorsi tiegħu huma primarjament allokati għal reġjuni identifikati bħala tali mill-Italja.

([38]) *Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana*, Nru 137 tas-16 ta' Ġunju 2009.

(3) proċess ta' razzjonalizzazzjoni dettaljat tar-rotot kien ġie konkluż fl-10 ta' Marzu 2009. Dan il-proċess qies l-aspetti soċjali, ekonomiċi u okkupazzjonali rilevanti, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-konnessjonijiet essenzjali għall-kontinwità territorjali u kien jinkludi konsultazzjoni mas-sitt Reġjuni kkonċernati. Din ir-razzjonalizzazzjoni tkun tirriżulta fit-tnaqqis ta' madwar EUR 66 miljun fil-kost nett tas-servizz pubbliku u fl-għoti tas-sensja lil madwar 600 membru tal-ekwipaġġ għal Tirrenia Group kollu. L-Italja fakkret ukoll li r-razzjonalizzazzjoni tal-2009 ikkomplementat sforzi preċedenti (fl-2004, fl-2006 u fl-2008) sabiex jitnaqqsu s-servizzi operati minn Tirrenia Group;

(4) l-objettivi kienu li (i) jinżammu l-konnessjonijiet meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali ma' u bejn il-gżejjer u l-Italja kontinentali, u d-dritt għas-saħħa, għall-istudju u għall-mobilità, (ii) jiġu razzjonalizzati l-konnessjonijiet fejn kien hemm operaturi privati li kienu jipprovdu l-istess konnessjonijiet matul l-istess perjodu ta' żmien, b'garanziji simili ta' kwalità u ta' kontinwità, u (iii) jiġu razzjonalizzati l-konnessjonijiet tas-sajf u l-konnessjonijiet veloċi li jittrasportaw persuni biss;

(5) fl-ittra, l-Italja tat ħarsa ġenerali tar-rotot operati mill-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia matul l-2008 u l-għadd imnaqqas ta' rotot li l-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia kienu se joperaw fl-2009. Skont l-Italja, dawn ir-rotot tal-aħħar kienu se jkunu l-bażi għall-Konvenzjonijiet il-ġodda li kellhom jiġu konklużi mas-sidien il-ġodda tal-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia.

(96) Fil-21 ta' Diċembru 2009, id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u għat-trasport bagħat ittra lill-Italja fejn fost l-oħrajn innota li fid-dawl tar-rivoluzzjoni radikali fis-settur tal-kabotaġġ marittimu fl-Italja, u minħabba l-impatt soċjali konsiderevoli li kienet tkun tinvolvi l-privatizzazzjoni, li kieku l-offerti kellhom jitwettqu fuq bażi sempliċi ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, l-għoti b'sejħiet għall-offerti għall-kumpaniji tat-tbaħħir li għandhom dawn il-kuntratti kien aċċettabbli - fil-prinċipju u bħala eċċezzjoni - għall-iskop li tiġi żgurata l-konformità mal-kriterju ta' nondiskriminazzjoni fost is-sidien tal-vapuri tal-Komunità stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 ([39]) ("ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu").

(97) Fid-29 ta' Jannar 2010 ([40]), il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni dwar l-implimentazzjoni ħażina tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu. F'din l-ittra, il-Kummissjoni fakkret li dak ir-Regolament jirrikjedi li kull meta Stat Membru jikkonkludi kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligi ta' servizz pubbliku, huwa għandu jagħmel dan fuq bażi nondiskriminatorja fil-konfront tas-sidien tal-vapuri tal-Komunità kollha. L-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li kuntratti eżistenti ta' servizz pubbliku jistgħu jibqgħu fis-seħħ sad-data ta' meta jiskadi l-kuntratt rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-kumpaniji ta' Tirrenia Group komplew joperaw servizzi tat-trasport marittimu wara l-iskadenza tal-kuntratti rispettivi ta' servizz pubbliku (il-Konvenzjonijiet inizjali). B'mod partikolari, dawn il-Konvenzjonijiet kellhom jiskadu fl-aħħar tal-2008 iżda ġew estiżi b'mod ripetut mill-Italja. Għalhekk, il-Kummissjoni stiednet lill-Italja sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

(98) Ukoll fid-29 ta' Jannar 2010, id-Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-enerġija u għat-trasport wieġeb għall-ittra tal-Italja tat-22 ta' Jannar 2010. Id-Direttur Ġenerali enfasizza li t-tweġiba tiegħu kienet tikkonċerna biss il-konformità mar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u mhux kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat. F'dan l-isfond, id-Direttur Ġenerali indika li l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti dwar ċerti rotot kienu biżżejjed sabiex ineħħu d-dubji espressi qabel. Id-Direttur Ġenerali fakkar li l-kuntratti ta' servizz pubbliku jistgħu jkopru biss rotot li għalihom hemm falliment tas-suq.

(99) Fid-29 ta' Marzu 2010, l-Italja wieġbet għall-ittra ta' intimazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2010. Fit-tweġiba tagħha, fost affarijiet oħra, l-Italja ċċarat li fil-proċedura tal-offerti għal Toremar, 11-il parti interessata kienu se jieħdu sehem fil-fażijiet li jmiss ta' din il-proċedura.

(100) Fl-10 ta' Settembru 2010, waqt laqgħa *ad hoc*, l-Italja informat lill-Kummissjoni li anke l-proċedura kompetittiva għall-kuntratt ta' fost l-oħrajn Toremar kienet ġiet differita. Sussegwentement, il-Liġi Nru 163 tal-1 ta' Ottubru 2010 estendiet ulterjorment il-Konvenzjonijiet inizjali sat-tlestija tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar (ara wkoll il-premessa (30)).

([39]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu). Il-Kummissjoni tinnota li r-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ma jirrikjedix li l-Istati Membri jipprivatizzaw il-kumpaniji tat-trasport marittimu tagħhom iżda jilliberalizzaw biss dan is-suq speċifiku.

([40]) L-ittra ta' intimazzjoni ġiet adottata fit-28 ta' Jannar 2010 iżda kien biss l-għada li din ġiet innotifikata lill-Italja.

(101) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, fl-24 ta' Novembru 2010 il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni komplementari. F'din l-ittra, il-Kummissjoni ddikjarat dan li ġej:

(a) il-Konvenzjoni inizjali ta' fost l-oħrajn Toremar ġiet estiża awtomatikament u mingħajr ebda proċedura kompetittiva;

(b) filwaqt li l-kuntratti ta' servizz pubbliku inkwistjoni komplew jiġu applikati, ma kinitx ġiet finalizzata l-proċedura kompetittiva għal, fost l-oħrajn, Toremar;

(c) irriżervat id-dritt tagħha li tippubblika opinjoni motivata jekk ikun meħtieġ (filwaqt li tqis kwalunkwe kumment li setgħet tagħmel l-Italja).

(102) Permezz ta' ittra tal-15 ta' Lulju 2016, l-Italja informat lill-Kummissjoni li l-privatizzazzjoni tal-kumpaniji kollha tal-ex Grupp Tirrenia kienet tlestiet. Fit-8 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' ksur.

3. IR-RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU U GĦALL-ESTENSJONI TAL-PROĊEDURA

3.1. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja

3.1.1. *L-osservanza ta' Altmark u l-eżistenza ta' għajnuna*

(103) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li d-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku ma kinitx ċara biżżejjed u għalhekk, ma kinitx tippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi b'mod definittiv jekk kienx fiha żbalji manifesti. B'mod partikolari, f'dak l-istadju l-Kummissjoni ma kellhiex stampa sħiħa tal-obbligi effettivament imposti fuq Toremar għall-operat tar-rotot inkwistjoni meta mqabbla mas-servizzi offruti mill-kompetituri fuq uħud minn dawk ir-rotot.

(104) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li t-tieni kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ([41]) kienet osservata minħabba li l-parametri li fuqhom ġie bbażat il-kalkolu tal-kumpens kienu ġew stabbiliti bil-quddiem u r-rekwiżiti ta' trasparenza kienu ġew osservati. B'mod partikolari, il-Kummissjoni nnotat li dawn il-parametri huma deskritti fil-Konvenzjoni inizjali (għall-kumpens li jikkonċerna s-sena 2009) u fid-Direttiva CIPE (għall-kumpens mill-2010 'il quddiem).

(105) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li t-tielet kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ma kinitx tidher li ġiet osservata u li l-operaturi setgħu ġew ikkumpensati żżejjed għat-twettiq tal-kompiti ta' servizz pubbliku. B'mod partikolari, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-primjum tar-riskju ta' 6,5 %, li beda' japplika mill-2010 'il quddiem, jirriflettix livell xieraq ta' riskju peress li mal-ewwel daqqa t'għajn ma kienx jidher illi Toremar kienet qiegħda tassumi r-riskji li normalment jiġu mġarrba fl-operat ta' tali servizzi.

(106) Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma preliminari li r-raba' kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* ma kinitx osservata peress li l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ma kinitx soġġetta għal sejħa għall-offerti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li ma kienet irċeviet l-ebda evidenza insostenn tal-argument li fil-fatt Toremar kienet ipprovdiet is-servizzi inkwistjoni bl-anqas kost għall-komunità.

(107) Għalhekk, fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-kumpens għal servizz pubbliku mħallas lil Toremar bejn l-2009 u l-2011 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li din l-għajnuna jenħtieġ li titqies bħala għajnuna ġdida.

3.1.2. *Il-kompatibbiltà*

(108) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens għal servizz pubbliku għas-snin bejn l-2009 u l-2011 ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 ([42]) u lanqas tal-Qafas SGEI tal-2005 ([43]). Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat din il-miżura direttament skont l-Artikolu 106(2) TFUE u sabet li kellha dubji dwar jekk kinux issodisfati l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà applikabbli.

([41]) Ara s-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans*, ECLI:EU:C:2003:415.

([42]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE rigward għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67).

([43]) Il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku [Traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4).

(109) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni nnotat li fil-31 ta' Jannar 2012, kien daħal fis-seħħ pakkett SGEI ġdid li jikkonsisti fid-Deċiżjoni SGEI tal-2011 ([44]) u l-Qafas SGEI tal-2011 ([45]). Madankollu, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens tas-servizz pubbliku skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ma setax jitqies kompatibbli mas-suq intern u jiġi eżentat mir-rekwiżit ta' notifika skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(110) Il-Liġi tal-2010 kienet tipprevedi l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali mit-30 ta' Settembru 2010 sa tmiem il-proċess ta' privatizzazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-kumpens li l-kumpanija rċeviet bejn l-1 ta' Ottubru 2010 sakemm din ġiet privatizzata jista' jiġi vvalutat abbażi tal-Qafas SGEI tal-2011 li, skont il-paragrafu 69 tiegħu, japplika wkoll għall-għajnuna li ngħatat qabel il-31 ta' Jannar 2012 (ara l-premessi (283) u (284)).

3.2. **Il-privatizzazzjoni ta' Toremar**

(111) Fil-mument li fih kienet adottata d-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kellha dubji jekk il-proċedura tal-offerti għall-bejgħ ta' Toremar kinitx trasparenti biżżejjed u inkondizzjonata b'tali mod li tiżgura li l-bejgħ sar bil-prezz tas-suq.

(112) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni qieset li ċerti kundizzjonijiet imposti fil-privatizzazzjoni setgħu llimitaw l-għadd ta' offerenti jew influwenzaw il-prezz tal-bejgħ. Il-Kummissjoni tenniet mill-ġdid il-prattika stabbilita tagħha dwar il-bejgħ ta' assi ta' impriżi tal-Istat mill-Istat (jew f'dan il-każ imputabbli lill-Istat): kunsiderazzjonijiet mhux ekonomiċi li bejjiegħ privat ma kienx jagħmel, bħal raġunijiet dwar il-politika pubblika, rekwiżiti dwar l-impjiegi jew l-iżvilupp reġjonali, jissuġġerixxu l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat jekk dawn jimponu obbligi oneruži fuq ix-xerrej potenzjali u għalhekk huma suxxettibbli li jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ.

(113) Bl-istess mod, abbażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadju, il-Kummissjoni qieset li l-hekk imsejħa *rekwiżiti tekniċi u finanzjarji* kif imposti fl-offerta ta' Toremar effettivament fixklu l-offerta billi llimitaw l-offerenti potenzjali għal kumpaniji marittimi eżistenti, minħabba li f'dan il-każ, il-kumpanija nnifisha, li kienet ingħatat il-kuntratt ta' servizz pubbliku, tqiegħdet għall-bejgħ ([46]).

(114) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li l-proċedura ta' privatizzazzjoni ta' Toremar ma kinitx trasparenti u inkondizzjonata biżżejjed sabiex waħedha tiżgura li l-bejgħ sar bil-prezz tas-suq. Għalhekk f'dak l-istadju l-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li l-akkwirent ingħata vantaġġ ekonomiku.

(115) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli meta ħarġet id-Deċiżjoni tagħha tal-2012 il-Kummissjoni qieset li kwalunkwe għajnuna li setgħet ingħatat matul il-proċess ta' privatizzazzjoni hija inkompatibbli.

3.3. **Il-kuntratt ta' servizz il-ġdid bejn ir-Reġjun tat-Toskana u Moby/Toremar**

3.3.1. *L-osservanza ta' Altmark u l-eżistenza ta' għajnuna*

(116) Fid-Deċiżjoni tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kumpens li ħallas lil Toremar (u lill-akkwirent tagħha, Moby) ma kienx jissodisfa l-kriterji stabbiliti fis-sentenza *Altmark* u għalhekk jikkostitwixxi għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-Kummissjoni waslet għal din il-konklużjoni minħabba li: (i) il-kompetituri li kien jidher li kienu qegħdin joffru servizzi simili kienu preżenti tal-anqas fuq ċerti rotot operati minn Toremar u ma ġietx ippreżentata biżżejjed informazzjoni sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonkludi dwar jekk is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali kienx jirrifletti ħtieġa reali ta' servizz pubbliku li ma setgħetx tiġi ssodisfata mill-forzi tas-suq waħedhom; (ii) il-kalkolu tal-kumpens skont id-Direttiva CIPE kien jidher li wassal

([44]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

([45]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku.

([46]) L-istedina għas-sottomissjoni ta' offerti tipprevedi li l-parteċipanti juru li fil-perjodu ta' bejn it-30 ta' Novembru 2006 u t-30 ta' Novembru 2009, huma wettqu volum ta' servizzi marittimi ta' mhux anqas minn 450 000 mil nawtiku u li, għat-tliet snin finanzjarji preċedenti, kienu rrapportaw fatturat minn servizzi ta' trasport marittimu ta' mhux anqas minn EUR 150 miljun, li minnhom mill-anqas EUR 75 miljun mill-operat tas-servizzi marittimi għall-passiġġieri.

sabiex l-operatur jingħata kumpens żejjed għall-provvista tas-servizz pubbliku għall-istess raġunijiet li ġew espressi fid-Deċiżjoni tal-2011; u (iii) jidher li r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ma ġiex osservat, peress li s-sejħa għall-offerti għas-servizz pubbliku saret bil-kundizzjoni li l-offerent rebbieħ jikseb il-kumpanija Toremar fl-intier tagħha. Il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni preliminari jiġifieri li kieku l-kuntratt ta' servizz pubbliku ġie offrut mingħajr ir-rekwiżit ta' xiri, kien iwassal għal kost aktar baxx għall-komunità.

3.3.2. *Il-kompatibbiltà*

(117) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-kumpens lil Toremar, il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, kien jidher li d-Deċiżjoni SGEI tal-2011 ma kinitx tapplika għal dan il-kuntratt ta' servizz minħabba l-perjodu ta' inkarigu twil (12-il sena) tiegħu. Fi kwalunkwe każ, f'dak l-istadju l-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 minħabba li kienet għadha ma ngħatatx kopja tal-kuntratt iffirmat. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni (eż. l-għadd ta' passiġġieri ttrasportati fis-sentejn finanzjarji ta' qabel l-inkarigu) sabiex teżamina l-bqija tal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011. Imbagħad, il-Kummissjoni evalwat l-għajnuna abbażi tal-Qafas SGEI tal-2011 iżda sabet li kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà ta' dak il-Qafas kinux issodisfati u stiednet lill-Italja sabiex turi li dan kien il-każ.

3.4. **Il-prijorità tal-irmiġġ**

(118) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li fejn il-prijorità tal-irmiġġ ma tkunx remunerata, il-miżura tkun vantaġġ regolatorju li ma jinvolvi ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u għalhekk ma tistax tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat. Min-naħa l-oħra, jekk il-prijorità tal-irmiġġ tkun remunerata, il-Kummissjoni qieset li dment li Toremar tipprovdi SGEI ġenwin u li din il-prijorità tingħata biss għall-konnessjonijiet koperti mill-SGEI, din ma twassalx għal vantaġġ ekonomiku addizzjonali peress li tkun intrinsika għall-provvista tal-SGEI. Minkejja dan, il-Kummissjoni stiednet lill-Italja u lill-partijiet terzi sabiex jipprovdu aktar informazzjoni dwar din il-miżura.

(119) Peress li kienet qajmet dubji dwar il-leġittimità tal-missjoni tal-SGEI, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura li kieku kellha tkun għajnuna.

3.5. **Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010**

(120) Fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżuri kollha stabbiliti mil-Liġi tal-2010 kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar. Dawn kienu jinkludu: (1) l-użu possibbli tal-fondi allokati għall-ammeljorament tal-vapuri għall-fini ta' likwidità; (2) l-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni; u (3) l-użu possibbli tar-riżorsi tal-FAS. Il-Kummissjoni stiednet lill-Italja tiċċara jekk u b'liema mod kull waħda minn dawn il-miżuri kienet meħtieġa sabiex jiġi pprovdut is-servizz pubbliku.

(121) Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma preliminari li dawn il-miżuri x'aktarx kienu jikkostitwixxu għajnuna operatorja li tnaqqas il-kostijiet li kieku Toremar, u l-kumpaniji l-oħra tal-ex Grupp Tirrenia, kien ikollhom iġarrbu huma stess u għalhekk dawn il-miżuri jenħtieġ li jitqiesu bħala inkompatibbli mas-suq intern.

4. **KUMMENTI MILL-ITALJA**

4.1. **Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv**

(122) L-Italja pprovdiet lista tar-rotot (sostnuta mid-dokumentazzjoni legali korrispondenti) operati minn Toremar li huma soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku, fosthom il-frekwenza u l-iskedi staġjonali, l-ambjent kompetittiv u r-raġunijiet li wasslu għal dawn l-obbligi ta' servizz pubbliku.

(123) Fir-rigward tal-eżistenza ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġenwin, l-Italja tinnota li l-obbligi ta' servizz pubbliku msemmija hawn fuq ġew stabbiliti sabiex tinżamm il-kontinwità territorjali u l-konnessjoni bejn l-Italja kontinentali u l-gżejjer. Dan is-servizz jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer u għall-iffaċilitar tat-trasport intermodali, filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi l-ħtiġijiet essenzjali ta' mobbiltà tal-komunitajiet tal-gżejjer is-sena kollha u jiżgura li jiġi rrispettat id-dritt kostituzzjonali għall-kontinwità territorjali.

(124) F'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent kompetittiv, l-Italja ppreżentat informazzjoni li turi li Toremar hija l-uniku operatur li jopera vjaġġi fuq il-maġġoranza tar-rotot is-sena kollha. Għalkemm mas-snin kien hemm xi kompetizzjoni, speċjalment fuq ir-rotta Piombino – Portoferraio **(il-Linja A2)** bil-parteċipazzjoni ta' Moby, l-Italja hija tal-fehma li s-servizz offrut minn Toremar ma jistax jiġi ssostitwit u li l-garanzija għall-kontinwità territorjali ma setgħetx tinkiseb mill-forzi tas-suq waħedhom.

4.2. **Dwar il-privatizzazzjoni ta' Toremar**

4.2.1. *Dwar il-prezz tal-bejgħ ta' Toremar*

(125) Skont l-Italja, il-privatizzazzjoni ta' Toremar kienet tinvolvi t-trasferiment tal-kapital azzjonarju kollu tal-kumpanija permezz ta' proċedura ta' sejħa pubblika għall-offerti mnedija mir-Reġjun tat-Toskana. Din il-proċedura kienet tinvolvi wkoll l-inkarigu simultanju tas-servizzi pubbliċi marittimi fl-arċipelagu tat-Toskana għal perjodu ta' 12-il sena, bil-għan li tinżamm il-kontinwità territorjali.

(126) Ir-Reġjun tat-Toskana kkummissjona evalwazzjoni esperta indipendenti (ara l-premessi (67) u (68)) sabiex jivvaluta l-kwistjonijiet legali u ekonomiċi tal-bejgħ ta' Toremar. Skont l-Italja, din l-evalwazzjoni ("ir-rapport Fidi ") tistabbilixxi b'mod ċar u konċiż il-proċeduri segwiti għad-determinazzjoni tal-valur tas-suq tal-kapital azzjonarju ta' Toremar.

4.2.2. *Dwar in-natura trasparenti u nondiskriminatorja tal-proċedura*

(127) L-Italja tisħaq li l-proċeduri twettqu f'konformità mal-prinċipji ġuridiċi ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni. Hija ddefendiet il-pożizzjoni li l-11-il parti kollha li esprimew interess ingħataw l-informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jissottomettu l-offerta tagħhom permezz ta' aċċess għal kamra tad-*data*, fejn ġiet ipprovduta d-dokumentazzjoni kollha. L-Italja tippreċiża wkoll li f'dan l-istadju tal-proċedura ma kellha l-ebda kontroll fuq l-offerenti potenzjali, peress li t-tweġibiet għas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ma kinux vinkolanti. Il-kompetituri ngħataw ukoll id-dritt li jippreżentaw mistoqsijiet u jingħataw tweġibiet mill-awtorità kontraenti.

(128) Fir-rigward tad-dubji li l-Kummissjoni kellha dwar ir-rekwiżiti tekniċi u finanzjarji imposti fuq l-offerenti għall-parteċipazzjoni fl-offerta, l-Italja targumenta li dawn ir-rekwiżiti ma humiex diskriminatorji iżda huma bbażati fuq il-ħtieġa li jintgħażel operatur li jkun jista' jipprovdi għarfien speċifiku fid-dawl tal-iżvilupp kwantitattiv u kwalitattiv tas-servizzi pubbliċi meħtieġa. Dan huwa aktar pertinenti fil-kuntest ta' offerta bħal din inkwistjoni f'dawn il-proċedimenti, fejn il-bejgħ ta' Toremar kien ikkombinat mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid ([47]). Skont l-Italja, il-provvediment ta' rekwiżiti tekniċi u finanzjarji fl-offerta ma jmurx kontra l-ftuħ massimu tal-offerta għall-offerenti potenzjali kollha, iżda huwa konsegwenza diretta u neċessarja ta' din l-istruttura partikolari tal-offerta.

(129) F'dak li għandu x'jaqsam speċifikament mal-assi ttrasferiti u mal-obbligu li jinżammu l-livelli ta' impjieg, l-Italja tisħaq li l-bejgħ ta' Toremar ma kien jinkludi l-ebda obbligu li jikkonċerna l-livelli ta' impjieg.

4.3. **Dwar il-konformità tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark***

(130) L-Italja targumenta li l-erba' kriterji tas-sentenza *Altmark* huma ssodisfati kemm għall-perjodu bejn l-2009 u l-2011 kif ukoll għall-perjodu bejn l-2012 u l-2024 għar-raġunijiet li ġejjin:

— Toremar ġiet effettivament inkarigata bit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, kif ukoll il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid stabbilew b'mod ċar l-obbligi dwar ir-rotot li kellhom jiġu operati, l-iskeda tal-vjaġġi, il-frekwenzi tal-vjaġġi, il-kwalità tal-bastimenti li kellhom jintużaw u l-kwalità tas-servizz inġenerali, l-obbligi tariffarji fir-rigward tal-portijiet li fihom joperaw u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-passiġġieri f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, l-Italja tqis li l-obbligi ta' servizz pubbliku huma ddefiniti b'mod ċar u li l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rrispettat;

([47]) F'dan ir-rigward, l-Italja tirreferi għall-ittra D(2009) 75213 (tad-DĠ għall-Enerġija u t-Trasport) tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2009, (ara l-premessa (96)).

— Il-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens ġew stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti. Dawn huma spjegati fid-dettall fid-Direttiva CIPE li tapplika għall-kumpens li ngħata mill-2010 'il quddiem, u ġew applikati wkoll fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid (u fl-annessi tiegħu). Għalhekk, l-Italja tqis li dawn il-parametri ġew stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti u li t-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rrispettat;

— B'referenza għat-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*, il-kumpens, kemm fl-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, kif ukoll fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, ma jaqbiżx dak li huwa neċessarju sabiex jiġu koperti l-kostijiet li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Dan joħroġ biċ-ċar mir-rapporti tal-introjtu tal-kumpanija, li juru telf ta' EUR 372 008 għall-perjodu ta' tliet snin bejn l-2009 u l-2011 u telf ta' EUR 353 960 għall-perjodu ta' ħames snin bejn l-2012 u l-2016. Barra minn hekk, minħabba l-mekkaniżmu ta' riekwilibriju introdott fl-Artikolu 26 tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, ittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe devjazzjoni tiġi kkoreġuta u b'hekk jiġi evitat kumpens żejjed;

— L-Italja tqis li anke r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa ssodisfat. Matul il-perjodu ta' sentejn bejn l-2010 u l-2011, ir-Reġjun tat-Toskana kien qiegħed jimmonitorja l-effiċjenza tal-kumpanija, filwaqt li matul il-perjodu kopert mill-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, l-għażla tal-kumpanija inkarigata mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku saret permezz ta' proċedura tal-offerti f'konformità mar-regoli tal-Unjoni.

4.4. **Dwar ir-rata ta' redditu ta' 9,95 % użata għall-2010 u dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit fid-Direttiva CIPE mill-2010 'il quddiem**

(131) Fid-Deċiżjoni tal-2011, jissemma li r-rata ta' redditu fuq il-kapital investit għall-2010 ġiet stabbilita għal 9,95 % qabel it-taxxa. L-Italja ntalbet tiġġustifika dan peress li d-Direttiva CIPE tipprevedi l-użu tal-primjum tar-riskju ta' 6,5 % sabiex jiġi ddeterminat ir-redditu fuq il-kapital bl-użu tal-formula tad-WACC (ara l-premessa (46)).

(132) L-Italja ssostni li r-referenza għar-rata ta' 9,95 % hija relatata mal-abbozz tal-Konvenzjonijiet/tal-Kuntratti ta' Servizz Pubbliku l-ġodda li għalihom kienet se toħroġ sejħa għall-offerti mal-kumpaniji nfushom u li kellhom jiġu ffirmati mal-akkwirenti malli tintemm il-privatizzazzjoni ta' kull kumpanija tal-grupp Tirrenia (ara l-premessa (27)).

(133) L-Italja tisħaq wkoll li, minħabba li l-Liġi tal-2009 ([48]) kienet stabbiliet limiti fuq l-ammont tal-kumpens fl-offerta (jiġifieri l-bażi għas-sejħa għall-offerti), fil-fatt kien ġie deċiż li l-kalkolu tal-kumpens jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata rata fissa fuq id-dħul mill-kapital. B'mod partikolari, għall-perjodu li jkopri l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali (jiġifieri bejn l-2010 u l-2011), ir-rata fissa li ġiet *de facto* applikata fuq id-dħul mill-kapital kienet ta' 6,9 %. Skont il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid ma' Moby/Toremar, mill-2012 'il quddiem bdiet tiġi applikata rata fissa ta' 6,5 % fuq id-dħul mill-kapital. L-Italja argumentat li dawn ir-rati b'rata fissa fuq id-dħul mill-kapital xorta huma proporzjonati mar-riskji involuti u li fi kwalunkwe każ huma anqas mir-rata ta' 9,95 % li inizjalment ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni.

(134) L-Italja spjegat ukoll li l-applikazzjoni tal-metodoloġija sħiħa kif stabbilita fid-Direttiva CIPE setgħet twassal għal taxxa fuq id-dħul mill-kapital li taqbeż is-6,5 %. Għal din ir-raġuni, l-Italja tqis li l-approċċ simplifikat tagħha huwa konservattiv u fil-prinċipju ma jippermettix kumpens lil Moby/Toremar li jaqbeż dak stabbilit skont id-Direttiva CIPE.

4.5. **Dwar il-prijorità tal-irmiġġ**

(135) L-Italja tirreferi għall-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009, li jagħti d-dritt lil Toremar li żżomm l-irmiġġ li diġà kienet ġiet allokata u l-prijorità fl-allokazzjoni ta' slots ġodda f'konformità mad-dritt nazzjonali (ara l-premessa (90) aktar 'il fuq).

(136) L-Italja argumentat li l-allokazzjoni tal-prijorità tal-irmiġġ ma wasslet għall-ebda telf ta' riżorsi tal-Istat. Skont l-Italja, l-operaturi kollha tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jħallsu tariffi regolari lill-awtoritajiet tal-port rilevanti għall-irmiġġ. L-Italja ssostni wkoll li din il-prijorità tal-irmiġġ kienet tapplika biss għar-rotot ta' servizz pubbliku, u li Toremar u, aktar tard Moby/Toremar, ma ħallsux u lanqas ma jħallsu tariffi addizzjonali għal din il-prijorità tal-irmiġġ, peress li minħabba l-missjoni ta' servizz pubbliku tagħhom il-portijiet xorta jagħtuhom l-ewwel għażla tal-postijiet tal-irmiġġ anke kieku ma kellhomx prijorità tal-irmiġġ formali.

([48]) Skont l-Italja, l-ammont ta' kumpens fl-offerta jikkostitwixxi limitu esklussivament għall-fini tal-valutazzjoni tal-offerti u ma jistabbilixxi l-ebda limitu fuq il-kumpens li effettivament jitħallas waqt il-kuntratt.

(137) L-Italja tqis li l-prijorità tal-irmiġġ ma tagħtix vantaġġ sinifikattiv lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluż lil Toremar u lill-akkwirent tagħha Moby. B'mod partikolari, huma jargumentaw li fil-prattika l-prijorità tal-irmiġġ hija applikata biss f'ċirkostanzi limitati ħafna. Id-daqs tal-biċċa l-kbira tal-portijiet u l-iskedar minn qabel tal-wasliet u tat-tluq jiżguraw li f'ċirkostanzi normali – jekk ma jkunx hemm dewmien jew kundizzjonijiet estremi tat-temp – ma jkunx hemm trikkib fl-użu ta' rmiġġi speċifiċi minn operaturi differenti. Barra minn hekk, peress li Toremar u Moby joperaw is-servizzi tagħhom is-sena kollha (għall-kuntrarju ta', eż. operaturi li joperaw biss fl-aktar staġuni popolari mat-turisti), huwa naturali li l-portijiet jagħtuhom l-ewwel għażla tal-postijiet tal-irmiġġ anke kieku ma kellhomx prijorità tal-irmiġġ formali. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Italja tqis li ma jistax ikun li l-prijorità tal-irmiġġ tat xi vantaġġ sinifikattiv lil Toremar u lil Moby.

4.6. **Dwar il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010**

(138) Fir-rigward tal-miżuri stabbiliti bil-Liġi tal-2010 (ara l-premessi (91) u (92) hawn fuq), l-Italja ssostni li Toremar ġiet allokata u effettivament użat biss ir-riżorsi finanzjarji diġà impenjati bil-Liġi 102/2009 għall-iskop inizjali. B'mod partikolari, Toremar użat EUR 1 617 300 sabiex ittejjeb il-flotta tagħha sabiex tirrispetta l-istandards internazzjonali tas-sikurezza (jiġifieri EUR 808 650 għall-immodernizzar tal-bastiment Aethalia u EUR 808 650 għall-immodernizzar tal-bastiment Liburna). Sostniet ukoll li dawn il-fondi ma ntużawx għall-finijiet ta' likwidità.

(139) Fir-rigward tal-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni, l-Italja argumentat li fir-rigward tat-taxxa korporattiva, il-miżura ma ġietx applikata, peress li t-trasferimenti ta' Caremar, ta' Saremar u ta' Toremar lir-reġjuni saru mingħajr ħlas. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe remunerazzjoni, l-Artikolu 86(1)(a) tal-Liġi Konsolidata dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu rigward il-qligħ kapitali fil-każ ta' trasferimenti ta' assi bi ħlas ma japplikax. Fir-rigward tal-VAT, l-Italja nnotat li t-trasferimenti ta' Caremar, ta' Saremar u ta' Toremar jikkostitwixxu tranżazzjonijiet li huma eżenti mill-VAT skont l-Artikolu 10(1)(4) tad-Digriet Presidenzjali Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972. Fir-rigward ta' taxxi indiretti minbarra l-VAT, l-Italja enfasizzat li l-eżenzjoni prevista mil-Liġi tal-2010 kienet imfassla għall-fini ta' simplifikazzjoni amministrattiva. Mill-perspettiva tat-tassazzjoni, l-effetti tagħha jistgħu jitqiesu bħala negliġibbli u ta' ftit impatt fir-rigward tat-taxxi li huma imposti b'rati fissi. B'mod aktar speċifiku, dan jikkonċerna d-dazju ta' reġistrazzjoni (EUR 168 għal kull dokument), it-tariffi tar-reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki (EUR 168 kull wieħed) u t-taxxa tal-boll (EUR 14.62 għal erba' naħat).

(140) Fir-rigward tar-riżorsi tal-FAS, l-Italja sostniet li Toremar ma bbenefikat xejn affattu minnhom. Barra minn hekk, iċċarat li r-riżorsi tal-FAS ma ntużawx sabiex jingħata kumpens addizzjonali lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluż lil Toremar. Minflok, dawn ir-riżorsi tqiegħdu għad-dispożizzjoni sabiex jissupplimentaw l-approprjazzjonijiet baġitarji previsti għall-ħlas tal-kumpensi għal servizz pubbliku lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, f'każ li jirriżulta li dawk l-approprjazzjonijiet baġitarji ma jkunux biżżejjed. L-Italja tinnota li l-paragrafu 5-*ter* tal-Artikolu 1 tad-Digriet Amministrattiv 125/2010 ippermetta lir-reġjuni jużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jiffinanzjaw il-kumpens regolari għal servizz pubbliku (jew parti minnu) u b'hekk tiġi żgurata kontinwità tas-servizzi pubbliċi marittimi. Barra minn hekk, l-Italja ċċarat li, skont l-Artikolu 26 tad-Digriet Amministrattiv 185/2008, il-grupp Tirrenia ġie allokat EUR 65 miljun fis-sena għall-2009, għall-2010 u għall-2011 u għaldaqstant ġew prelevati EUR 195 miljun mir-riżorsi tal-FAS. Dawk il-fondi mbagħad ġew trasferiti fil-kont tal-Ministeru għat-Trasport li jintuża għall-ħlas tal-kumpens għal servizz pubbliku lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia (Tirrenia, Siremar, Caremar, Toremar u Saremar). Għalhekk, din il-miżura tikkonċerna biss allokazzjoni ta' riżorsi fil-baġit tal-Italja għall-ħlas tal-kumpensi għal servizz pubbliku.

4.7. **Dwar il-konformità tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011**

(141) Minkejja li l-Italja tqis li l-kumpens għal servizz pubbliku mħallas taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid lil Toremar ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, hija argumentat ukoll għaliex kieku din il-miżura kienet għajnuna xorta kienet tkun konformi mad-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(142) Fit-tweġiba tagħha, l-Italja tipprovdi *data* dwar it-traffiku annwali medju matul il-perjodu bejn l-2010 u l-2016, abbażi tar-rotot meħuda flimkien. Fuq din il-bażi, l-Italja ppreżentat *data* dwar it-traffiku tal-passiġġieri sabiex turi li l-limitu ta' 300 000 passiġġier kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 ma kien inqabeż fuq l-ebda rotta operata minn Toremar sal-aħħar tal-2011 u mill-2012 'il quddiem minn Moby/Toremar.

4.8. **Dwar il-konformità tal-Konvenzjoni inizjali u tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-Qafas SGEI tal-2011**

(143) L-Italja targumenta wkoll li ma tħallas l-ebda kumpens żejjed favur Moby/Toremar u li l-kundizzjonijiet tal-Qafas SGEI tal-2011 huma ssodisfati.

(144) Sabiex tiġġustifika dan ta' hawn fuq, l-Italja pprovdiet informazzjoni li turi l-ammonti ta' redditu fuq il-kapital investit għall-2010 sal-2017 u l-metodoloġija użata sabiex jiġi vverifikat li ma jeżisti l-ebda kumpens żejjed għas-servizzi pprovduti minn Toremar u minn Moby/Toremar, il-kostijiet u d-dħul għal kull rotta għall-2010 sal-2017 u l-perjodu ta' deprezzament tal-flotta għall-2009 sal-2017 ([49]).

(145) Barra minn hekk, l-Italja ssostni li Toremar (u Moby/Toremar) ma wettqu l-ebda attività kummerċjali matul il-perjodu mill-2009 sal-lum.

5. **KUMMENTI MINN MOBY/TOREMAR**

5.1. **Dwar l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-ambjent kompetittiv**

(146) Moby/Toremar jargumentaw li l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid u l-annessi tiegħu jiddefinixxu b'mod konkret l-obbligi ta' servizz pubbliku li jikkonċernaw ir-rotot marittimi involuti. Dawn l-obbligi jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-kwalità u l-karatteristiċi tas-servizz (il-vjaġġi li għandhom isiru, l-iskedi, il-kundizzjonijiet tas-servizz) u t-tariffi applikabbli.

(147) Fit-tweġiba tagħhom għall-allegazzjoni tal-ilmentatur li l-fużjoni ta' Toremar u Moby ħolqot monopolju fuq ir-rotot bejn Piombino – il-gżira ta' Elba, dawn il-partijiet tal-aħħar jindikaw l-awtorizzazzjoni pprovduta mill-Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni Taljana tal-imsemmija fużjoni permezz tad-Deċiżjoni Nru 22622 tad-19 ta' Lulju 2011, soġġett għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet preċiżament immirati sabiex tiġi żgurata l-eżistenza ta' kompetizzjoni fuq dik ir-rotta.

(148) Barra minn hekk, Moby/Toremar jissottomettu li r-rotot inkwistjoni ma setgħux jiġu moqdija mingħajr appoġġ pubbliku u li s-suq waħdu ma setax jipprovdi s-servizzi bir-rekwiżiti minimi stipulati mill-kuntratt pubbliku.

5.2. **Dwar il-privatizzazzjoni ta' Toremar**

5.2.1. *Dwar il-prezz imħallas għall-ishma ta' Toremar*

(149) Moby/Toremar jissottomettu li l-privatizzazzjoni ta' Toremar ma tinvolvi l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat, minħabba li l-prezz miftiehem kien ġie ċċertifikat minn evalwatur indipendenti.

5.2.2. *Dwar il-karattru trasparenti u nondiskriminatorju tal-proċedura u dwar ir-raggruppar tal-assi ta' Toremar ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid*

(150) Bi tweġiba għall-pożizzjoni preliminari tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2012 li r-rekwiżiti tekniċi u finanzjarji tal-offerta setgħu llimitaw l-għadd ta' kompetituri potenzjalment interessati li jissottomettu offerta, Moby/Toremar jargumentaw li dawn ir-rekwiżiti kienu tabilħaqq meħtieġa, meta wieħed iqis l-istruttura partikolari ta' Toremar minħabba l-fatt li kienet parti mill-grupp Tirrenia.

(151) Skont Moby/Toremar, Toremar ma kellhiex il-faċilitajiet kollha sabiex waħedha tassigura s-servizzi marittimi meħtieġa u fil-passat dejjem użat is-servizzi tal-grupp Tirrenia, b'mod partikolari s-servizzi ta' natura kummerċjali (eż. l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-uffiċċji tal-biljetti tal-port, iċ-ċentri telefoniċi u l-komunikazzjoni), ta' natura teknika (eż. l-ġestjoni tas-sistemi tal-informatika) u ta' ċerti servizzi aktar speċjalizzati (eż. l-ġestjoni tal-provvista).

(152) Għalhekk, Moby/Toremar jargumentaw li l-offerta kif konċepita ma setgħetx titqies li hija diskriminatorja u li t-talba tar-Reġjun tat-Toskana li l-akkwirent ta' Toremar jkun diġà attiv fis-settur tat-trasport marittimu tal-passiġġieri ġejja minn kunsiderazzjonijiet ta' politika industrijali sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.

([49]) Ara l-analiżi ulterjuri fit-Taqsima 6.3.1.

(153) Moby/Toremar jissottomettu illi kieku l-kuntratt ta' servizz kellu jingħata mingħajr il-bejgħ ta' Toremar, din tal-aħħar ma kien ikollha l-ebda raġuni oħra sabiex tkompli tiffunzjona u, minħabba l-ispeċifiċità tal-flotta, lanqas ma jkun faċli li din terġa' tinbiegħ fis-suq. Barra minn hekk, skont il-partijiet, probabbilment ir-Reġjun tat-Toskana kien ikollu jħallas kumpens ogħla għas-servizz, meta wieħed iqis li l-operatur kien ikollu jarma bil-bastimenti u l-persunal meħtieġa. Barra minn hekk, ir-Reġjun tat-Toskana kien ikollu jħallas il-kostijiet tad-dekummissjonar tal-flotta ta' Toremar u tal-ġestjoni u l-likwidazzjoni tal-kumpanija. Għalhekk, ir-raggruppar tal-assi ta' Toremar ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid jimminimizza wkoll il-kostijiet tal-intervent mill-Istat.

(154) Fl-aħħar nett, Moby/Toremar, fit-tweġiba tagħhom għall-allegazzjoni tal-ilmentatur li l-proċedura tal-offerti tat vantaġġ lil Moby, jirreferu għall-proċedimenti fuq livell nazzjonali (ara t-Taqsima 2.3.2.3), li kkonfermaw ir-riżultat tal-proċedura tal-offerti dwar il-privatizzazzjoni ta' Toremar u l-għoti tal-kuntratt ta' servizz.

5.3. **Dwar il-konformità tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark***

(155) Moby/Toremar jissottomettu li l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid jissodisfa l-kriterji kollha tas-sentenza *Altmark*.

(156) Skont il-partijiet, l-obbligi ta' servizz pubbliku huma definiti b'mod ċar u l-parametri tal-kumpens huma stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-mekkaniżmu għall-għoti tas-servizz (irkant bi skont) u s-sistema ta' monitoraġġ stabbilita, li permezz tagħha Toremar tingħata l-kumpens biss għall-attivitajiet effettivament imwettqa, dan il-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex ikunu koperti l-kostijiet li jirriżultaw mit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(157) Fl-aħħar nett, Moby/Toremar jargumentaw li l-għażla tal-kumpanija inkarigata bit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku saret permezz ta' proċedura tal-offerti f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

5.4. **Dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja**

(158) Moby/Toremar jirreferu għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/163/KE ("id-Deċiżjoni tal-2004"), li permezz tagħha l-Kummissjoni ddikjarat li l-kumpens mogħti mill-Italja lill-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia minbarra Tirrenia nnifisha, huwa parzjalment kompatibbli mas-suq intern, parzjalment kompatibbli subordinatament għar-rispett ta' għadd ta' impenji mill-Italja, u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern.

(159) Huma jargumentaw li abbażi ta' dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet ikkonfermat il-kompatibbiltà tal-Konvenzjoni inizjali sad-data ta' skadenza tagħha fl-aħħar tal-2008 u li l-estensjoni tagħha għas-snin bejn l-2009 u l-2011 tikkostitwixxi sempliċiment kontinwazzjoni ta' miżura kompatibbli, u għalhekk miżura ta' għajnuna eżistenti. Tali estensjoni ma fihiex bidliet sostanzjali u kienet meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-proċedura ta' privatizzazzjoni tal-kumpaniji tal-Grupp Tirrenia.

(160) Moby/Toremar jissottomettu wkoll li anke kieku l-Kummissjoni kellha tqis li fil-passat Toremar kienet irċeviet għajnuna mill-Istat permezz tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, dan għandu jiġi nnegat mill-fatt li Toremar inbiegħet taħt proċedura ta' akkwist pubbliku, u b'hekk skont kundizzjonijiet tas-suq lil Moby, bi prezz li kien jinkludi fost l-oħrajn valutazzjoni ta' dak l-element ta' għajnuna. B'riżultat ta' dan, u abbażi tal-ġurisprudenza stabbilita ([50]), l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ma hijiex rilevanti għall-għajnuna mill-Istat.

([50]) Il-partijiet jirreferu għall-kawżi li ġejjin sabiex jiġġustifikaw dan l-argument: Il-Kawża C-390/98 *Banks*, ECLI:EU:C:2001:456; Il-Kawżi Magħquda C-74/00P u C-75/00P *Falck*, ECLI:EU:C:2002:524; u l-Kawża C-277/00 *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2004:238.

6. **IL-VALUTAZZJONI**

6.1. **L-eżistenza tal-għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE**

(161) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern".

(162) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri notifikati jikkostitwux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha msemmija hawn fuq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju:

(a) jingħata minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,

(b) jiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti,

(c) ifixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni, u

(d) jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(163) Il-Kummissjoni tinnota li l-prijorità tal-irmiġġ, li tapplika biss għar-rotot ta' servizz pubbliku, hija intrinsikament marbuta mat-twettiq tal-SGEI minn Toremar u mill-akkwirent tagħha Moby. Għalhekk, din il-miżura se tiġi vvalutata b'mod konġunt mal-kumpens tas-servizz pubbliku mogħti lil dawn il-kumpaniji (ara t-taqsimiet 6.1.1 u 6.1.2).

(164) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid bejn l-Italja u Moby/Toremar jenħtieġ li jiġi vvalutat konġuntament mal-privatizzazzjoni ta' Toremar. Tali valutazzjoni konġunta hija approprjata peress li, essenzjalment, l-Italja organizzat proċedura tal-offerti għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid fejn l-offerent rebbieħ kellu jakkwista l-kapital kollu tal-ishma ta' Toremar sabiex iwettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti f'dak il-kuntratt ta' servizz pubbliku.

6.1.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja*

6.1.1.1. Ir-riżorsi tal-Istat

(165) Toremar ġiet inkarigata mill-Italja sabiex topera r-rotot marittimi kif spjegat fid-dettall fil-Konvenzjoni inizjali, li mbagħad ġiet estiża. Il-Konvenzjoni inizjali kienet konkluża mal-Istat u l-kumpens għal servizz pubbliku li joħroġ minnha lil Toremar jitħallas mill-Istat mill-baġit tiegħu stess. Għalhekk, il-kumpens għal servizz pubbliku lil Toremar huwa imputabbli lill-Istat u jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(166) Il-Kummissjoni tinnota li, skont l-Italja, l-operaturi kollha tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jħallsu tariffi regolari lill-awtoritajiet tal-port rilevanti għall-irmiġġ iżda Toremar ma ħallset l-ebda tariffa addizzjonali għall-prijorità tal-irmiġġ. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li, fil-prinċipju, l-Italja setgħet għażlet li timponi tariffa addizzjonali għall-prijorità tal-irmiġġ u li jekk ma tagħmilx dan, tkun tilfet dħul mill-Istat. Barra minn hekk, peress li l-prijorità tal-irmiġġ hija mogħtija bil-liġi (ara l-premessa (90)), hija imputabbli lill-Istat.

6.1.1.2. Is-selettività

(167) Sabiex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun selettiva. Il-kumpens għal servizz pubbliku għall-provvista tas-servizzi marittimi inkwistjoni jingħata biss lil Toremar, u għalhekk huwa selettiv. Peress li l-prijorità tal-irmiġġ ingħatat biss lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluż lil Toremar, anke din hija selettiva.

6.1.1.3. Il-vantaġġ ekonomiku

(168) Il-Kummissjoni tfakkar li l-kumpensi tas-servizz pubbliku mogħtija lil kumpanija jistgħu ma jkunux jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku taħt ċerti kundizzjonijiet iddefiniti b'mod strett.

(169) B'mod partikolari, fis-sentenza *Altmark* ([51]) tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta miżura tal-Istat trid titqies bħala kumpens għas-servizzi pprovduti mill-impriżi benefiċjarji sabiex iwettqu obbligi ta' servizz pubbliku, b'mod li dawk l-impriżi ma jiksbux vantaġġ finanzjarju reali u b'hekk il-miżura ma jkollhiex l-effett li tqegħedhom f'pożizzjoni kompetittiva aktar favorevoli mill-impriżi kompetituri tagħhom, tali miżura ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(170) Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara wkoll li sabiex tali kumpens għal servizz pubbliku ma jaqax taħt il-kwalifika ta' għajnuna mill-Istat f'każ partikolari, iridu jkunu ssodisfati l-erba' kriterji kumulattivi (il-"kriterji tas-sentenza *Altmark*") miġbura fil-qosor hawn taħt:

— l-impriża benefiċjarja trid tkun effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku u tali obbligi jridu jkunu definiti b'mod ċar ("L-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark*");

— il-parametri li fuqhom jiġi kkalkolat l-kumpens iridu jkunu stabbiliti bil-quddiem b'mod oġġettiv u trasparenti ("It-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark*");

— il-kumpens ma jistax ikun aktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli għat-twettiq ta' tali obbligi ("It-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*");

— meta, f'każ speċifiku, l-għażla tal-impriża inkarigata bit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku ma ssirx skont il-proċedura ta' akkwist pubbliku li tippermetti li jintgħażel il-kandidat li jkun kapaċi jipprovdi tali servizzi bl-anqas kost għall-komunità, il-livell tal-kumpens neċessarju għandu jiġi determinat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-eżiġenzi neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet iġġarrab sabiex twettaq tali obbligi, b'kont meħud tad-dħul rilevanti kollu kif ukoll profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi ("Ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*").

(171) Il-Kummissjoni speċifikat il-mod kif hija tapplika l-kriterji tas-sentenza *Altmark* fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (il-"Komunikazzjoni SGEI") ([52]).

(172) Minħabba li l-kriterji tas-sentenza *Altmark* iridu jiġu rrispettati b'mod kumulattiv, in-nuqqas ta' osservanza ta' xi wieħed minn dawn il-kriterji jwassal lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura taħt valutazzjoni tagħti vantaġġ ekonomiku lill-benefiċjarju. Imbagħad il-Kummissjoni tibda sabiex l-ewwel tivvaluta l-osservanza tar-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*.

(173) Ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* jipprevedi li l-kumpens irid ikun il-minimu neċessarju sabiex ma jikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat. Dan il-kriterju jitqies bħala ssodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens għal servizz pubbliku jkun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti li jintgħażel l-offerent li jkun kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-anqas kost għall-komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-kostijiet ta' impriża effiċjenti.

(174) Għall-ebda waħda mill-estensjonijiet tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2012 Toremar ma ntgħażlet wara proċedura tal-offerti. L-Italja sempliċiment estendiet is-sistema li kienet diġà fis-seħħ u b'hekk l-operatur prestabbilit ġie intitolat ikompli jirċievi kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku.

(175) Barra minn hekk, l-Italja ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni lill-Kummissjoni li l-livell ta' kumpens kien ġie ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-ħtiġijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet iġġarrab fit-twettiq ta' dawk l-obbligi, wara kunsiderazzjoni tad-dħul rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligi. L-argument tal-Italja li r-Reġjun tat-Toskana kien qiegħed jimmonitorja l-effiċjenza ta' Toremar fil-perjodu ta' bejn l-2010 u l-2011 ma huwiex biżżejjed għall-konformità ma' dan il-kriterju, peress li ma jurix jekk il-kostijiet effettivament imġarrba minn Toremar fil-provvista tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha kinux konformi ma' dawk ta' impriża tipika, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport.

(176) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li f'dan il-każ ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ma ġiex rispettat.

([51]) Ara s-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003 fil-Kawża C-280/00 *Altmark Trans*, ECLI:EU:C:2003:415.

([52]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

(177) Peress li f'dan il-każ l-erba' kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* ma ġewx osservati b'mod kumulattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għall-operat tar-rotot marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ta vantaġġ ekonomiku lil Toremar.

(178) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ, il-Kummissjoni tibda sabiex tfakkar li l-awtorità Taljana tal-kompetizzjoni, l-AGCM, tal-anqas f'żewġ okkażjonijiet qieset li din il-miżura għandha valur ekonomiku ([53]). Minkejja dan, Toremar ma tħallas l-ebda tariffa għall-prijorità tal-irmiġġ (ara l-premessa (136)). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li l-prijorità tal-irmiġġ għandha, tal-anqas teoretikament, il-potenzjal li tnaqqas il-kostijiet tal-operatur (eż. minħabba li l-irmiġġ garantit jista' jnaqqas il-ħinijiet ta' stennija fil-portijiet u b'hekk iwassal għal kostijiet aktar baxxi tal-fjuwil) jew iżżid id-dħul tiegħu (eż. minħabba li ċerti ħinijiet jattiraw domanda akbar mill-passiġġieri). Fil-fatt, sa fejn il-prijorità tal-irmiġġ tippermetti proċedura aktar mgħaġġla ta' trakkar tal-bastimenti, l-utenti tas-servizz tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma jistgħu jippreferu l-operatur tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma li jibbenefika minn din il-miżura. Anke jekk dawn l-effetti jimmaterjalizzaw biss f'ċirkostanzi limitati jew ikunu relattivament żgħar, il-prijorità tal-irmiġġ xorta waħda tista' tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għal Toremar.

6.1.1.4. L-effetti fuq il-kompetizzjoni u n-negozju

(179) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ intra-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn dik l-għajnuna ([54]). Huwa biżżejjed li l-benefiċjarju tal-għajnuna jikkompeti ma' impriżi oħrajn fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni ([55]).

(180) F'dan il-każ, il-benefiċjarju jopera f'kompetizzjoni ma' impriżi oħra li jipprovdu servizzi tat-trasport marittimu fl-Unjoni, b'mod partikolari mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 ([56]) u tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, li lliberalizzaw is-suq tat-trasport marittimu internazzjonali u tal-kabotaġġ marittimu, rispettivament. Il-fatt li fuq uħud mir-rotot dak iż-żmien Toremar kienet l-uniku operatur ma jfissirx li operaturi (internazzjonali) oħra ma setgħux ikunu interessati li joffru servizzi tat-trasport marittimu simili. Għalhekk, il-kumpens għall-operat tar-rotot marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali jista' jaffettwa l-kummerċ tal-Unjoni u joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq intern. Għall-istess raġunijiet, dik il-konklużjoni tgħodd ukoll għall-prijorità tal-irmiġġ.

6.1.1.5. Konklużjoni

(181) Peress li l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li kemm il-kumpens għal servizz pubbliku mħallas abbażi tal-estensjonijiet suċċessivi tal-Konvenzjoni inizjali kif ukoll il-prijorità tal-irmiġġ għar-rotot ta' servizz pubbliku jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil Toremar.

6.1.1.6. L-għajnuna ġdida jew eżistenti

(182) Il-Kummissjoni tibda billi tinnota li l-kumpens imħallas lil Toremar għall-operat tal-obbligi ta' servizz pubbliku marittimu sal-aħħar tal-2008 mhux se jiġi vvalutat f'din id-Deċiżjoni. Il-valutazzjoni ta' dak il-kumpens, u jekk jistax jiġi kklassifikat bħala għajnuna eżistenti abbażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu, hija s-suġġett ta' deċiżjoni separata tal-Kummissjoni ([57]).

(183) Skont l-Artikolu 1(c) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([58]), għajnuna ġdida tfisser "*kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti*". Barra minn hekk, l-Artikolu 108(3) tat-TFUE jipprovdi li l-pjanijiet sabiex tingħata jew tiġi mmodifikata għajnuna eżistenti jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u ma jistgħux jiġu implimentati sakemm il-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali ([59]).

([53]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentati mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u għall-akkwirent taghha Compagnia Italiana di Navigazione, il-premessa 265.

([54]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża 730/79 *Philip Morris vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:1980:209, il-punt 11; Il-Kawża C-53/00 *Ferring*, ECLI:EU:C:2001:627, il-punt 21; Il-Kawża C-372/97 *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2004:234, il-punt 44.

([55]) Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:1998:77.

([56]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).

([57]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 64/99 (ex NN 68/99) implimentata mill-Italja għall-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar (il-Grupp Tirrenia).

([58]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

([59]) Il-Kawża C-590/14 P *DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados*, ECLI:EU:C:2016:797, il-punt 45.

F'konformità mal-pożizzjoni tal-Qrati Ewropej ([60]), il-Kummissjoni tqis li l-emendar (jiġifieri l-estensjoni) tad-durata ta' skema ta' għajnuna li kellha data ta' skadenza ċara (jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2008) huwa biżżejjed sabiex irendiha għajnuna ġdida irrispettivament minn jekk inbidlux il-karatteristiċi l-oħra tal-miżura jew le.

(184) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li irrispettivament minn jekk il-kumpens mogħti lil Toremar sal-aħħar tal-2008 jiġix ikklassifikat bħala għajnuna eżistenti jew le ([61]), il-kumpens għal servizz pubbliku mħallas abbażi tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali jenħtieġ li jitqies bħala għajnuna ġdida. Din il-konklużjoni tapplika wkoll għall-prijorità tal-irmiġġ.

6.1.2. *L-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid raggruppat mal-attività kummerċjali ta' Toremar lil Moby/Toremar*

(185) Sabiex tikkonkludi jekk l-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid raggruppat mal-attività kummerċjali ta' Toremar jikkostitwixxix vantaġġ għal Moby/Toremar fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, il-Kummissjoni trid tivvaluta l-osservanza tal-kriterji tas-sentenza *Altmark* (ara l-premessa (170)).

6.1.2.1. Altmark 1

(186) Il-Kummissjoni tfakkar d-dritt tal-Unjoni ma għandux definizzjoni uniformi u preċiża ta' servizz li jista' jikkostitwixxi SGEI, la fis-sens tal-ewwel kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* u lanqas fis-sens tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE ([62]). Il-paragrafu 46 tal-Komunikazzjoni SGEI jistipula dan li ġej:

"Fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni li jiddefinixxu l-ambitu għall-eżistenza ta' SGEI, l-Istati Membri għandhom marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni ta' servizz partikolari bħala SGEI u fl-għoti ta' kumpens lill-fornitur tas-servizz. Il-kompetenza tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward hija limitata għal li tiċċekkja jekk l-Istat Membru għamilx żball ċar meta ddefinixxa s-servizz bħala SGEI u li tevalwa l-għajnuna mill-Istat involuta fil-kumpens. Fejn jeżistu regoli tal-Unjoni speċifiċi, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri hija ulterjorment marbuta minn dawn ir-regoli, mingħajr ħsara għad-dmir tal-Kummissjoni li twettaq valutazzjoni dwar jekk l-SGEI ġiex definit b'mod korrett għall-għan tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat."

(187) Għalhekk, l-awtoritajiet nazzjonali huma intitolati li jqisu li ċerti servizzi huma fl-interess ġenerali u jridu jiġu operati permezz ta' obbligi ta' servizz pubbliku sabiex jiżguraw li l-interess pubbliku jkun protett meta l-forzi tas-suq ma jkunux biżżejjed sabiex jiggarantixxu li huma pprovduti bil-livell jew bil-kundizzjonijiet meħtieġa.

(188) Fil-qasam tal-kabotaġġ marittimu, ġew stabbiliti regoli dettaljati tal-Unjoni li jirregolaw l-obbligi ta' servizz pubbliku fir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu u, għall-fini li tiġi eżaminata l-għajnuna potenzjali mill-Istat lill-impriżi involuti fit-trasport marittimu, fil-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ("il-Linji Gwida Marittimi") ([63]).

(189) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jipprovdi:

"*Stat Membru jista' jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku ma' jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku bħala kundizzjoni għall-għoti ta' servizzi ta' kabotaġġ, fuq kumpanniji ta' ġarr marittimu li jipparteċipaw f'servizzi regolari lejn, minn u bejn ġzejjer. Kull meta Stat Membru jagħmel kuntratti ta' servizz pubbliku jew jimponi obbligazzjonijiet ta' servizz pubbliku, dan għandu jagħmel hekk fuq bażi mhux diskriminatorja għar-rigward ta' proprjetarji ta' vapuri tal-Komunità.*"

([60]) Il-Kawżi Magħquda T-127/99, T-129/99 u T-148/99 *Territorio Histórico de Álava - Diputación Foral de Álava et vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2002:59, il-punt 175.

([61]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1411 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 64/99 (ex NN 68/99) implimentata mill-Italja għall-kumpaniji tat-tbaħħir Adriatica, Caremar, Siremar, Saremar u Toremar (il-Grupp Tirrenia).

([62]) Il-Kawża T-289/03 *BUPA et vs Il-Kummissjoni* [2008] ECR II 81, il-punt 96. Ara wkoll l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-Kawża C-53/00 *Ferring*, ECR I 9069 u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-126/01, *GEMO*, [2003] ECR I 13769.

([63]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni C(2004) 43 – Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, (ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3) [Traduzzjoni mhux uffiċjali].

(190) L-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jistabbilixxi li kuntratt ta' servizz pubbliku jista' jkopri: servizzi tat-trasport li jissodisfaw standards fissi ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità, servizzi ta' trasport addizzjonali, servizzi ta' trasport b'rati speċifiċi u soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari għal ċerti kategoriji ta' passiġġieri jew fuq ċerti rotot u aġġustamenti ta' servizzi għal ħtiġijiet attwali.

(191) F'konformità mat-taqsima 9 tal-Linji Gwida Marittimi, "obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti jew kuntratti ta' servizz pubbliku (PSCs) jistgħu jiġu konklużi għas-servizzi indikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92" [traduzzjoni mhux uffiċjali], jiġifieri servizzi skedati lejn, minn u bejn il-gżejjer.

(192) Mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti biss jekk ikunu ġustifikati mill-ħtieġa li jiġu żgurati servizzi regolari u adegwati ta' trasport marittimu li ma jistgħux jiġu żgurati mill-forzi tas-suq waħedhom ([64]). Il-Komunikazzjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu ([65]) tikkonferma li "*[huma] l-Istati Membri (inkluż, fejn xieraq, l-awtoritajiet reġjonali u lokali) u mhux is-sidien tal-bastimenti li għandhom il-kompetenza biex jiddeterminaw liema rotot jeħtieġu obbligi ta' servizz pubbliku. B'mod partikolari, l-obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu kkunsidrati għal servizzi regolari (skedati) ta' kabotaġġ tal-gżejjer f'każ li s-suq jonqos milli jipprovdi servizzi adegwati*". Barra minn hekk, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu jiddefinixxi l-obbligi ta' servizz pubbliku bħala obbligi li *"l-proprjetarju ta' vapur tal-Komunità f'dak il-każ, jekk ikun qiegħed jikkonsidra l-interessi kummerċjali tiegħu, ma jassumix jew ma jassumix sal-istess grad jew taħt l-istess kundizzjonijiet"*.

(193) F'konformità mal-każistika ([66]), sabiex jiġi eżaminat jekk l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark* huwiex sodisfat, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni fi tliet fażijiet sabiex tivverifika jekk hemmx ħtieġa reali ta' servizz pubbliku (l-ewwel u t-tieni fażi) u jekk huwiex meħtieġ u proporzjonali (it-tielet fażi). Il-Kummissjoni tivvaluta:

(1) Jekk kienx hemm **domanda mill-utenti**;

(2) Jekk dik id-domanda ma setgħetx tiġi ssodisfata mill-operaturi tas-suq fin-nuqqas ta' obbligu impost mill-awtoritajiet pubbliċi (l-**eżistenza ta' falliment tas-suq**);

(3) Jekk sempliċiment rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku ma kienx biżżejjed sabiex jiġi rrimedjat dak in-nuqqas (**l-anqas approċċ dannuż**).

(1) Domanda mill-utenti

(194) F'dan il-każ, Toremar ġiet inkarigata bil-provvista ta' servizzi mħallta (għall-passiġġieri u għall-vetturi) fuq diversi linji ppreżentati fit-Tabella 3. L-obbligi ta' servizz pubbliku ta' Toremar kienu jikkonċernaw il-portijiet moqdija, it-tip u l-kapaċità tal-bastimenti assenjati lill-konnessjonijiet marittimi operati taħt ir-reġim ta' servizz pubbliku, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet massimi li għandhom jiġu imposti.

(195) Kif deskritt fil-premessa (123), l-Italja imponiet l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni l-ġdida prinċipalment sabiex (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn l-Italja kontinentali u l-gżejjer u (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati, permezz ta' servizzi regolari u affidabbli tat-trasport marittimu. Il-Kummissjoni tqis li dawn tabilħaqq huma objettivi leġittimi ta' interess pubbliku.

(196) Storikament, l-objettivi segwiti mill-Italja ma ntlaħqux permezz tal-interazzjoni tal-forzi tas-suq waħedhom. Fil-fatt, l-adegwatezza ta' dawn is-servizzi kienet tradizzjonalment żgurata mill-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku fuq il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia għal dak il-għan u minquxa fil-Konvenzjonijiet inizjali. Fil-fatt, il-Kummissjoni tinnota li r-rotot inkwistjoni ilhom jiġu operati, fil-biċċa l-kbira tagħhom kif inhuma issa, għal ħafna snin, jiġifieri tal-anqas mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni inizjali. L-Italja, u b'mod partikolari l-awtoritajiet reġjonali kkonċernati, qiesu li dawn is-servizzi kienu (u baqgħu) neċessarji sabiex jissodisfaw id-domanda tal-utenti.

([64]) Ara l-Kawża C-205/99 *Asociación Profesional de Empresas Navieras de Líneas Regulares (Analir) et vs Administración General del Estado*, ECLI:EU:C:2001:107.

([65]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li taġġorna u tirrettifika l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu), Brussell, COM(2014) 232 final, 22.4.2014.

([66]) Ara l-Kawża T-454/13 *SNCM vs Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2017:134, il-punti 130 u 134.

(197) Biex turi d-domanda ġenwina mill-utenti għas-servizzi, l-Italja pprovdiet statistika aggregata li turi li fl-2010 Toremar ġarret 1 462 570 passiġġier u 317 488 vettura fuq il-ħames rotot ta' servizz pubbliku meħuda flimkien. In-numri għall-2011 kienu kemxejn aktar baxxi (jiġifieri 1 437 613-il passiġġier u 294 433 vettura). Dan juri li fissentejn qabel ma Moby/Toremar ġiet inkarigata bl-obbligi ta' servizz pubbliku, kien hemm domanda aggregata sinifikanti għas-servizzi ta' trasport marittimu fuq ir-rotot ikkonċernati (ara l-premessa (297) għal statistika dwar kull rotta bejn l-2009 u l-2011).

(198) Biex tkompli turi li d-domanda tal-utenti kienet għadha hemm meta Moby/Toremar bdiet topera abbażi tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid fuq kull waħda mis-sitt rotot, l-Italja pprovdiet ukoll statistika aggregata sal-aħħar tal-2018 (ara t-Tabelli 4 u 5). Dan jikkonferma li d-domanda mill-utenti kienet għadha hemm, b'xi devjazzjonijiet żgħar, 'il fuq jew 'l isfel, bl-eċċezzjoni tal-2012 fejn kien hemm devjazzjoni akbar 'il fuq, prinċipalment dovuta għat-tiġdid strutturali tan-network tal-bejgħ, li kellu impatt pożittiv fuq iż-żieda fit-traffiku matul l-istaġun l-aktar popolari mat-turisti ta' dik is-sena. Fi kwalunkwe każ, analiżi tal-istatistika rotta b'rotta għal kull sena sal-aħħar tal-2018 ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni li d-domanda mill-utenti fuq rotot speċifiċi kienet se tisparixxi.

Sena	Il-Linja A1	Il-Linja A2	Il-Linja A2 veloċi	Il-Linja A3	Il-Linja A4	Il-Linja A5	Għadd totali ta' passiġġieri
2012	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2013	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2014	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2015	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2016	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2017	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2018	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

Tabella 4 – Statistika dwar il-passiġġieri għas-snin bejn l-2012 u l-2018

Sena	Il-Linja A1	Il-Linja A2	Il-Linja A2 veloċi	Il-Linja A3	Il-Linja A4	Il-Linja A5	Għadd totali ta' vetturi
2012	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)
2013	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)
2014	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)
2015	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)
2016	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)
2017	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)
2018	(…)	(…)		(…)	(…)		(…)

Tabella 5 – Statistika dwar il-vetturi għas-snin bejn l-2012 u l-2018 ([67])

(199) Il-Kummissjoni tqis li l-istatistika ta' hawn fuq turi biċ-ċar li hemm domanda ġenwina għal servizzi ta' ġarr tal-passiġġieri u ta' servizzi mħallta fuq kull waħda mis-sitt rotot ta' servizz pubbliku inkwistjoni. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawn is-servizzi jindirizzaw ħtiġijiet pubbliċi reali u jissodisfaw domanda ġenwina mill-utenti.

(2) Eżistenza ta' falliment tas-suq

([67]) Il-vapuri użati fuq il-linja A2 veloċi u l-linja A5 ma jistgħux iġorru vetturi.

(200) Skont il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni SGEI, "ma jkunx xieraq li tinkludi obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' attività li qed tiġi diġà pprovduta jew li tista' tiġi pprovduta b'mod sodisfaċenti u taħt kundizzjonijiet, bħall-prezz, kriterji oġġettivi tal-kwalità, kontinwità u aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, kif definit mill-Istat, minn impriżi li joperaw skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq ([68])". Għalhekk, il-Kummissjoni trid teżamina jekk is-servizz ikunx inadegwat jekk il-forniment tiegħu jitħalla biss għall-forzi tas-suq fid-dawl tar-rekwiżiti ta' servizz pubbliku imposti mill-Istat Membru bis-saħħa tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni SGEI jinnota f'dan ir-rigward li "[l-]valutazzjoni tal-Kummissjoni hi limitata biss għal […] li tiċċekkja jekk l-Istati Membri għamlux xi żball ovvju".

(201) Il-Kummissjoni tinnota li matul il-perjodu qabel ġie ffirmat il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid ma' Moby/Toremar, operaturi oħra offrew servizzi ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma fuq ċerti rotot soġġetti għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għalkemm mhux neċessarjament is-sena kollha u bl-istess frekwenza. Fuq il-bażi tas-sitwazzjoni kompetittiva prevalenti qabel l-inkarigu fit-2 ta' Jannar 2012 (kif deskritt fil-premessa (38)), il-Kummissjoni se tivvaluta, għal kull rotta kkonċernata, jekk is-servizzi pprovduti mill-operaturi l-oħra kinux ekwivalenti għal dawk li Moby/Toremar kellha tipprovdi taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid.

(202) It-tabella ta' hawn taħt tiddeskrivi s-sitwazzjoni kompetittiva fuq ir-rotot operati minn Moby/Toremar:

Rotta	**Moby/Toremar (vjaġġi kuljum is-sena kollha)**	**Kompetituri (vjaġġi kuljum)**
Livorno – Gorgona – Capraia **(Il-Linja A1)**	Servizz imħallat (passiġġieri u vetturi)	Ħadd
Portoferraio – Piombino (il-gżira ta' Elba) **(Il-Linja A2)**	Servizz imħallat b'medja ta': — Tmien vjaġġi bejn Jannar u April — 15-il vjaġġ bejn April u Settembru — Tmien vjaġġi bejn Settembru u Diċembru —	**Moby** (servizz imħallat is-sena kollha) b'medja ta': — Sitt vjaġġi bejn Jannar u Marzu — Tmien vjaġġi f'April, 12-il vjaġġ f'Mejju u 10 vjaġġi f'Settembru — 12-il vjaġġ bejn Ġunju u Awwissu — Tmien vjaġġi f'Ottubru — Sitt vjaġġi f'Novembru u f'Diċembru **Blu Navy** (servizz imħallat) — Fl-2012 (is-sena kollha) b'medja ta' ħames vjaġġi — Mill-2013, bejn Marzu u Ottubru biss, b'medja ta' ħames vjaġġi **Elba Ferries** (servizz imħallat bejn Ġunju u Settembru) b'medja ta' ħames jew sitt vjaġġi
Piombino – Cavo – Portoferraio (il-gżira ta'Elba) **(Il-Linja A2 veloċi)**	Servizz veloċi għall-passiġġieri	Ħadd
Piombino – Rio Marina – Pianosa (il-gżira ta' Elba) **(Il-Linja A3)**	Servizz imħallat	Ħadd
Porto S. Stefano – Il-Gżira ta' Giglio **(Il-Linja A4)**	Servizz imħallat b'medja ta': — Bejn tlieta u erba' vjaġġi bejn Jannar u Marzu	**Maregiglio** (servizz imħallat is-sena kollha) b'medja ta': — 0.5 vjaġġ u vjaġġ wieħed (1) bejn Jannar u Marzu — Żewġ vjaġġi f'April u f'Mejju

([68]) Ara l-Kawża C-205/99 *Analir et*, ECLI:EU:C:2001:107, il-punt 71.

	— Bejn erba' u ħames vjaġġi bejn April u Settembru — Erba' vjaġġi bejn Settembru u Diċembru —	— Bejn ħames u sitt vjaġġi f'Ġunju u f'Lulju — Bejn tlieta u erba' vjaġġi f'Awwissu u f'Settembru — Bejn vjaġġ u żewġ vjaġġi f'Ottubru — Vjaġġ wieħed f'Novembru u f'Diċembru
Porto S. Stefano – Giannutri **(Il-Linja A5)**	Servizz tal-passiġġieri offrut minn Maregiglio sottokuntrattat minn Moby/Toremar ([1])	Ħadd

([1]) Id-dokumentazzjoni tal-offerta kienet tipprevedi l-possibbiltà ta' sottokuntrattar. L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-ammonti speċifiċi – li huma l-kost nett għas-servizz – imħallsa fis-sena lil Moby/Toremar mir-Reġjun tat-Toskana għall-provvista tas-servizz pubbliku fuq ir-rotta Porto S. Stefano – Giannutri. Toremar thallas somma f'daqqa lil Maregiglio abbażi ta' sottokuntratt. Din it-tranżazzjoni tal-aħħar, li tinvolvi kuntratt privat, taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Tabella 6 – Is-sitwazzjoni kompetittiva fuq ir-rotot operati minn Moby/Toremar

(203) Il-Kummissjoni tqis li, kif jidher biċ-ċar fit-Tabella 6, is-servizzi offruti minn Moby/Toremar ma humiex sostitwibbli għal dawk offruti minn kompetituri oħra, peress li dawn tal-aħħar ma jaqdux jew ma jaqdux bis-sħiħ l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti mill-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, b'mod partikolari f'termini tal-kontinwità tas-servizz operat minn Toremar tul is-sena kollha. Madankollu, fuq tlieta mis-sitt rotot, ma hemmx operatur ieħor minbarra Moby/Toremar li joffri s-servizz (il-Linji A2 veloċi, A3 u A5). B'riżultat ta' dan, l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt ma' Moby/Toremar għall-operat ta' dawk it-tliet rotot huma ġustifikati minn ħtieġa pubblika ġenwina sabiex tiġi żgurata l-kontinwità territorjali, meta dan ma jistax jiġi offrut mis-suq waħdu.

(204) Fir-rigward tar-rotot fejn operaturi oħra joffru servizzi wkoll (il-Linji A2 u A4), il-Kummissjoni tqis li hemm differenzi kbar fir-rigward tar-regolarità tas-servizzi offruti. Moby/Toremar topera dawn ir-rotot is-sena kollha mingħajr ebda interruzzjoni, filwaqt li l-operaturi l-oħra kollha msemmija hawn fuq fit-tabella (jiġifieri Blu Navy, Elba Ferries u Maregiglio) ma joffrux dan is-servizz kontinwu s-sena kollha (fil-każ ta' Blu Navy u Elba Ferries) u lanqas ma jagħmluh fl-istess livell ta' frekwenza bħal Moby/Toremar. Pereżempju, Blu Navy bdiet topera fl-2010 bejn April u Novembru. Imbagħad fl-2012 bdiet topera s-sena kollha b'medja ta' ħames vjaġġi u fl-2013 reġgħet lura għall-iskeda inizjali tagħha li topera biss f'Marzu u f'Ottubru. Maregiglio topera l-Linja A4 is-sena kollha, madankollu b'għadd anqas ta' vjaġġi meta mqabbel ma' Moby/Toremar. B'mod partikolari, matul il-perjodu bejn Jannar u Frar u bejn Novembru u Diċembru, Maregiglio ma toperax vjaġġi kuljum, bil-vjaġġi mensili jvarjaw bejn 20 u 30. B'riżultat ta' dan, mingħajr is-servizz ta' Moby/Toremar fuq dawk ir-rotot partikolari, il-ħtieġa għal konnettività regolari u frekwenti ta' dawk il-gżejjer mal-Italja kontinentali s-sena kollha tkun materjalment kompromessa, peress li kemm Blu Navy kif ukoll Elba Ferries ma setgħux jipprovdu s-servizz bl-istess kundizzjonijiet bħal Moby/Toremar tul il-perjodu sħiħ tal-kuntratt.

(205) B'mod partikolari fir-rigward tas-servizz operat minn Moby (bħala kompetitur għal Moby/Toremar) fuq il-Linja A2, il-Kummissjoni tinnota li Moby topera vjaġġi regolari s-sena kollha kif ukoll vjaġġi frekwenti ta' kuljum (eż. minn 5 vjaġġi matul il-perjodu tax-xitwa għal 17-il vjaġġ matul il-perjodu tas-sajf), sabiex b'hekk topera servizz simili ħafna għal dak ta' Moby/Toremar.

(206) Madankollu, l-Italja pprovdiet informazzjoni li turi li l-kontinwazzjoni tas-servizz pubbliku minn Moby/Toremar kienet meħtieġa u kienet twieġeb għal ħtieġa reali ta' servizz pubbliku u li din il-ħtieġa pubblika għall-konnettività marittima ma setgħetx tiġi ssodisfata minn Moby waħedha.

(1) L-ewwel nett, l-iskeda ta' Moby/Toremar kienet ġiet aġġustata fil-kuntest tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid sabiex jiġi żgurat trasport intermodali, b'mod partikolari integrazzjoni aħjar tas-servizzi marittimi mas-servizzi ferrovjarji offruti fl-istazzjonijiet ferrovjarji ta' Piombino u Campiglia Marittima;

(2) It-tieni, l-Italja wriet li l-eżistenza ta' operatur inkarigat b'obbligi ta' servizz pubbliku tippermetti kontinwità effettiva tas-servizz marittimu matul il-perjodu tax-xitwa u tnaqqas sostanzjalment u fl-interess tal-popolazzjoni inġenerali, il-ħin ta' stennija fuq il-moll bi kważi siegħa u nofs (eż. minn tliet sigħat fi Piombino fin-nuqqas ta' Toremar għal siegħa u nofs fil-każ ta' kemm Toremar u Moby);

(3) It-tielet, abbażi tal-kuntratt ta' servizz pubbliku, Moby/Toremar tagħmel vjaġġ addizzjonali filgħaxija kuljum is-sena kollha bejn 30 minuta wara l-aħħar vjaġġ tagħha (fil-ħin tal-inkarigu) u 00.30 a.m. (ara l-premessa (258)). B'ħekk, Moby/Toremar topera l-aħħar slot kuljum fuq il-Linja A2 (22.00 p.m. jew 22.30 p.m. skont il-jum u x-xahar). L-iskedi vvalutati juru wkoll li Moby/Toremar tagħmel l-ewwel vjaġġ tagħha minn Portoferraio lejn l-Italja kontinentali. Għalhekk, il-bastimenti ta' Moby/Toremar jitrakkaw fil-port tal-ġżira billejl, b'kostijiet akbar, sabiex jipprovdu l-ewwel konnessjoni filgħodu għar-residenti li jivvjaġġaw għax-xogħol jew għall-istudju u sabiex jiżguraw konnessjonijiet f'każ ta' emerġenzi mediċi;

(4) Ir-raba', ġie sottomess li Moby waħedha ma setgħatx tkun f'pożizzjoni li tissodisfa l-volum kbir ta' passiġġieri li jeħtieġu trasport bejn Piombino u Portoferraio u lura. Għalkemm ovvjament il-volum ta' passiġġieri ttrasportat matul ix-xhur tas-sajf huwa ferm ogħla, iċ-ċifri osservati fl-ewwel tliet xhur tal-2012 (jiġifieri matul l-istaġun kwiet) jindikaw li kien hemm preżenza kostanti ta' passiġġieri abbord iż-żewġ bastimenti (Moby/Toremar jew Moby) li, minħabba xogħol, studju jew raġunijiet personali oħra kellhom bżonn jivjaġġaw fiż-żewġ direzzjonijiet.

(207) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li fil-mument tal-inkarigu, il-forzi tas-suq waħedhom ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku. Tabilħaqq, fuq għadd ta' rotot, Moby/Toremar kienet l-uniku operatur filwaqt li fuq ir-rotot l-oħra s-servizzi pprovduti mill-kompetituri fl-arċipelagu Toskan ma kinux ekwivalenti f'termini ta' kontinwità, ta' regolarità, ta' kapaċità u ta' kwalità u għalhekk ma kinux jissodisfaw bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt ta' servizz ma' Moby/Toremar.

(3) Approċċ l-anqas dannuż

(208) Il-Kummissjoni tinnota li l-Italja għażlet li tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku ma' operatur wieħed (Moby/Toremar) minflok timponi obbligi ta' servizz pubbliku fuq l-operaturi kollha interessati li joperaw ir-rotot inkwistjoni. Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja, il-Kummissjoni taċċetta li d-domanda mill-utenti ma setgħetx tiġi ssodisfata billi jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku (ara l-premessa (196)). B'mod partikolari, fuq għadd ta' rotot, Moby/Toremar hija l-uniku operatur u fejn dan ma huwiex il-każ, is-servizz ipprovdut mill-operaturi l-oħra ma jissodisfax ir-rekwiżiti (kollha) ta' regolarità, ta' kontinwità u ta' kwalità. Barra minn hekk, l-operat tal-biċċa l-kbira tar-rotot, speċjalment matul l-istaġun kwiet, jagħmel it-telf, u għalhekk, mingħajr kumpens għal servizz pubbliku, lanqas biss kienu jiġu operati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu nota tal-argument tal-Italja u tal-benefiċjarji li l-għażla ta' kuntratt ta' servizz pubbliku kienet meħtieġa wkoll fid-dawl tal-privatizzazzjoni ta' Toremar. B'mod aktar speċifiku, l-Italja targumenta li l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti għal Tirrenia abbinata ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid ippermettiet (i) li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku marittimu, (ii) li jiġi mmassimizzat il-valur għall-Istat. Abbażi ta' dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni qablet (ara l-premessa (96)) li l-Italja toħroġ sejħa għall-offerti għall-attività kummerċjali ta' Toremar abbinata ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid. B'dan il-mod, il-Kummissjoni aċċettat ukoll, u ttenni f'din id-Deċiżjoni, li l-Italja ma setgħetx tistrieħ fuq l-obbligi ta' servizz pubbliku li japplikaw għall-operaturi kollha, iżda, minflok, tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku ma' Moby/Toremar biss.

Konklużjoni

(209) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma għamlitx żball manifest meta ddefiniet is-servizzi fdati lil Moby/Toremar bħala SGEI. B'ħekk, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tal-2012 huma eliminati.

(210) Sabiex tikkonkludi li l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark* hija rispettata, il-Kummissjoni xorta trid tivverifika jekk l-obbligi ta' servizz pubbliku li bihom Moby/Toremar ġiet inkarigata kinux definiti b'mod ċar. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-obbligi ta' servizz pubbliku huma deskritti b'mod ċar fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid u fl-annessi tiegħu (li jinkludu pereżempju l-ispeċifikazzjonijiet tal-vapuri għal kull rotta). Bl-istess mod, ir-regoli li jirregolaw il-kumpens huma spjegati fid-dettall fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, fil-Liġi tal-2009 u fid-Direttiva CIPE. Il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għandu wkoll terminu ċar (ta' 12-il sena), jidentifika lil Moby/Toremar bħala l-operatur tas-servizz pubbliku u fih l-arranġamenti sabiex jiġi evitat u rkuprat kwalunkwe kumpens żejjed (ara wkoll il-premessa (228)). Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ewwel kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rispettat.

Il-prijorità tal-irmiġġ

(211) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009 jispeċifika b'mod ċar li l-prijorità tal-irmiġġ hija neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluż Moby/Toremar. Fil-fatt, kieku l-kumpaniji inkarigati bl-obbligi ta' servizz pubbliku ma kellhomx prijorità tal-irmiġġ, jista' jkun il-każ li (xi drabi) jkollhom jistennew sakemm ikun imiss lilhom jitrakkaw u, għalhekk, iġarrbu dewmien, li jmur kontra l-iskop li tiġi żgurata konnettività affidabbli u konvenjenti għaċ-ċittadini. Skeda ta' żmien regolari hija tabilħaqq meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-popolazzjoni tal-gżejjer u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati. Barra minn hekk, peress li fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid hemm obbligi speċifiċi tal-ħinijiet skedati tat-tluq għar-rotot ta' servizz pubbliku, il-prijorità tal-irmiġġ tgħin sabiex jiġi żgurat li l-portijiet jallokaw l-irmiġġi u l-ħinijiet tal-irmiġġ b'tali mod li jippermettu lill-operatur tas-servizz pubbliku jirrispetta l-obbligi ta' servizz pubbliku tiegħu. Din il-prijorità tal-irmiġġ ġiet trasferita lil Moby/Toremar mal-akkwist ta' Toremar. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura ġiet konċessa sabiex Moby/Toremar tkun tista' twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha li jikkostitwixxu SGEI ġenwin (ara l-premessa (209)). Barra minn hekk, l-Italja kkonfermat li l-prijorità tal-irmiġġ hija applikabbli biss għas-servizzi pprovduti taħt ir-reġim ta' servizz pubbliku. Għalhekk, il-prijorità tal-irmiġġ tikkonforma wkoll mal-ewwel kundizzjoni tas-sentenza *Altmark*.

6.1.2.2. Altmark 2

(212) Il-Kummissjoni tfakkar li fid-Deċiżjoni tal-2012 (ara l-paragrafu 205 tagħha), hija kienet tal-fehma preliminari li t-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa rispettat.

(213) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens ġew stabbiliti minn qabel u josservaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza f'konformità mat-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark*.

(214) B'mod aktar speċifiku, il-parametri li abbażi tagħhom ġie kkalkolat il-kumpens huma spjegati fid-dettall fid-Direttiva CIPE u ġew applikati fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid (u fl-annessi tiegħu). Il-metodu tal-kalkolu tal-kumpens, inkluż pereżempju l-elementi tal-kostijiet ikkunsidrati, huma spjegati fid-Direttiva CIPE. Peress li l-prijorità tal-irmiġġ ma tinvolvix kumpens finanzjarju għal Moby/Toremar, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura tikkonforma mat-tieni kriterju tas-sentenza *Altmark*.

(215) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tieni kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* hija rispettata.

6.1.2.3. Altmark 3

(216) Skont it-tielet kundizzjoni tas-sentenza *Altmark*, il-kumpens li ngħata għat-twettiq tal-SGEI ma jistax jaqbeż dak li huwa neċessarju sabiex ikopri l-kostijiet kollha jew parti mill-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, billi jitqiesu l-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli għat-twettiq ta' dawk l-obbligi.

(217) Madankollu, is-sentenza *Altmark* ma tipprovdix definizzjoni preċiża tal-profitt raġonevoli. Skont il-Komunikazzjoni SGEI, jenħtieġ li profitt raġonevoli jinftiehem bħala r-rata ta' redditu fuq il-kapital li tkun meħtieġa minn kumpanija tipika li tkun qed tikkunsidra jekk tipprovdix is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jew le għad-durata kollha tal-inkarigu, filwaqt li tqis il-livell tar-riskju. Il-livell tar-riskju jiddependi mis-settur ikkonċernat, mit-tip ta' servizz u mill-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' kumpens.

(218) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-proporzjonalità tal-kumpens imħallas lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluż Moby/Toremar mill-2012. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % ma kienx jirrifletti livell xieraq ta' riskju għaliex mal-ewwel daqqa t'għajn Moby/Toremar ma kinitx tidher li qiegħda tassumi r-riskji normalment imġarrba fl-operat ta' tali servizzi. B'mod aktar speċifiku, l-elementi ta' kost għall-fini tal-kalkolu tal-kumpens jinkludu l-kostijiet kollha involuti fil-provvista tas-servizz u l-varjazzjonijiet pereżempju fil-prezzijiet tal-fjuwil ittieħdu inkunsiderazzjoni. B'riżultat ta' dan, f'dak l-istadju l-Kummissjoni qieset li Moby/Toremar setgħet ingħatat kumpens żejjed.

(219) Il-Kummissjoni tinnota li ċerti aspetti tal-metodu ta' kumpens kif stabbilit fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, fil-fatt jidhru li jnaqqsu r-riskju kummerċjali mġarrab minn Moby/Toremar. B'mod partikolari, in-nollijiet massimi li Moby/Toremar tista' timponi jiġu aġġustati kull sena sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni l-inflazzjoni u jirriflettu l-varjazzjonijiet fl-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur. Barra minn hekk, il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid fih

ċerti klawżoli (ara l-premessa (87)) li l-għan tagħhom huwa li jinżamm l-ekwilibriju ekonomiku-finanzjarju tas-servizz pubbliku. B'mod partikolari, f'każ li l-kumpens għal servizz pubbliku ma jkunx biżżejjed sabiex ikopri l-kost tas-servizzi inkarigati mill-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, dawn il-klawżoli jippermettu reviżjoni (i) tas-sistema tariffarja, (ii) tal-portata tas-servizzi pubbliċi offruti, (iii) tan-nollijiet massimi fis-sena, u (iv) tal-għotjiet kapitali għall-investimenti.

(220) Skont l-Artikolu 26 tal-kuntratt, meta jkun hemm diskrepanza fil-bilanċ ekonomiku u finanzjarju tagħha, Moby/Toremar tista' titlob riekwilibriju billi tippreżenta proposta lir-Reġjun tat-Toskana. Din il-proposta mbagħad tiġi ppreżentata lill-Kumitat Tekniku responsabbli għall-ġestjoni tal-kuntratt. L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni (ara t-Tabella 7) li turi l-kontribuzzjonijiet ta' riekwilibriju, dovuti għall-kostijiet ogħla tal-VAT sostnuti minn Moby/Toremar u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwil, fil-perjodu ta' bejn l-2012 u l-2018.

EUR	**Kumpens pubbliku skont il-kuntratt**	**Kontribuzzjoni ta' riekwilibriju**	**Total**
2012	13 291 109	2 033 145	15 324 254
2013	13 234 326	-	13 234 326
2014	13 287 102	1 150 000	14 437 102
2015	13 366 507	677 052	14 043 559
2016	13 212 118	-	13 212 118
2017	13 523 598	-	13 523 598
2018	13 706 440	-	13 706 440

Tabella 7 – Kontribuzzjonijiet ta' riekwilibriju

(221) Kif muri fit-tabella ta' hawn fuq u kif spjegat ulterjorment mill-Italja, sabiex jinżamm il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt, il-kumpens ġie aġġustat għall-2012, filwaqt li mill-2013 sal-aħħar tal-kuntratt, ittieħdet azzjoni dwar is-sistema tariffarja, permezz ta' aġġustament tal-ipprezzar tan-nollijiet. Fl-2014 u fl-2015 sar aġġustament ieħor tal-kumpens li wassal għal kontribuzzjoni ta' riekwilibriju addizzjonali dovuta għas-sistema tariffarja inadegwata tal-2013 u tal-2014 rispettivament, filwaqt li bejn l-2016 u l-2018 ma kienx hemm bżonn ta' aġġustament.

(222) Għalkemm dawn is-salvagwardji jidhru li jnaqqsu r-riskju kummerċjali mġarrab minn Moby/Toremar, il-Kummissjoni tqis li l-kumpanija għadha esposta għar-riskju li l-kumpens jista' ma jkunx biżżejjed sabiex ikopri l-kostijiet tal-operat tas-servizz. Il-proposta ta' riekwilibriju tista' mhux dejjem tiġi aċċettata, peress li r-Reġjun tat-Toskana jiddeċiedi skont il-mertu u jadotta d-deċiżjoni tiegħu wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku fi żmien 90 jum minn meta Moby/Toremar tippreżenta t-talba tagħha. Sakemm tiġi adottata deċiżjoni, Moby/Toremar trid ikompli topera s-servizz pubbliku mingħajr ebda tibdil. Fil-fatt, f'każ wieħed, tali talba ta' riekwilibriju ġiet miċħuda minħabba li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 26 tal-kuntratt ta' servizz pubbliku ma kinux issodisfati ([69]).

(223) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li mhux il-kategoriji ta' kost kollha huma soġġetti għal kontribuzzjoni ta' riekwilibriju. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 26 tal-kuntratt ta' servizz pubbliku, il-kostijiet relatati ma' ineffiċjenzi maniġerjali, il-kostijiet tas-self u ż-żidiet fil-kostijiet unitarji lavorattivi sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali tax-xogħol jenħtieġ li jitħallsu minn Moby/Toremar. Għalhekk, Moby/Toremar tibqa' inċentivata twettaq is-servizzi tagħha b'mod effiċjenti u bl-anqas kost għall-komunità.

(224) Kif indikat aktar 'il fuq fil-premessi (46) sa (50), id-Direttiva CIPE tipprevedi li l-użu ta' primjum tar-riskju ta' 6,5 % sabiex jiġi determinat id-dħul mill-kapital permezz tal-formula tad-WACC. Madankollu, fil-prattika, ir-rata ta' 6,5 % ġiet applikata bħala rata fissa fuq id-dħul mill-kapital (ara wkoll il-premessa (133)).

([69]) L-Ittra tat-3 ta' April 2012, ref. AOOGRT-0096174/O.80.

(225) Kif muri fit-Tabella 8, iċ-ċifri għall-perjodu bejn l-2012 u l-2018 juru li l-kumpens effettiv għas-servizz pubbliku ma kienx biżżejjed sabiex ikopri l-kost nett tas-servizz inkluż is-6,5 % fuq id-dħul mill-kapital. F'konformità mal-paragrafu 47 tal-Qafas SGEI tal-2011, il-Kummissjoni tivvaluta jekk kienx hemm kumpens żejjed fuq id-durata kollha tal-kuntratt. Għall-perjodu bejn l-2012 u l-2018, Moby/Toremar irċeviet ftit aktar minn EUR 4 miljuni anqas mill-ammont eliġibbli. Essenzjalment, matul dan il-perjodu l-kumpens imħallas lil Moby/Toremar kopra l-kost nett tas-servizz pubbliku iżda fil-prattika ma kien hemm prattikament l-ebda dħul mill-kapital (ftit aktar minn EUR 30 000 b'kollox). Dawn iċ-ċifri jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' riekwilibriju tal-Artikolu 26 tal-kuntratt ma jipproteġux lil Moby/Toremar mir-riskji kollha relatati mal-operat tas-servizz pubbliku.

Toremar public service remit	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018	Grand total
Total revenues	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
- Total costs	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
- Amortizations	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
= Net cost of public service	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
+ Return on capital (6,5%)	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
= Eligible for compensation	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]
+ Actual compensation	15.324.255 €	13.234.327 €	14.437.102 €	14.043.559 €	13.212.118 €	13.523.598 €	13.706.440 €	97.481.399 €
= Over/under compensation	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	[…]	- 4.169.085 €

Tabella 8 – Kost nett tas-servizz pubbliku operat minn Toremar għall-perjodu bejn l-2012 u l-2018

(226) Matul l-investigazzjoni formali (ara l-premessa (133)), l-Italja ċċarat li, minħabba li l-Liġi tal-2009 introduċiet limitu fuq l-ammont ta' kumpens fl-offerta, ittieħdet id-deċiżjoni li l-kalkolu jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata r-rata fissa ta' 6,5 % fuq id-dħul mill-kapital. L-Italja tqis li l-approċċ simplifikat tagħha huwa konservattiv (ara l-premessa (134)) u ma jippermettix li Moby/Toremar tingħata kumpens ogħla minn dak li ġie stabbilit skont id-Direttiva CIPE.

(227) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qabblet ir-rata użata ta' 6,5 % fuq id-dħul mill-kapital li ġiet applikata għal Moby/Toremar mad-dħul medjan mill-kapital iġġenerat minn grupp ta' referenza fl-2011 (is-sena qabel l-inkarigu ta' Moby/Toremar). Il-grupp ta' referenza jikkonsisti f'operaturi magħżula tal-mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma li offrew konnessjonijiet marittimi fl-Italja jew bejn l-Italja u Stati Membri oħra ([70]). L-analiżi turi li d-dħul mill-kapital realizzat minn Moby/Toremar huwa kemxejn anqas mid-dħul medjan iġġenerat mill-grupp ta' referenza. Dan it-tqabbil juri li fis-sena ta' qabel l-inkarigu ta' Moby/Toremar, ir-rata ta' 6,5 % fuq id-dħul mill-kapital kienet raġonevoli.

(228) Il-Kummissjoni tinnota wkoll pożittivament il-fatt li l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid jirrikjedi li kull sena Moby/Toremar tibgħat il-kontijiet ġestjonali tagħha (suddiviżi skont ir-rotta u ċertifikati minn awditur indipendenti) lir-Reġjun tat-Toskana sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jivverifika jekk kienx hemm xi kumpens żejjed. Dan jipprovdi salvagwardja addizzjonali sabiex jiġi żgurat li Toremar ma tkunx tista' tibbenefika minn xi kumpens żejjed. Barra minn hekk, peress li Toremar wettqet biss attivitajiet kummerċjali, is-sussidjar reċiproku huwa fi kwalunkwe każ esklużż. L-Italja ppreżentat ukoll dawn il-kontijiet ġestjonali għall-perjodu bejn l-2012 u l-2018 sabiex b'hekk ippermettew lill-Kummissjoni twettaq il-kalkoli fit-Tabella 8.

(229) Fid-dawl ta' dawn ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens għal servizz pubbliku li ngħata lil Toremar ma jaqbiżx dak li huwa neċessarju sabiex jiġu koperti l-kostijiet imġarrba fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, b'kunsiderazzjoni tal-irċevuti rilevanti u profitt raġonevoli. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni tqis li l-primjum tar-riskju ta' 6,5 % stabbilit mid-Direttiva CIPE jrid jiġi vvalutat f'kombinazzjoni mal-ammont massimu ta' kumpens stabbilit fil-Liġi tal-2009. Fid-dawl ta' dan, id-dħul mill-kapital li Toremar setgħet tistenna minn perspettiva *ex ante* kien konsistenti mar-riskji li kienet qiegħda tiffaċċja meta topera s-servizzi pubbliċi taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku. Għalhekk, id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-konformità mat-tielet kundizzjoni tas-sentenza *Altmark* huma eliminati.

([70]) Dan jikkonċerna b'mod partikolari lil Minoan Lines Shipping, La Méridionale, Moby, Grandi Navi Veloci, Libertylines, Grimaldi Group, Corsica Ferries, SNAV, u Caronte & Tourist. Il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia (eż. Caremar, Laziomar) kienu esklużi mill-grupp ta' referenza.

(230) Fir-rigward tal-prijorità tal-irmiġġ u kwalunkwe kumpens żejjed possibbli li jista' jirriżulta minnha, il-Kummissjoni tinnota dan li ġej. L-Italja targumenta li kwalunkwe vantaġġ monetarju possibbli mill-prijorità tal-irmiġġ ikun wieħed limitat (ara l-premessa (137)). B'riżultat ta' dan, ir-riskju ta' kumpens żejjed li jirriżulta minn din il-miżura jkun limitat. Barra minn hekk, sa fejn din il-miżura tkun tnaqqas il-kostijiet operatorji jew iżżid id-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku, dawn l-effetti jkunu riflessi bis-sħiħ fil-kontijiet interni tal-operatur. L-analiżi tal-Kummissjoni aktar 'il fuq (ara l-premessa (228)) ikkonfermat li fil-perjodu bejn l-2012 u l-2018 Moby/Toremar ma rċevietx kumpens żejjed. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li anke l-prijorità tal-irmiġġ tikkonforma mat-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*.

6.1.2.4. Altmark 4

(231) Ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ikun sodisfat jekk il-benefiċjarju tal-kumpens għall-operat ta' SGEI jkun intgħażel wara proċedura tal-offerti li tippermetti li jintgħażel l-offerent li jkun kapaċi jipprovdi l-SGEI bl-anqas kost għall-komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, il-kumpens ikun ġie kkalkolat b'referenza għall-kostijiet ta' impriża effiċjenti.

(232) Skont il-paragrafu 63 tal-Komunikazzjoni SGEI, l-aktar mod sempliċi sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jissodisfaw ir-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* huwa li jagħmlu proċedura ta' akkwist pubbliku miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja f'konformità mad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([71]) u mad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([72]).

(233) Il-Kummissjoni tosserva li f'dan il-każ, il-proċedura tal-offerti tnediet qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([73]) (li tapplika għall-kuntratti pubbliċi mogħtija għall-operat tas-servizzi tat-trasport marittimu) u tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([74]). F'dak iż-żmien, id-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE kienu applikabbli. Madankollu, id-Direttiva 2004/17/KE ma tapplikax għas-servizzi tat-trasport marittimu, bħal dawk ipprovduti minn Moby/Toremar. Fil-fatt, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/17/KE jagħmilha ċara li huma biss is-servizzi tat-trasport bil-ferrovija, b'sistemi awtomatizzati, bit-trammijiet, bit-trolley bus, bil-karozza tal-linja jew bil-kejbil li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(234) Kuntratti pubbliċi li jingħataw mill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom ta' servizz ta' trasport marittimu, kostali jew fuq ix-xmajjar jaqgħu minflok fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE abbażi tal-paragrafu 20 tagħha. Madankollu, is-servizzi tat-trasport bl-ilma huma elenkati wkoll fl-Anness IIB ta' dik id-Direttiva li jimplika ([75]) li huma soġġetti biss għall-Artikoli 23 u 35(4) tagħha. Dan ifisser li, skont id-Direttiva 2004/18/KE, kuntratt pubbliku għas-servizzi tat-trasport marittimu huwa soġġett biss għall-obbligi li jikkonċernaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (l-Artikolu 23) u għall-obbligu li jiġi ppubblikat avviż ta' għoti ta' kuntratt (wara l-għoti tal-kuntratt u, għalhekk, fl-aħħar, u mhux fil-bidu, tal-proċedura tal-għoti: l-Artikolu 35(4)). Ir-regoli l-oħra kollha stabbiliti bid-Direttiva 2004/18/KE – inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-avviżi li għandhom jiġu ppubblikati (l-Artikolu 36(1)) u d-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tal-għażla (l-Artikoli 45 sa 52) – ma japplikawx għal kuntratti pubbliċi ta' servizzi ta' trasport marittimu.

(235) Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ id-Direttiva 2004/18/KE ma tapplikax għal konċessjonijiet ta' servizzi kif definit fl-Artikolu 1(4) tagħha ([76]). Il-Kummissjoni tinnota li l-konċessjonijiet ta' servizzi (u l-kuntratti pubbliċi), li għandhom ċertu interess transfruntier xorta jibqgħu soġġetti għall-prinċipji ġenerali tat-Trattat ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament indaqs.

([71]) Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

([72]) Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

([73]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([74]) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

([75]) Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE.

([76]) L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2004/18/KE jistipula: "*'Konċessjoni tas-servizz' huwa kuntratt tal-istess tip bħal kuntratt għas-servizz pubbliku minbarra l-fatt illi l-konsiderazzjoni għall-disposizzjoni tas-servizzi jikkonsisti jew waħdu fid-dritt li jesplojta s-servizz jew f'dan id-dritt kif ukoll bi ħlas*."

(236) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-Direttiva 2004/18/KE tista' tapplika biss fil-każ ta' kuntratt pubbliku iżda mhux fir-rigward ta' konċessjoni tas-servizz. Barra minn hekk, peress li dan il-każ jikkonċerna servizzi ta' trasport bl-ilma soġġetti għal kuntratt ta' servizz pubbliku, kif imsemmi qabel, japplikaw biss uħud mir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li ma tistax toqgħod biss fuq il-konformità mad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku sabiex tintwera l-konformità mar-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni sussegwentement tivvaluta jekk il-proċedura tal-offerti użata mill-Italja kinitx kompetittiva, trasparenti, nondiskriminatorja u inkondizzjonata. Biex tagħmel din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-gwida rilevanti stabbilita fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Kunċett ta' Għajnuna ([77]) (b'mod partikolari fil-paragrafi 89 *et seq* tagħha) u l-Komunikazzjoni dwar l-SGEI (b'mod partikolari fil-paragrafi 63 *et seq* tagħha).

In-natura kompetittiva u trasparenti tas-sejħa għall-offerti

(237) Il-paragrafu 90 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna jispeċifika li proċedura tal-offerti trid tkun kompetittiva ([78]) sabiex tippermetti lill-offerenti interessati u kkwalifikati kollha jipparteċipaw fil-proċess. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 91 ta' dik il-Komunikazzjoni, il-proċedura trid tkun trasparenti, sabiex tippermetti lill-offerenti interessati kollha jiġu informati bl-istess mod u kif xieraq f'kull stadju tal-proċedura tal-offerti. Dak il-paragrafu jenfasizza wkoll li l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, biżżejjed żmien għall-offerenti interessati, u ċ-ċarezza tal-kriterji tal-għażla u għall-għoti lkoll huma elementi kruċjali għal proċedura trasparenti tal-għażla u jindika li offerta trid tkun ippubblikizzata b'mod suffiċjenti, sabiex l-offerenti potenzjali kollha jkunu jistgħu jieħdu nota tagħha.

(238) F'dan il-każ, is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif ukoll fil-Ġurnal Uffiċjali nazzjonali u reġjonali u fil-gazzetti nazzjonali (ara l-premessa (56)). Din is-sejħa stiednet lil kull min seta' "*jiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*" sabiex jesprimi l-interess tiegħu u ma imponietx kundizzjonijiet ulterjuri. L-offerenti potenzjali ngħataw biżżejjed żmien sabiex jesprimu l-interess tagħhom adegwatament u b'hekk ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-fażi li jmiss tal-proċess. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-intenzjoni tar-Reġjun tat-Toskana li jbigħ lil Toremar u li jagħti l-kuntratt ta' servizz pubbliku kienet ġiet kkomunikata b'mod wiesa' b'tali mod li jintlaħqu l-offerenti possibbli kollha.

(239) Barra minn hekk, l-offerenti jridu jingħataw id-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-proċess tal-offerti sabiex b'hekk ikunu jistgħu jivvalutaw sew il-kumpanija għall-bejgħ. Tali informazzjoni trid tkun disponibbli għall-offerenti potenzjali b'mod trasparenti u nondiskriminatorju u l-parteċipanti interessati kollha għandu jkollhom aċċess indaqs għall-informazzjoni rilevanti.

(240) L-ewwel nett, is-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess semmiet li l-offerenti kellhom ikunu kapaċi "*jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*". Dan kien l-uniku kriterju tal-għażla li l-Italja applikat sabiex tiddetermina jekk il-partijiet interessati kinux se jitħallew jipparteċipaw jew le fil-proċedura tal-offerti. Minħabba li s-sejħa ma speċifikatx il-mod kif l-offerenti setgħu juru li jissodisfaw dan ir-rekwiżit, awtomatikament dan kien ifisser li seta' jintuża kwalunkwe mezz ta' evidenza xieraq ([79]). Peress li l-ebda waħda mill-11-il parti li esprimew interess li jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti ma ġiet eskluża, il-Kummissjoni tqis li dan il-kriterju tal-għażla kien ċar għall-offerenti interessati kollha u kien anke ġustifikat fid-dawl tal-objettiv segwit.

(241) It-tieni, il-Liġi tal-2009 għamlitha ċara lill-partijiet interessati li malli tintemm il-proċedura tal-offerti kien se jiġi konkluż kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid u li l-ammont annwali tal-kumpens għal servizz pubbliku kien ġie stabbilit għal massimu ta' EUR 13 005 441 miljun fis-sena. Barra minn hekk, is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess indikat li l-objettiv kien li Toremar tinbiegħ għal prezz fiss ta' EUR 10 258 397. Barra minn hekk, kif ikkonfermat mill-Italja, l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-bejgħ, inkluż l-abbozz tal-kuntratt ta' servizz pubbliku li kellu jiġi konkluż bejn l-akkwirent u l-Italja, tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-11-il

([77]) L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

([78]) Fil-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna, il-Kummissjoni tosserva li fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat, il-Qrati tal-Unjoni spiss jirreferu għal proċedura tal-offerti "miftuħa". Madankollu, l-użu tal-kelma "miftuħa" ma jirreferix għal proċedura speċifika skont id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jkun aktar opportun li tintuża l-kelma "kompetittiva". F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tinnota wkoll li dan ma huwiex qiegħed isir bl-intenzjoni li tiddevja mill-kundizzjonijiet sostantivi stabbiliti fil-ġurisprudenza.

([79]) Barra minn hekk, kif spjegat aktar 'il fuq (ara l-premessa (234)), l-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2004/18/KE ma kienx japplika għal din is-sejħa għall-offerti. Għalhekk, l-Italja fil-fatt ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi l-kriterji tal-għażla tas-sejħa.

parti li esprimew interess li jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti. Dan ippermetta lil dawn il-partijiet sabiex jiddeċiedu jekk jagħmlux offerta jew le u, jekk iva, kemm se joffru. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess kien ċar biżżejjed li l-bejgħ kien jikkonċerna l-attività kummerċjali ta' Toremar abbinat ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid. Wara li esprimew l-interess tagħhom, il-partijiet ingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiddeċiedu dwar offerta possibbli.

(242) It-tielet, il-Kummissjoni tqis li s-sejħa għal espressjonijiet ta' interess ġibdet għadd sostanzjali ta' offerenti potenzjali. Il-11-il kumpanija li ppreżentaw espressjoni ta' interess, sussegwentement irċevew informazzjoni dettaljata dwar il-proċess mingħand ir-Reġjun tat-Toskana. Barra minn hekk, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE, jidher li l-Italja ma kellha l-ebda obbligu li tipprovdi informazzjoni addizzjonali fis-sejħa dwar il-kuntratt li kien se jingħata minbarra s-sempliċi referenza għall-kontinwazzjoni tal-provvista tas-servizz pubbliku u r-referenza għan-normi ġuridiċi li jirregolaw dak is-servizz (ara l-premessa (234)).

(243) Ir-raba', is-sejħa kien fiha l-informazzjoni minima meħtieġa sabiex tiġi ppreżentata espressjoni ta' interess (jiġifieri l-kontinwazzjoni tas-servizz pubbliku), u ma setgħetx twassal għall-esklużjoni ta' operaturi marittimi li setgħu kienu interessati. Id-deċiżjoni li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku kif ukoll il-konnettività tal-gżejjer tal-arċipelagu tat-Toskana mal-Italja kontinentali kienet tal-awtoritajiet tal-ippjanar. Din il-kundizzjoni ġiet mgħarrfa bil-quddiem, kif spjegat hawn fuq, lill-operaturi potenzjali kollha li esprimew interess li jipparteċipaw fil-proċedura tal-offerti. Għalhekk, il-Kummissjoni taqbel mal-Italja li f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda kontroll fuq l-offerenti potenzjali (ara l-premessa (127)), li juri li ma kinitx l-intenzjoni tal-awtoritajiet tal-ippjanar, bħala riżultat tal-inklużjoni tar-rekwiżit obbligatorju li jitkompla s-servizz pubbliku, li selettivament jiffavorixxu xi offerent potenzjali, sabiex jingħata l-kuntratt għas-servizz pubbliku u s-sjieda tal-attività kummerċjali ta' Toremar. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kriterji tal-għażla u l-iżvilupp ulterjuri tal-proċedura ġiet ipprovduta fl-ittra ta' stedina li ntbagħtet lill-11-il parti li esprimew interess li jipparteċipaw fil-proċedura ([80]).

(244) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li l-inizjattiva tar-Reġjun tat-Toskana li jwaqqaf pjattaforma diġitali speċjali jew kamra tad-*data*, li jkun fiha d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ppermettiet lill-offerenti potenzjali kollha jkunu ugwalment, kompletament u debitament mgħarrfa dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa għat-tħejjija tal-offerta tagħhom.

(245) Fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-ħtieġa tal-impożizzjoni ta' ċerti *rekwiżiti tekniċi u finanzjarji tal-offerta* (ara l-premessa (113)) fuq l-offerenti, minbarra l-kundizzjonijiet kwalitattivi standard li fi kwalunkwe każ jiġu imposti bħala obbligi ta' servizz pubbliku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha d-dubji dwar jekk tali rekwiżiti setgħux jiġu aċċettati f'sitwazzjoni, bħal din preżenti, fejn il-kumpanija sħiħa titqiegħed għall-bejgħ.

(246) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni li naqqsitilha t-tħassib tagħha. Il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tekniċi u finanzjarji ma wasslux għall-esklużjoni ta' xi offerent potenzjali, għar-raġunijiet li ġejjin.

(247) L-ewwel nett, ir-rekwiżiti tekniċi u finanzjarji kienu ġew inklużi fid-dokumentazzjoni tal-offerta u għalhekk l-offerenti potenzjali kollha kienu saru jafu dwarhom fl-istadji bikrija nett tal-proċess. B'mod partikolari, dawn ir-rekwiżiti kienu parti mill-avviż dwar kuntratt li ġie ppubblikat internazzjonalment, li stieden lill-operaturi interessati kollha li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti jippreżentaw espressjoni ta' interess.

(248) It-tieni, il-Kummissjoni tinnota li r-rekwiżiti speċifiċi ġew espressi bħala kundizzjonijiet oġġettivi għall-parteċipazzjoni fil-proċedura u għalhekk ma kinux jikkostitwixxu kriterji għall-għoti u lanqas ma kienu ngħataw punteġġ. B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet kontraenti ma kellhom l-ebda diskrezzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tal-offerenti li jgħaddu għall-fażi li jmiss tal-proċedura.

([80]) Fost l-oħrajn, l-ittra ta' stedina tinkludi informazzjoni dwar il-kreditu ta' EUR 9 772 572 mitlub minn Tirrenia (ara l-premessi (69) sa (71)).

(249) It-tielet, meta wieħed iqis il-mod kif saret l-offerta (jiġifieri l-abbinar tal-bejgħ tal-kumpanija mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid), il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-objettiv tar-Reġjun tat-Toskana li jiżgura l-kontinwità tas-servizz pubbliku skont l-ogħla standards ta' kwalità possibbli, jikkostitwixxi objettiv leġittimu ta' interess pubbliku ([81]), li ma setax jintlaħaq mingħajr l-imsemmija rekwiżiti. Barra minn hekk, il-fatt li l-pubblikazzjoni tal-avviż dwar kuntratt mal-imsemmija rekwiżiti wasslet għas-sottomissjoni ta' 11-il espressjoni ta' interess juri biċ-ċar li l-inklużjoni ta' dawn ir-rekwiżiti ma kellhiex effett ta' deterrent.

(250) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, il-proċedura tal-offerti kienet kompetittiva u trasparenti. B'mod partikolari, l-intenzjoni tar-Reġjun tat-Toskana li jiddivesti l-attività kummerċjali ta' Toremar u li jikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid b'durata ta' 12-il sena mal-offerent rebbieħ kienet ġiet mgħarrfa b'mod wiesgħa b'tali mod li jintlaħqu l-offerenti kollha possibbli fis-suq reġjonali jew internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-offerenti potenzjali setgħu faċilment jesprimu l-interess tagħhom u ma kellhomx jieħdu impenn għal xi ħaġa f'dak l-istadju. Dment li setgħu juru li kienu jissodisfaw l-uniku kriterju tal-għażla li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz, il-partijiet sussegwentement ingħataw l-informazzjoni kollha u ż-żmien neċessarju sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jitfgħux offerta u l-ammont li riedu joffru għas-servizz. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li d-dubji tagħha li l-proċedura tal-offerta ma kinitx trasparenti biżżejjed minħabba nuqqasijiet possibbli fis-sejħa għall-espressjonijiet ta' interess huma eliminati.

Natura nondiskriminatorja tal-offerta

(251) Il-paragrafu 92 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna jenfasizza li t-trattament nondiskriminatorju lill-offerenti kollha fl-istadji kollha tal-proċedura u kriterji oġġettivi tal-għażla u għall-għoti tal-proċess speċifikati bil-quddiem huma kundizzjonijiet indispensabbli sabiex jiġi żgurat li t-tranżazzjoni li tirriżulta tkun konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, dak il-paragrafu jispeċifika li, sabiex jiġi ggarantit trattament indaqs, jenħtieġ li l-kriterji għall-għoti tal-kuntratt jippermettu sabiex l-offerti jitqabblu u jiġu vvalutati b'mod oġġettiv.

(252) Kif indikat aktar 'il fuq (ara l-premessa (240)), l-unika kundizzjoni fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess kien li l-offerenti jkunu kapaċi "*jiggarantixxu l-kontinwità tas-servizz tat-trasport marittimu*". It-11-il parti kollha li wieġbu għas-sejħa u li esprimew interess kienu konxji minn dak l-obbligu. Il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni kienet oġġettiva u kienet ġiet magħmula ċara biżżejjed lill-partijiet interessati kollha fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess.

(253) Il-11-il offerent interessat imbagħad ġew mistiedna jissottomettu offerta u kollha ngħataw aċċess għal kamra tad-*data* virtwali li kien fiha l-informazzjoni rilevanti kollha (ara l-premessa (62)) sabiex b'hekk setgħu jivvalutaw l-attività kummerċjali ta' Toremar u l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għall-bejgħ. Għalhekk, l-offerenti kollha rċivew l-istess informazzjoni u ġew ittrattati b'mod ugwali l-ħin kollu.

(254) Għalhekk, id-dubji tal-Kummissjoni espressi fid-Deċiżjoni tal-2011 jekk is-sejħa għal espressjonijiet ta' interess kinitx nondiskriminatorja huma riżolti. Il-partijiet kollha kienu informati b'mod korrett u ugwali matul l-istadji varji tal-proċedura tal-offerti u setgħu jagħmlu offerta b'għarfien sħiħ tal-proċedura u tar-rekwiżiti. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-kriterji għall-għoti ppermettew tqabbil u valutazzjoni oġġettivi tal-offerti.

L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti bl-anqas kost għall-komunità

(255) Il-paragrafu 65 tal-Komunikazzjoni SGEI jipprevedi li abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, proċedura ta' akkwist pubbliku teskludi l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat biss fejn din tippermetti li jintgħażel l-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizz "bl-anqas kost għall-komunità".

(256) F'dan il-każ, l-offerta kienet tirrigwarda l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar u mhux sempliċiment il-kuntratt ta' servizz pubbliku nnifsu. L-Italja ddeċidiet li l-prezz għall-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Toremar kien fiss (abbażi tal-valwazzjoni li saret minn espert indipendenti) u ma kienx negozjabbli, filwaqt li għall-kuntratt ta' servizz l-Italja għażlet l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża b'20 punt għall-prezz, 70 punt għall-kwalità u 10 punti għal servizzi addizzjonali (ara l-premessi (60) u (61)).

([81]) Il-Kawża C-205/99 *Asociación Profesional de Empresas Navieras de Líneas Regulares (Analir) et vs Administración General del Estado*, ECLI:EU:C:2001:107, il-punt 37.

(257) Fir-rigward tal-użu tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, il-paragrafu 67 tal-Komunikazzjoni dwar is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali jindika li l-"offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża" hija meqjusa wkoll (minbarra l-"prezz l-aktar baxx") suffiċjenti sabiex tissodisfa r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* "*[…] sakemm il-kriterji tal-għotja […], ikunu relatati mill-qrib mas-suġġett tas-servizz provdut u jippermettu għall-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża li taqbel mal-valur tas-suq*" ([82]).

(258) Il-Kummissjoni tinnota li l-Italja għamlet enfasi fuq l-għażla ta' operatur li jkun kapaċi jipprovdi s-servizz skont standards għoljin ta' kwalità b'kunsiderazzjoni ta' ċerti rekwiżiti. L-ittra ta' stedina għas-sottomissjoni tal-offerti kienet tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kumpilazzjoni tal-offerti finanzjarji u tekniċi. B'mod partikolari fir-rigward tal-offerta teknika (li kienet iġġorr punteġġ totali ta' 80 punt, bl-20 punt rimanenti allokati għall-kriterju tal-prezz), il-11-il operatur marittimu li esprimew interess ġew mistiedna jissottomettu informazzjoni relatata mal-età medja tal-bastimenti disponibbli għal kull linja u għal kull sena kuntrattwali, il-kapaċità u l-faċilitajiet strutturali għall-passiġġieri b'diżabilità, kif ukoll informazzjoni relatata mal-possibbiltà li l-operatur magħżul jiskeda vjaġġi addizzjonali fi slots speċifiċi (inkluż vjaġġi bil-lejl) is-sena kollha. Dawn il-kriterji ta' kwalità huma indubbjament relatati mill-qrib u jagħtu valur miżjud lill-provvista tas-servizz marittimu. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għas-servizz ikkonċernat abbinat mal-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Toremar ippermetta lill-Italja toħloq kompetizzjoni effettiva u tikseb servizz bl-ogħla valur possibbli bl-anqas kost għall-komunità.

(259) F'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-abbinar tas-servizz mal-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Toremar, fid-Deċiżjoni tal-2012, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li s-sejħa għall-offerti għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid mingħajr obbligu li jiġu akkwistati l-bastimenti ta' Toremar bħala neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-servizz pubbliku, kienet twassal għal kost aktar baxx għall-komunità.

(260) Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet hawn fuq li l-proċedura tal-offerti kienet trasparenti u nondiskriminatorja biżżejjed sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-akbar numru possibbli ta' offerenti potenzjali. Tabilħaqq, wara l-pubblikazzjoni wiesgħa tas-sejħa għal espressjonijiet ta' interess, 11-il operatur marittimu wieġbu pożittivament. L-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-proċedura tal-offerta ngħatat fl-ittra ta' stedina li ntbagħtet lill-11-il parteċipant kollha. Barra minn hekk, ir-Reġjun tat-Toskana waqqaf pjattaforma diġitali speċjali jew kamra tad-*data*, bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-offerenti potenzjali kollha jkunu ugwalment informati.

(261) Wara l-istadju tal-espressjoni tal-interess, ġew ippreżentati żewġ offerti kompetittivi (Moby u Toscana di Navigazione S.r.l.), li r-Reġjun tat-Toskana vvaluta, filwaqt li qies l-offerti tekniċi u finanzjarji tagħhom. Kif issemma fil-premessi (62) u (64), matul il-fażi ta' evalwazzjoni, ir-Reġjun tat-Toskana sab xi inkonsistenzi relatati ma' differenzi bejn l-offerti tekniċi u ekonomiċi ppreżentati minn Toscana di Navigazione S.r.l. li wasslu sabiex din tiġi eskluża milli tipproċedi għall-fażi sussegwenti tal-proċess, u b'hekk finalment il-kuntratt ingħata lil Moby.

(262) Il-kundizzjoni obbligatorja sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizz pubbliku u l-abbinar tal-assi mal-obbligi ta' servizz pubbliku huma interrelatati. B'mod partikolari, permezz tal-abbinar tal-bejgħ ta' Toremar ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid, l-akkwirent, Moby, qed jiġi awtomatikament soġġett għar-rekwiżit li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku u tingħata l-prijorità tal-irmiġġ. Il-Kummissjoni tqis li l-abbinar tal-attività kummerċjali ta' Toremar mal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid u l-għoti tal-prijorità tal-irmiġġ ma jwasslux għal prezz aktar baxx milli kieku l-assi u dan il-kuntratt inbiegħu separatament, għar-raġunijiet li ġejjin.

(263) L-għan esklussiv tal-attività kummerċjali ta' Toremar kien li tipprovdi s-servizz pubbliku u li tiġi żgurata l-kontinwità territorjali. Fil-fatt, il-bastimenti kollha ta' Toremar dejjem intużaw u għadhom qegħdin jintużaw għas-servizz pubbliku. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li bejjiegħ privat ma kienx ikun jista' jikseb prezz ogħla għall-bastimenti fis-suq. Fil-fatt, skont ir-rapport Fidi, mit-tmien bastimenti ta' Toremar, tlieta ġew iskritti għall-valur residwu, filwaqt li l-ħamsa l-oħra, li ġew kompletament ammortizzati, ġew iskritti għall-valuri tal-iskreppjar tagħhom. Madankollu, jidher improbabbli li dawn il-bastimenti setgħu jinbiegħu għal skopijiet ta' trasport marittimu, minbarra dak li kien jipprevedi l-kontinwazzjoni tas-servizz pubbliku, għal prezz ogħla minn dak li għalih kienu stmati. Dan għaliex meta vapur ikun għadu mhux fl-aħħar tal-ħajja utli tiegħu, il-valur tiegħu għal skopijiet ta' trasport marittimu jkun

([82]) Ara wkoll il-paragrafu 96 tal-Komunikazzjoni dwar il-Kunċett ta' Għajnuna.

ogħla mill-valur tal-iskreppjar tiegħu. Fix-xenarju li fih il-vapuri jinbiegħu separatament, huwa probabbli li tal-anqas uħud mill-vapuri kien ikollhom jinbiegħu għall-valur tal-iskreppjar tagħhom. Għalhekk, billi jingabru flimkien il-vapuri u l-kuntratt ta' servizz pubbliku, il-vapuri kollha jibqgħu joperaw u, għalhekk, jistgħu jinbiegħu bi prezz ogħla mill-valur tal-iskreppjar tagħhom.

(264) Barra minn hekk, il-Kummissjoni taqbel mal-kummenti ppreżentati mill-benefiċjarju, dwar il-kostijiet sostanzjali li r-Reġjun tat-Toskana kien ikollu jġarrab, kieku Toremar inbiegħet separatament għal kwalunkwe skop ta' tbaħħir mingħajr is-servizz pubbliku (jiġifieri l-kostijiet ta' likwidazzjoni, il-kostijiet għall-akkwist tal-bastimenti neċessarji eċċ.). Barra minn hekk, kieku Toremar inbiegħet separatament, il-Kummissjoni tqis li huwa improbabbli li offerenti potenzjali kien se jkollhom it-tmien bastimenti neċessarji diġà disponibbli sabiex jiġu riassenjati sabiex jeżerċitaw l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Dan huwa partikolarment minnu għaliex il-kuntratt il-ġdid fih rekwiżiti speċifiċi (eż. id-daqs) dwar il-bastimenti użati fuq ir-rotot differenti tas-servizz pubbliku. Probabbilment l-operaturi li diġà kellhom ir-riżorsi meħtieġa kienu diġà qegħdin jużawhom fuq rotot oħra u r-rassenjazzjoni tagħhom minħabba l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid kien inevitabbilment iwassal għat-telf tad-dħul mill-użu preċedenti tagħhom.

(265) Il-Kummissjoni tqis li għalhekk ir-raggruppar ta' dawn il-vapuri mal-kuntratt ta' servizz pubbliku ippermetta li jinkiseb prezz ogħla għall-vapuri ta' Toremar minħabba li, inkambju tal-operat tal-bastiment fuq ir-rotot ta' servizz pubbliku, l-akkwirent tagħhom kien se jirċievi kumpens għal servizz pubbliku għal perjodu ta' 12-il sena. Barra minn hekk, kwalunkwe bejjiegħ f'ekonomija tas-suq kien jiddeċiedi li jbigħ lil Toremar flimkien ma' kuntratt ta' servizz pubbliku ġdid sabiex jikseb l-ogħla prezz. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma rabtet l-ebda kundizzjoni li x'aktarx kienet tnaqqas il-prezz jew li bejjiegħ privat ma kienx jitlob.

(266) Il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dubju tagħha li s-sejħa għall-offerti għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid flimkien mal-attività kummerċjali ta' Toremar ma setgħetx twassal għal kost aktar baxx għall-komunità, ġie eliminat.

(267) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar ħoloq kompetizzjoni ġenwina sal-aħħar tal-proċedura tal-offerti bis-sottomissjoni ta' żewġ offerti kompetittivi u vinkolanti. L-esklużjoni ta' Toscana di Navigazione S.r.l. seħħet biss matul l-evalwazzjoni sussegwenti tal-offerti u għalhekk ma biddlitx in-natura kompetittiva tal-proċess tal-offerti. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark* ġie rrispettat f'dan il-każ inkwistjoni.

(268) Peress li l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Altmark* huma ssodisfati b'mod kumulattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Moby/Toremar ma jagħtix vantaġġ ekonomiku lil din tal-aħħar.

6.1.2.5. Konklużjoni

(269) Peress li mhux il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Moby/Toremar ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.1.3. *Il-miżuri stabbiliti mil-Liġi tal-2010*

(270) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011 il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżuri kollha previsti bid-Digriet Amministrattiv 125/2010 ikkonvertit b'emendi fil-Liġi tal-2010 kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur il-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, peress li l-benefiċjarji rispettivi setgħu jużaw dawn il-miżuri sabiex ikopru l-eżiġenzi ta' likwidità u b'hekk itejbu l-pożizzjoni finanzjarja ġenerali tagħhom.

(271) Abbażi tal-informazzjoni li waslet matul l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li t-tliet miżuri jiġu vvalutati separatament.

6.1.3.1. L-użu possibbli ta' fondi sabiex jiġu aġġornati l-vapuri għal skopijiet ta' likwidità

(272) Riżorsi tal-Istat: Il-fondi inkwistjoni ngħataw mill-Istat mill-baġit tiegħu stess (ara l-premessa (91)) u l-użu tagħhom għall-finijiet ta' likwidità kien permess bil-Liġi tal-2010. Għaldaqstant, il-miżura hija imputabbli lill-Istat u hija mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

(273) Selettività: din il-miżura ġiet konċessa biss għall-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluż lil Toremar, u għalhekk hija selettiva. Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni tindika li din il-miżura ma ġietx konċessa lil Moby.

(274) Vantaġġ ekonomiku: il-Kummissjoni tinnota li Toremar użat EUR 1 617 300 sabiex taġġorna l-flotta tagħha sabiex tirrispetta l-istandards internazzjonali tas-sikurezza (jiġifieri EUR 808 650 għall-immodernizzar tal-bastiment Aethalia u EUR 808 650 għall-immodernizzar tal-bastiment Liburna). Skont l-Italja, dawn il-fondi qatt ma ntużaw għal skopijiet ta' likwidità (ara l-premessa (138)) u l-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza għall-kuntrarju.

(275) Peress li Toremar ma użatx dawn il-fondi għall-finijiet ta' likwidità sabiex tevita kostijiet li kieku kien ikollha tkopri hija stess mir-riżorsi finanzjarji proprji, id-dubji espressi fid-Deċiżjoni tal-2011 ma għadhomx validi u għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-użu tal-fondi msemmija ma tax vantaġġ ekonomiku lil Toremar.

(276) Konklużjoni: peress li mhux il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE huma ssodisfati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-fondi li ngħataw lil Toremar sabiex timmodernizza l-flotta tagħha ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.1.3.2. L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni

(277) Kif deskritt fil-premessa (93), skont l-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010, ċerti atti u operazzjonijiet imwettqa għall-privatizzazzjoni tal-Grupp Tirrenia u deskritti fil-paragrafi 1 sa 15 tal-Artikolu 19-*ter* tad-Digriet Amministrattiv 135/2009, ikkonvertit b'modifiki fil-Liġi tal-2009, huma eżenti minn kull taxxa normalment dovuta fuq dawk l-atti u l-operazzjonijiet.

(278) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li jridu jiġu vvalutati żewġ settijiet separati ta' trasferimenti: (1) it-trasferimenti tal-ex sussidjarji ta' Tirrenia, jiġifieri Caremar, Saremar u Toremar minn Tirrenia lir-Reġjuni ta' Campania, ta' Sardinja u tat-Toskana, u (2) it-trasferiment tal-attività kummerċjali ta' Tirrenia mir-Reġjun tat-Toskana lil Moby. It-taxxi eżentati huma b'mod partikolari d-dazju tar-reġistrazzjoni, il-miżati tar–reġistru tal-artijiet u tar-reġistrazzjoni tal-ipoteki, it-taxxa tal-boll (flimkien, "it-taxxi indiretti"), il-VAT u t-taxxa korporattiva. Il-benefiċjarji ta' din il-miżura ta' għajnuna jkunu l-bejjiegħ, ix-xerrej, jew it-tnejn li huma. F'din id-Deċiżjoni se jiġi vvalutat biss it-tieni sett ta' trasferimenti ([83]).

(279) Qabel kollox, il-Kummissjoni tinnota wkoll li skont id-Digriet Presidenzjali Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972, it-trasferimenti ta' negozji avvjati jew ta' unitajiet kummerċjali lil kumpanija oħra ma jitqisux bħala provvista ta' merkanzija u għalhekk huma eżentati mill-VAT. Għalhekk, peress li tranżazzjonijiet bħall-bejgħ tal-attività kummerċjali ta' Toremar lil Moby ma humiex soġġetti għall-VAT, l-eżenzjoni mit-taxxa ma setgħetx tat vantaġġ lil Toremar fir-rigward tal-VAT. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kuntratt ta' bejgħ għall-attività kummerċjali ta' Toremar jiddikjara b'mod ċar li l-akkwirent, jiġifieri Moby, għandu jħallas il-kostijiet kollha relatati mal-bejgħ (jiġifieri t-tariffi tar-reġistrazzjoni, l-ispejjeż notarili, ir-reġistru tal-artijiet eċċ.), mingħajr referenza għal xi eżenzjoni li Moby gawdiet fuq dawn il-kostijiet. Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva, il-Kummissjoni tqis li tali taxxa tapplika biss għar-rikavat ta' bejgħ. Madankollu, f'dan il-każ, Moby xtrat lil Toremar mir-Reġjun tat-Toskana li jfisser li din it-tranżazzjoni kienet tikkostitwixxi spiża għal Moby u b'hekk ma setax ikun hemm xi taxxa korporattiva dovuta. Għalhekk, din il-miżura ma tapplikax għal Moby. Il-Kummissjoni, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, tikkonkludi li la Toremar u lanqas Moby ma bbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet fiskali.

(280) Għal dawn ir-raġunijiet, l-ebda waħda mill-eżenzjonijiet fiskali msemmija hawn fuq ma tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.1.3.3. Il-possibbiltà li jintużaw riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' likwidità

(281) Fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni semmiet il-possibbiltà li l-kumpaniji tal-(ex) Grupp Tirrenia jużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jissodisfaw eżiġenzi kurrenti ta' likwidità. Madankollu, matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Italja ċċarat li r-riżorsi tal-FAS ma kinux intiżi bħala kumpens addizzjonali għal Toremar jew għal Moby (jew għal xi kumpanija oħra tal-ex Grupp Tirrenia jew għall-akkwirenti tagħhom). Minflok, dawn ir-riżorsi tqiegħdu għad-dispożizzjoni sabiex jissupplimentaw l-approprjazzjonijiet baġitarji previsti għall-ħlas tal-indennizz ta' servizz pubbliku lill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, f'każ li jirriżulta li dawn ma kinux biżżejjed.

([83]) L-ewwel sett ta' trasferimenti ġie vvalutat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1412 tat-2 ta' Marzu 2020 dwar il-miżuri SA.32014, SA.32015, SA.32016 (2011/C) (ex 2011/NN) implimentati mill-Italja għal Tirrenia di Navigazione u għall-akkwirent tagħha Compagnia Italiana di Navigazione.

Tabilħaqq, il-paragrafu 5-*ter* tal-Artikolu 1 tal-Liġi tal-2010 ippermetta lir-reġjuni jużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jiffinanzjaw il-kumpens regolari tas-servizz pubbliku (jew parti minnu) u b'hekk tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi marittimi. Fi kliem ieħor, din il-miżura tikkonċerna biss allokazzjoni ta' riżorsi fil-baġit Taljan għall-ħlas tal-indennizz ta' servizz pubbliku.

(282) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-riżorsi tal-FAS huma biss sors ta' finanzjament li jippermetti lill-Istat iħallas il-kumpensi għas-servizz pubbliku (mogħtija abbażi tal-Konvenzjoni inizjali estiża) u ma jikkostitwux miżura li minnha Toremar tista' tibbenefika b'żieda ma' dawn il-kumpensi għal servizz pubbliku. Għalhekk, l-użu possibbli tar-riżorsi tal-FAS ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.1.4. *Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna*

(283) Abbażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li:

— il-kumpens lil Toremar għall-operat tar-rotot marittimi fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2012 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE;

— l-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għall-perjodu bejn it-2 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2023, abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Moby/Toremar, jikkonforma mal-erba' kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark* u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE;

— Il-fondi ta' Toremar għall-immodernizzar tal-vapuri ma ntużawx għall-finijiet ta' likwidità u għalhekk ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat lil Toremar fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE;

— L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Toremar u l-possibbiltà tal-użu tar-riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' likwidità, kif stabbilit bil-Liġi tal-2010, ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

6.2. **Legalità tal-għajnuna**

(284) Il-miżura ta' għajnuna msemmija f'din id-Deċiżjoni ġiet implimentata qabel ġiet approvata formalment mill-Kummissjoni. Għalhekk, peress li l-miżura ta' għajnuna ma kinitx eżentata min-notifika skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2005 jew skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011, hija ngħatat mill-Italja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE ([84]).

6.3. **Kompatibbiltà tal-għajnuna**

(285) Il-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat identifikata hawn fuq trid tiġi vvalutata fid-dawl tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

6.3.1. *L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali bejn Toremar u l-Italja*

6.3.1.1. Ir-regoli applikabbli

(286) L-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali wara t-tmiem tal-2008 saret permezz ta' atti legali sussegwenti, kif ġej:

(a) Id-Digriet Amministrattiv Nru 207 tat-30 ta' Diċembru 2008, ikkonvertit fil-Liġi Nru 14 tas-27 ta' Frar 2009, stabbilixxa l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009;

(b) Id-Digriet Amministrattiv Nru 135 tal-25 ta' Settembru 2009, ikkonvertit fil-Liġi tal-2009, stabbilixxa fost l-oħrajn l-estensjoni tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Settembru 2010;

([84]) L-Italja nnotifikat biss (ara l-premessa (2)) il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Barra minn hekk, l-Italja targumenta li l-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Tirrenia taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali huwa kompatibbli u eżenti min-notifika skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk dan kienx tabilħaqq il-każ fit-taqsima 6.3.1.

(c) Id-Digriet Amministrattiv Nru 125 tal-5 ta' Awwissu 2010, ikkonvertit fil-Liġi tal-2010, ipprovda għal estensjoni ulterjuri tal-Konvenzjonijiet inizjali mill-1 ta' Ottubru 2010 sat-tmiem tal-proċessi ta' privatizzazzjoni ta' Tirrenia u ta' Siremar.

(287) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tinnota li l-għoti tal-kumpens tas-servizz pubbliku skont l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 u tal-Qafas SGEI tal-2011. Madankollu, il-pakkett SGEI tal-2011 – fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 u fil-paragrafu 69 tal-Qafas SGEI tal-2011 – fih regoli li jipprovdu għall-applikazzjoni tiegħu anki għal għajnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-pakkett SGEI tal-2011 fil-31 ta' Jannar 2012. B'mod partikolari, fl-Artikolu 10(b) tagħha, id-Deċiżjoni SGEI tal-2011 tipprevedi li:

"kwalunkwe għajnuna li ngħatat effet qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni [jiġifieri qabel il-31 ta' Jannar 2012] li Ma kinitx kompatibbli mas-suq intern u lanqas ma kienet eżenti mir-rekwiżit ta' notifika skont id-Deċiżjoni 2005/842/KE għandha tibqa' kompatibbli mas-suq intern u eżenti mir-rekwiżit ta' notifika minn qabel."

(288) Fir-rigward tal-Qafas SGEI tal-2011, il-paragrafi 68 u 69 ta' dak il-Qafas jispeċifikaw li l-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dak il-Qafas għall-proġetti kollha ta' għajnuna nnotifikati, kemm jekk in-notifika tkun saret qabel kif ukoll jekk tkun saret wara l-bidu tal-applikazzjoni ta' dak il-Qafas fil-31 ta' Jannar 2012, kif ukoll għal kull għajnuna illegali li dwarha tkun ittieħdet deċiżjoni wara l-31 ta' Jannar 2012, anki jekk dik l-għajnuna tkun ingħatat qabel il-31 ta' Jannar 2012. Fil-każ tal-aħħar, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 14, 19, 20, 24, 39 u 60 tal-Qafas SGEI tal-2011 mhumiex applikabbli.

(289) B'riżultat ta' dan, ir-regoli dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 u tal-Qafas SGEI tal-2011 kif deskritt hawn fuq ifissru li l-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Toremar matul il-perjodu tal-estensjoni jista' jiġi vvalutat skont il-pakkett SGEI tal-2011. Jekk il-kundizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 jew tal-Qafas SGEI tal-2011 ikunu rispettati, din il-miżura ta' għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern għall-perjodu sħiħ bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2012 ([85]).

(290) Il-Kummissjoni tinnota li kemm id-Deċiżjoni SGEI tal-2005, li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2005, kif ukoll id-Deċiżjoni SGEI tal-2011 huma applikabbli biss għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku għal konnessjonijiet marittimi mal-gżejjer li fuqhom it-traffiku annwali medju matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha kien assenjat l-SGEI ma jaqbiżx it- 300 000 passiġġier. Madankollu, l-Italja pprovdiet id-*data* medja għall-ħames rotot meħuda flimkien, u mhux separatament għal kull rotta, sabiex turi li fl-2010 u fl-2011 l-għadd ta' passiġġieri fuq ir-rotot kollha operati minn Toremar taħt il-Konvenzjoni inizjali, kif estiża, ma jaqbiżx il-limitu ta' 300 000 passiġġier fis-sena. Għalhekk, il-Kummissjoni la tista' tivvaluta l-kompatibbiltà tal-kumpens għal servizz pubbliku mħallas lil Toremar taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali sal-1 ta' Jannar 2012 abbażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 u lanqas abbażi tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

(291) Għaldaqstant, il-kompatibbiltà tal-kumpens għal servizz pubbliku li ngħata lil Toremar mill-2009 sakemm intemm il-proċess ta' privatizzazzjoni normalment taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas SGEI tal-2011.

(292) Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk il-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Toremar matul il-perjodu tal-estensjoni jikkonformax mal-kundizzjonijiet tal-Qafas tal-2011 dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet fil-paragrafi 9, 14, 19, 20, 24, 39 u 60 tiegħu.

([85]) Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Kummissjoni tinnota li d-dispożizzjoni tranżizzjonali fl-Artikolu 10(a) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011, li skont din kwalunkwe skema ta' għajnuna mdaħħla fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni (jiġifieri qabel il-31 ta' Jannar 2012) li kienet kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika f'konformità mad-Deċiżjoni SGEI tal-2005, għandha tkompli tkun kompatibbli mas-suq intern u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika għal perjodu ulterjuri ta' sentejn (jiġifieri sat-30 ta' Jannar 2014, din id-data inkluża). Dan ifisser li l-għajnuna li ngħatat taħt tali skema fil-perjodu bejn id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni SGEI tal-2005 fid-19 ta' Diċembru 2005 u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 fil-31 ta' Jannar 2012 se titqies kompatibbli mas-suq intern iżda biss mid-data li fiha nghatat sat-30 ta' Jannar 2014 inkluża din id-data. Fi kwalunkwe każ, għall-għajnuna mogħtija fiż-żmien mill-31 ta' Jannar 2012 'il quddiem, id-dispożizzjoni tranżizzjonali tal-Artikolu 10(a) tad-Deċiżjoni SGEI tal-2011 mhijiex applikabbli u l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà trid issir skont id-Deċiżjoni SGEI tal-2011.

6.3.1.2. Is-servizz ġenwin ta' interess ekonomiku ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 106 TFUE

(293) Skont il-paragrafu 12 tal-Qafas SGEI tal-2011, "[l-]għajnuna trid tingħata għal servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġenwin u definit b'mod korrett kif imsemmi fl-Artikolu 106(2) tat-Trattat". Il-paragrafu 13 jiċċara li "l-Istati Membri ma jistgħux jinkludu obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ma' servizzi li diġà huma pprovduti jew li jistgħu jiġu pprovduti b'mod sodisfaċenti, bħall-prezz, karatteristiċi oġġettivi ta' kwalità, kontinwità u l-aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, kif definit mill-Istat, mill-impriżi li joperaw skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq. Rigward il-kwistjoni dwar jekk servizz jistax ikun provdut mis-suq, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija limitata għal verifika dwar jekk id-definizzjoni tal-Istat Membru hijiex vizzjata minn żball ċar, sakemm id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea ma jipprovdux standard aktar strett". Fl-aħħar nett, il-paragrafu 56 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirreferi għall-"marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni tal-Istat Membru" fir-rigward tan-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

(294) Il-valutazzjoni ta' jekk is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali humiex ġenwini trid issir ukoll fid-dawl tal-Komunikazzjoni SGEI (ara l-premessi (186) u (200)), ir-Regolament dwar il-Kabotaġġ Marittimu (ara l-premessi (188) sa (190)) u l-każistika (ara l-premessi (192) sa (193)). Għalhekk, il-Kummissjoni trid tivvaluta għall-perjodu ta' estensjoni:

(a) Jekk kienx hemm **domanda mill-utenti**;

(b) Jekk dik id-domanda ma setgħetx tiġi ssodisfata mill-operaturi tas-suq fin-nuqqas ta' obbligu impost mill-awtoritajiet pubbliċi (l-**eżistenza ta' falliment tas-suq**);

(c) Li s-sempliċi rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku ma kienx biżżejjed sabiex jiġi rrimedjat dak in-nuqqas (**l-anqas approċċ dannuż**).

(295) Il-Kummissjoni tissottolinja li r-rotot ta' servizz pubbliku operati minn Toremar matul il-perjodu tal-estensjoni huma l-istess bħal dawk li Moby/Toremar ġiet inkarigata bihom taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid, bl-eċċezzjoni, fir-rigward tal-vjaġġi, li l-għadd ta' rotot matul il-perjodu ta' estensjoni kien ta' ħamsa (ara l-premessa (36)), filwaqt li l-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid żied konnessjoni waħda mal-gżira ta' Giannutri (**il-Linja A5**). Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà ddeskriviet u vvalutat is-sitwazzjoni kompetittiva fuq dawk ir-rotot matul il-perjodu tal-estensjoni. F'dan l-isfond, il-valutazzjoni segwenti se tirreferi u tibbaża fuq il-partijiet rilevanti tal-valutazzjoni magħmula għall-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid aktar 'il fuq (ara t-Taqsima 6.1.2.1).

(296) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel tfakkar (ara l-premessa (123)) li l-Italja imponiet l-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-Konvenzjoni inizjali prinċipalment sabiex (i) tiżgura l-kontinwità territorjali bejn l-Italja kontinentali u l-gżejjer u sabiex (ii) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati, permezz ta' servizzi regolari u affidabbli tat-trasport marittimu. Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet (ara l-premessa (195)) li dawn huma tabilħaqq objettivi leġittimi ta' interess pubbliku.

(297) Biex turi d-domanda ġenwina mill-utenti għas-servizzi marittimi kkonċernati, l-Italja pprovdiet (ara t-Tabelli 9 u 10), statistika dettaljata li turi li fl-2009, l-ewwel sena tal-estensjoni, Toremar ittrasportat 1 622 876 passiġġier u 347 935 vettura fuq il-ħames rotot ta' servizz imħallat ikkombinati matul il-perjodi ta' żmien rispettivi koperti mill-obbligi ta' servizz pubbliku. Dawn iċ-ċifri kienu aktar baxxi fl-2010 (1 462 570 passiġġier u 317 488 vettura) u fl-2011 (1 437 613-il passiġġier u 294 433 vettura).

Sena	Il-Linja A1	Il-Linja A2	Il-Linja A2 veloċi	Il-Linja A3	Il-Linja A4	Għadd totali ta' passiġġieri
2009	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	1 622 876
2010	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	1 462 570
2011	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	1 437 613

Tabella 9 – Statistika tad-domanda mill-passiġġieri għas-snin bejn l-2009 u l-2011

Sena	Il-Linja A1	Il-Linja A2	Il-Linja A2 veloċi	Il-Linja A3	Il-Linja A4	Għadd totali ta' passiġġieri
2009	(…)	(…)		(…)	(…)	347 935
2010	(…)	(…)		(…)	(…)	317 488
2011	(…)	(…)		(…)	(…)	294 433

Tabella 10 – Statistika tal-vetturi għas-snin bejn l-2009 u l-2011

(298) B'mod ġenerali, iċ-ċifri juru li d-domanda tal-utenti għas-servizzi ta' trasport tul korp tal-ilma fuq kull rotta kkonċernata kienet sinifikanti u pjuttost stabbli, u l-analiżi għas-snin bejn l-2009 u l-2011 ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni li kienet se tispiċċa. Il-Kummissjoni diġà wriet li mill-2012 'il quddiem id-domanda mill-utenti għas-servizzi marittimi kienet sinifikanti (ara l-premessa (198)).

(299) Għalhekk, jista' jiġi konkluż li dawn is-servizzi indirizzaw domanda ġenwina mill-utenti u għalhekk issodisfaw ħtiġijiet pubbliċi reali.

(300) Kif spjegat taħt il-premessa (200), il-Kummissjoni trid teżamina wkoll jekk is-servizz kienx ikun inadegwat kieku l-provvista tiegħu tħalla biss għall-forzi tas-suq fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku imposti mill-Istat Membru bis-saħħa tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali. Il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni SGEI jinnota f'dan ir-rigward li "[l-]valutazzjoni tal-Kummissjoni hi limitata biss għal […] li tiċċekkja jekk l-Istati Membri għamlux xi żball ovvju".

(301) Il-Kummissjoni tinnota li matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2012, fuq xi rotot li kellhom jiġu operati minn Toremar taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, kien hemm operaturi oħra joffru servizzi ta' trasport tul korp tal-ilma għalkemm mhux neċessarjament is-sena kollha u bl-istess frekwenza. Il-Kummissjoni diġà vvalutat fil-premessi (201) sa (207) għal kull rotta kkonċernata jekk is-servizzi pprovduti mill-operaturi l-oħra kinux ekwivalenti għal dawk li Moby/Toremar kellha tipprovdi taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid. Il-Kummissjoni tfakkar li din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq is-sitwazzjoni kompetittiva fuq dawk ir-rotot bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2012. Peress li s-servizzi li Moby/Toremar trid topera huma kważi identiċi, f'termini tar-rotot moqdija, il-frekwenzi u r-rekwiżiti tekniċi, għal dawk li Toremar kellha tipprovdi matul il-perjodu tal-estensjoni, il-konklużjoni tal-Kummissjoni (ara l-premessa (207)) li l-forzi tas-suq waħedhom ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku hija valida anke għal Toremar tul il-perjodu sħiħ tal-estensjoni. Fil-fatt, fuq għadd ta' rotot, Toremar kienet l-uniku operatur filwaqt li fuq ir-rotot l-oħra s-servizzi pprovduti minn operaturi oħra ma kinux ekwivalenti f'termini ta' kontinwità, ta' regolarità, ta' kapaċità u ta' kwalità u għalhekk ma ssodisfawx bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' servizz pubbliku imposti fuq Toremar permezz tal-Konvenzjoni inizjali (kif estiża).

(302) Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-privatizzazzjoni ppjanata u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi li kienu qegħdin jiġu operati taħt il-Konvenzjoni inizjali, l-Italja ddeċidiet li testendi din il-Konvenzjoni mingħajr ebda tibdil u soġġett għat-tibdil tal-metodoloġija ta' kumpens applikabbli mill-2010 'il quddiem). Il-Kummissjoni taċċetta li d-domanda mill-utenti (kif deskritt fil-premessi (297) sa (299)) ma setgħetx tiġi ssodisfata bl-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz pubbliku fuq l-operaturi kollha attivi fuq ir-rotot inkwistjoni. B'mod partikolari, fuq diversi rotot, Toremar kienet l-uniku operatur (ara eż. l-premessa (202)) u fejn dan ma kienx il-każ, l-offerta pprovduta mill-operaturi l-oħra ma ssodisfatx ir-rekwiżiti (kollha) ta' regolarità, ta' kontinwità u ta' kwalità. Barra minn hekk, l-operat tal-biċċa l-kbira tar-rotot (jekk mhux kollha), speċjalment fl-istaġun kwiet, jagħmel it-telf, u għalhekk, mingħajr kumpens għas-servizz pubbliku, x'aktarx li dawn ma jiġux operati affattu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taċċetta li fid-dawl tal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Toremar, l-estensjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku eżistenti kienet l-uniku mod kif tiġi ggarantita l-kontinwità tas-servizzi pubbliċi sakemm tintemm dik il-privatizzazzjoni.

(303) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Italja ma għamlitx żball inekwivoku meta ddefiniet is-servizzi li bihom Toremar ġiet inkarigata bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. B'hekk, id-dubji espressi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjonijiet tal-2011 u tal-2012 huma eliminati.

6.3.1.3. Il-ħtieġa ta' att ta' inkarigu li jispeċifika l-obbligi ta' servizz pubbliku u l-metodi għall-kalkolu tal-kumpens

(304) Kif indikat fit-taqsima 2.3 tal-Qafas SGEI tal-2011, il-kunċett ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 106 TFUE jfisser li l-impriża inkwistjoni ġiet inkarigata bl-operat tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali permezz ta' att uffiċjali wieħed jew aktar.

(305) Dawn l-atti jridu jispeċifikaw, b'mod partikolari:

— In-natura preċiża tal-obbligu ta' servizz pubbliku u d-durata tiegħu;

— L-impriża u t-territorju kkonċernati;

— In-natura tad-drittijiet esklussivi;

— Il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens;

— L-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed.

(306) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-att ta' inkarigu kienx jipprevedi deskrizzjoni komprensiva tan-natura tal-obbligi ta' servizz pubbliku ta' Toremar matul il-perjodu tal-estensjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfasizzat li għall-perjodi bejn l-2000 u l-2004 u bejn l-2005 u l-2008 ma kinux ġew adottati pjanijiet ta' ħames snin kif previst mill-Konvenzjoni inizjali. Minkejja dan, il-Kummissjoni fakkret ukoll li elementi differenti tal-inkarigu jistgħu jiddaħħlu f'diversi atti mingħajr ma tiġi ddubitata l-adegwatezza tad-definizzjoni tal-obbligi. Matul il-perjodu tal-estensjoni, l-att ta' inkarigu ta' Toremar kien jinkludi l-Konvenzjoni inizjali (kif emendata u estiża maż-żmien), il-pjanijiet ta' ħames snin li jkopru l-perjodi bejn l-1990 u l-1994 u bejn l-1995 u l-1999, sensiela ta' deċiżjonijiet *ad hoc* mill-Italja, id-Direttiva CIPE u l-Liġi tal-2009.

(307) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni l-ewwel nett tinnota li l-Konvenzjoni inizjali (kif emendata maż-żmien), li tikkostitwixxi n-nukleu tal-att ta' inkarigu ta' Toremar, baqgħet applikabbli bis-sħiħ sakemm intemmet il-privatizzazzjoni abbażi ta' sensiela ta' Digrieti Amministrattivi (ara l-premessa (286)). Dawn l-atti legali jispeċifikaw li Toremar ġiet inkarigata b'obbligi ta' servizz pubbliku sakemm tintemm il-privatizzazzjoni tagħha.

(308) Skont il-Konvenzjoni inizjali, il-pjanijiet ta' ħames snin jispeċifikaw ir-rotot u l-portijiet li għandhom jiġu serviti, it-tip u l-kapaċità tal-bastimenti li għandhom jintużaw għall-konnessjonijiet marittimi inkwistjoni, il-frekwenza tas-servizz u n-nollijiet li għandhom jitħallsu, inklużi nollijiet sussidjati, b'mod partikolari għar-residenti tar-reġjuni gżejjer. Għalkemm il-pjanijiet għall-perjodi bejn l-2000 u l-2004 u bejn l-2005 u l-2008 ma ġewx adottati formalment, il-pjan għall-perjodu bejn l-1995 u l-1999 (approvat bid-Digriet Ministerjali tal-14 ta' Mejju 1996) kompla japplika mingħajr ebda bidla fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dak il-pjan komplew japplikaw bis-sħiħ matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2009 u t-2 ta' Jannar 2012. Qabel l-2009, l-iskema oriġinali tan-nollijiet prevista fil-Konvenzjoni inizjali ġiet emendata b'għadd ta' atti sussegwenti. Madankollu, matul il-perjodu sħiħ tal-estensjoni, ma ġewx adottati digrieti interministerjali sabiex jemendaw ulterjorment in-nollijiet li kellhom jiġu applikati mill-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-obbligi ta' servizz pubbliku li Toremar kellha tirrispetta matul il-perjodu tal-estensjoni kienu ddefiniti b'mod ċar biżżejjed.

(309) Il-Kummissjoni diġà nnotat fil-premessi 239 u 240 tad-Deċiżjoni tal-2011 li l-parametri meħtieġa għall-kalkolu tal-ammont tal-kumpens ġew stabbiliti minn qabel u huma deskritti b'mod ċar. B'mod partikolari, għas-sena tal-2009, il-Konvenzjoni inizjali (ara l-premessi (42) u (44)) fiha lista eżawrjenti u preċiża tal-elementi ta' kost li għandhom jitqiesu kif ukoll il-metodoloġija tal-kalkolu tad-dħul mill-kapital investit għall-operatur. Għas-snin tal-2010 u tal-2011, il-metodoloġija rilevanti hija stipulata fid-Direttiva CIPE (ara l-premessa (41) sa (55)). B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva CIPE tagħti dettalji dwar l-elementi tal-kost li ġew ikkunsidrati u r-redditu fuq il-kapital investit. Fl-aħħar nett, il-Liġi tal-2009 tinkludi l-ammont massimu tal-kumpens ta' EUR 13 005 441 li japplika mill-2010 'il quddiem. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni inizjali stabbiliet li l-kumpens ikun imħallas f'pagamenti parzjali u żgurat li l-kumpens kien ibbażat fuq il-kostijiet u d-dħul reali mġarrba għall-provvista tas-servizz pubbliku. B'dan il-mod, il-kumpens żejjed seta' jiġi osservat u faċilment evitat. Fejn applikabbli, l-Istat imbagħad ikun jista' jirkupra l-kumpens żejjed mingħand Toremar.

(310) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li għall-perjodu tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, l-atti ta' inkarigu stabbilew definizzjoni ċara tal-obbligi ta' servizz pubbliku, tad-durata, tal-impriża u tat-territorju kkonċernati, il-parametri għall-kalkolu, għall-kontroll u għar-rieżami tal-kumpens u l-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jitħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed kif meħtieġ skont il-Qafas SGEI tal-2011.

6.3.1.4. Id-durata tal-perjodu tal-inkarigu

(311) Kif indikat fil-paragrafu 17 tal-Qafas SGEI tal-2011, "it-tul tal-perjodu tal-inkarigu għandu jiġi ġustifikat b'referenza għall-kriterji oġġettivi bħall-bżonn li jiġu amortizzati assi fissi mhux trasferibbli. Fil-prinċipju, it-tul tal-perjodu tal-inkarigu ma għandux jaqbeż il-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-assi l-iżjed sinifikanti meħtieġa biex jiġi pprovdut l-SGEI."

(312) L-Italja indikat li d-durata tal-estensjoni ġiet stabbilita b'referenza għall-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-assi impenjati fil-forniment tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali. B'mod partikolari, id-durata totali tal-Konvenzjoni inizjali kif estiża jammonta għal ftit aktar minn 22 sena. Il-bastimenti huma l-aktar assi sinifikattivi meħtieġa sabiex jipprovdu s-servizz pubbliku. Il-perjodu ta' deprezzament għall-bastimenti użati għas-servizzi ta' trasport fuq il-baħar normalment ikun wieħed twil u jista' jaqbeż il-25 sena.

(313) L-Italja tat lill-Kummissjoni l-valur tad-deprezzament tal-bastimenti ta' Toremar għall-perjodu bejn l-2009 u l-2011. Il-Kummissjoni tinnota li, fiż-żmien tal-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali, ħames bastimenti minn tmienja kienu diġà ġew kompletament deprezzati, filwaqt li t-tliet bastimenti l-oħra, li kienu għadhom ma ġewx deprezzati, kellhom età medja ta' 21,5 sena.

(314) Għalkemm, matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali l-perjodu ta' deprezzament skada għall-biċċa l-kbira tal-bastimenti użati minn Toremar, il-Kummissjoni tinnota li l-estensjoni tal-perjodu għal tliet snin kienet meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku sat-tmiem tal-proċess ta' privatizzazzjoni. Barra minn hekk, jekk wieħed kellu jqis l-età medja tal-bastimenti li kien għad fadal li l-valur tagħhom kien għadu ma ġiex deprezzat kompletament u t-tul medju tad-deprezzament tal-bastimenti użati għas-servizzi ta' trasport tul korp tal-ilma, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tul tal-att ta' inkarigu huwa ġġustifikat biżżejjed u li l-paragrafu 17 tal-Qafas SGEI huwa rispettat.

6.3.1.5. Il-konformità mad-Direttiva 2006/111/KE

(315) Skont il-paragrafu 18 tal-Qafas SGEI tal-2011, "[l-]għajnuna ser titqies kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat biss fejn l-impriża tikkonforma, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2006/111/KE" tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi ([86]).

(316) Barra minn hekk, il-paragrafu 44 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirrikjedi li: "Fejn impriża twettaq attivitajiet li jaqgħu kemm ġewwa kif ukoll barra mill-ambitu tal-SGEI, il-kontijiet interni jridu juru separatament l-ispejjeż u d-dħul assoċjati mal-SGEI u dawk tas-servizzi l-oħra li huma konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 31."

(317) L-Italja kkonfermat li Toremar kienet attiva biss fil-provvista ta' servizzi pubbliċi taħt il-Konvenzjoni inizjali.

(318) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-paragrafu 18 tal-Qafas SGEI ma huwiex applikabbli.

6.3.1.6. L-ammont tal-kumpens

(319) Il-paragrafu 21 tal-Qafas SGEI tal-2011 jiddikjara li "[l-]ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispiża netta għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż profitt raġonevoli".

(320) F'dan il-każ, minħabba li l-kumpens jikkostitwixxi għajnuna illegali li ngħatat qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, il-paragrafu 69 tal-Qafas SGEI tal-2011 jipprevedi speċifikament illi, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, l-użu tal-metodoloġija tal-kostijiet netti evitati ma huwiex meħtieġ. Minflok, jistgħu jintużaw metodi alternattivi għall-kalkolu tal-kost nett meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, bħall-metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-kostijiet. Skont din l-aħħar metodoloġija, il-kost nett jiġi kkalkolat bħala d-differenza għal fornitur dežinjat bejn il-kostijiet u d-dħul mill-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, kif speċifikat u stmat fl-att ta' inkarigu. Il-paragrafi 28 sa 38 tal-Qafas SGEI tal-2011 jistabbilixxu f'aktar dettall kif jenħtieġ li tiġi applikata din il-metodoloġija.

([86]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

(321) Fid-Deċiżjoni tagħha tal-2011 u tal-2012, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi jekk l-ammont tal-kumpens mill-2009 'il quddiem kienx proporzjonat, peress li kien għad kellha dubji dwar il-kwalifika ta' wħud mis-servizzi pubbliċi inkarigati lil Toremar bħala SGEI ġenwin. Dawn id-dubji ġew indirizzati fit-Taqsima 6.3.1.2 u l-Kummissjoni għalhekk tqis li l-kumpens li ngħata lil Toremar għall-2009 huwa proporzjonat u kompatibbli mal-Artikolu 106 tat-TFUE. L-Italja pprovdiet il-kalkolu tal-ammont tal-kumpens għall-2009 (jiġifieri EUR 13 572 035) li ġie ddeterminat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fil-Konvenzjoni inizjali u li kien jikkorrispondi għat-telf nett akkumulat fuq is-servizzi operati taħt ir-reġim tas-servizz pubbliku, li miegħu żdied ammont varjabbli li jikkorrispondi għad-dħul mill-kapital investit (jiġifieri EUR 301 000).

(322) Il-Kummissjoni esprimiet ukoll dubji dwar il-primjum tar-riskju ta' 6,5 %, li kien japplika mill-2010 'il quddiem. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha dubju jekk dan il-primjum jirriflettix livell xieraq ta' riskju, meta wieħed iqis li *prima facie* Toremar ma kinitx tidher li qiegħda tassumi r-riskji normalment sostnuti fl-operat ta' tali servizzi.

(323) Il-primjum tar-riskju ta' 6,5 % kien jiġi applikat sabiex jiġi ddeterminat id-dħul mill-kapital permezz tal-formula tad-WACC. Madankollu, kif diġà spjegat fil-premessa (133), l-Italja ċċarat li, minħabba li l-Liġi tal-2009 kienet imponiet limitu fuq l-ammont tal-kumpens, ġie deċiż li l-kalkolu jiġi ssimplifikat billi tiġi applikata rata fissa ta' 6,9 % fuq id-dħul mill-kapital għas-sena tal-2010 u tal-2011.

(324) F'dan il-kuntest, abbażi tal-kontijiet rotta b'rotta ppreżentati mill-Italja u kif aggregati fit-Tabella 11, il-Kummissjoni setgħet tivverifika li għall-2010 u għall-2011 meħuda flimkien, il-kumpens għas-servizz pubbliku kien madwar EUR 2 200 anqas mill-kost nett tas-servizz inkluż is-6,9 % bħala rata fissa fuq id-dħul mill-kapital:

Missjoni ta' servizz pubbliku ta' Toremar	2010	2011	Total kumplessiv
Dħul totali	EUR 21 241 542	EUR 20 097 049	EUR 41 338 591
- Kostijiet totali	EUR 35 410 421	EUR 35 218 639	EUR 70 629 060
- Amortizzament	EUR 1 064 158	EUR 985 207	EUR 2 049 365
= Kost nett tas-servizz pubbliku	EUR 15 233 037	EUR 16 106 797	EUR 31 339 834
+ Dħul minn kapital (6,9 %)	EUR 359 417	EUR 313 826	EUR 673 243
= Eliġibbli għal kumpens	EUR 15 592 454	EUR 16 420 623	EUR 32 013 077
+ Kumpens attwali	EUR 16 005 441	EUR 16 005 441	EUR 32 010 882
= Kumpens żejjed/nieqes	EUR 412 987	EUR 415 182	EUR 2 195

Tabella 11 – Kost nett tas-servizz pubbliku operat minn Toremar għall-perjodu bejn l-2010 u l-2011

(325) Il-paragrafu 49 tal-Qafas SGEI tal-2011 jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-kumpens mogħti għall-operat tal-SGEI ma jirriżultax fir-riċevuta ta' kumpens żejjed mill-impriżi (kif iddefinit fil-paragrafu 47 ta' dak il-Qafas). Fost l-oħrajn, l-Istati Membri jridu jipprovdu evidenza fuq talba mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, iridu jwettqu kontrolli regolari, jew jiżguraw li tali kontrolli jitwettqu, fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu u, fi kwalunkwe każ, f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin.

(326) Fir-rigward tar-rispett tat-tielet kriterju *Altmark* il-Kummissjoni diġà stabbiliet li r-rata fissa ta' 6,5 % fuq id-dħul mill-kapital li Moby/Toremar setgħet tistenna minn perspettiva *ex ante* kienet konformi mar-riskji li kienet tiffaċċja meta topera s-servizzi pubbliċi taħt il-kuntratt ta' servizz pubbliku (ara l-premessi (224) sa (229)). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ttenni li l-Italja użat rata fissa fuq id-dħul mill-kapital (li ġiet stabbilita għal 6,9 % għas-snin bejn l-2010 u l-2011) għall-finijiet ta' simplifikazzjoni tal-kalkolu. Fil-fatt, fid-Deċiżjoni tal-2011, il-Kummissjoni assumiet li r-rata ta' redditu fuq il-kapital investit għall-2010 kienet ġiet stabbilita għal 9,95 % qabel it-taxxa, iżda l-Italja spjegat li dan kien valur stmat għall-finijiet tal-proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti li kienet se ssir wara l-privatizzazzjoni tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar (ara l-premessa (132)).

(327) Il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva CIPE ppreżentata tieħu inkunsiderazzjoni ċerti valuri tas-suq applikabbli fis-settur tal-kabotaġġ marittimu. Tippreskrivi l-kostijiet eliġibbli għall-finijiet tal-obbligi ta' servizz pubbliku, kif ukoll il-prinċipji tal-kalkolu li jikkonċernaw ir-rata ta' redditu fuq il-kapital abbażi tal-informazzjoni, il-kundizzjonijiet u r-riskji rilevanti għal dan is-settur partikolari.

(328) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li għas-snin bejn l-2010 u l-2011, minħabba tnaqqis fl-għadd ta' passiġġieri kkawżat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja u żieda fil-kost tal-fjuwil matul dak l-istess perjodu (ara l-premessa (40)), ir-Reġjun tat-Toskana kien uża r-riżervi tiegħu sabiex ikopri l-kost addizzjonali tas-servizz pubbliku ta' Toremar li ma setax jiġi kopert mill-baġit ċentrali tal-Istat. Għalhekk, Toremar kienet esposta għar-riskju kummerċjali ta' telf sostanzjali ta' introjtu mingħajr iċ-ċertezza li dan it-telf kien se jiġi kopert mir-Reġjun tat-Toskana. Fil-fatt, dan tal-aħħar irrilaxxa r-riżervi biss wara li vverifika fid-dettall il-kostijiet u d-dħul attwali sostnuti għall-perjodu bejn l-2010 u l-2011. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ssib li redditu ta' 6,9 % fuq il-kapital huwa konformi mar-riskji involuti.

(329) Barra minn hekk, kif diġà ġie spjegat fil-premessa (227) fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid taħt it-tielet kriterju tas-sentenza *Altmark*, il-Kummissjoni sabet li fl-2011 (kif ukoll fl-2010) id-dħul medjan fuq il-kapital iġġenerat minn grupp ta' referenza ta' operaturi magħżula ta' mezzi ta' trasport tul korp tal-ilma li kienu joffru konnessjonijiet marittimi fl-Italja jew bejn l-Italja u Stati Membri oħra kien jaqbeż is-6,5 %, u f'xi każijiet aktar minn 8 %. Għalhekk, rata ta' 6,9 % fuq id-dħul mill-kapital hija meqjusa konformi mad-dħul mill-kapital osservat għall-grupp ta' referenza.

(330) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' 6,9 % fuq id-dħul mill-kapital għadha f'livell raġonevoli.

(331) Fl-aħħar nett, l-Italja pprovdiet l-evidenza meħtieġa sabiex turi li saru l-kontrolli regolari kollha sabiex jiġi żgurat li l-ammont tal-kumpens ma jaqbiżx il-kost nett tas-servizz. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-kumpens jitħallas f'pagamenti parzjali (ara l-premessa (41)) u li l-ħlas finali jsir abbażi tal-kostijiet u tad-dħul effettivi tas-sena. Dan jiżgura li l-ammont tal-kumpens ma jaqbiżx il-kostijiet netti tas-servizz.

(332) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ammont tal-kumpens mogħti lil Toremar matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali ma wassalx għal xi kumpens żejjed u li r-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima 2.8 tal-Qafas SGEI huma rispettati.

6.3.1.7. Il-prijorità tal-irmiġġ

(333) Il-paragrafu 21 tal-Artikolu 19-*ter* tal-Liġi tal-2009 jispeċifika b'mod ċar li l-prijorità tal-irmiġġ hija neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità territorjali mal-gżejjer u fid-dawl tal-obbligi ta' servizz pubbliku tal-kumpaniji tal-ex Grupp Tirrenia, inkluża Toremar. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' tali prijorità tal-irmiġġ għall-kumpaniji inkarigati bl-obbligi ta' servizz pubbliku, dawn jista' jkollhom bżonn jistennew sa ma jkun imisshom jitrakkaw u b'konsegwenti dewmien, li jmur kontra l-iskop li tiġi żgurata konnettività affidabbli u konvenjenti għall-konsumaturi. Skeda ta' żmien regolari hija tabilħaqq meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' mobbiltà tal-popolazzjoni tal-gżejjer u sabiex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ikkonċernati. Barra minn hekk, peress li l-ħinijiet tat-tluq fuq ir-rotot tas-servizz pubbliku huma stabbiliti mill-Konvenzjoni, il-prijorità tal-irmiġġ hija neċessarja sabiex jiġi żgurat li l-portijiet jallokaw l-irmiġġi u l-ħinijiet tal-irmiġġ b'tali mod li jippermettu lill-operatur tas-servizz pubbliku jirrispetta l-obbligi ta' servizz pubbliku tiegħu.

(334) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura ġiet konċessa sabiex Toremar tkun tista' taqdi l-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha, li jikkostitwixxu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġenwin (ara t-Taqsima 6.3.1.2). Barra minn hekk, l-Italja kkonfermat li l-prijorità tal-irmiġġ hija applikabbli biss għas-servizzi pprovduti taħt ir-reġim ta' servizz pubbliku.

(335) Il-Kummissjoni diġà vvalutat fid-dettall il-kompatibbiltà tal-SGEI u tal-kumpens relatat għal Toremar matul l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali (ara t-Taqsima 6.3.1). B'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà tal-prijorità tal-irmiġġ tista' tkun limitata sabiex jiġi stabbilit jekk din il-miżura tistax twassal għal kumpens żejjed jew le.

(336) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-argumenti mressqa mill-Italja li jgħidu li kwalunkwe vantaġġ monetarju possibbli mill-prijorità tal-irmiġġ ikun limitat (ara l-premessa (137)). B'riżultat ta' dan, anke r-riskju ta' kumpens żejjed li jirriżulta minn din il-miżura jkun limitat. Barra minn hekk, sa fejn din il-miżura tkun tnaqqas il-kostijiet operatorji jew iżżid id-dħul tal-operatur tas-servizz pubbliku, dawn l-effetti jkunu riflessi bis-sħiħ fil-kontijiet interni tal-operatur. Għalhekk, il-kontrolli fir-rigward tal-kumpens żejjed li ġew applikati għal Toremar kif deskritt fit-Taqsima 6.3.1.6 huma adattati wkoll sabiex jidentifikaw kwalunkwe kumpens żejjed possibbli li jirriżulta mill-prijorità tal-irmiġġ.

(337) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-prijorità tal-irmiġġ, li hija intrinsikament marbuta mas-servizz pubbliku mwettaq minn Toremar, hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u tal-Qafas SGEI tal-2011.

6.3.1.8. Konklużjoni

(338) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni fil-premessi (286) sa (337), il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens mogħti lil Toremar għall-provvista tas-servizzi marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-1 ta' Jannar 2012 u l-prijorità tal-irmiġġ huma konformi mal-kundizzjonijiet applikabbli tal-Qafas SGEI tal-2011 u għalhekk, huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE.

6.3.2. *Konklużjoni dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna*

(339) Abbażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-kumpens mogħti lil Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ għall-operat tar-rotot marittimi matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-1 ta' Jannar 2012 huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE u skont il-Qafas SGEI tal-2011.

7. **KONKLUŻJONI**

(340) Il-Kummissjoni ssib li l-Italja implimentat illegalment il-miżuri ta' għajnuna taħt valutazzjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kumpens għal servizz pubbliku mogħti lil Toremar taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali huwa kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE. Barra minn hekk, peress li l-prijorità tal-irmiġġ hija intrinsikament marbuta mal-eżekuzzjoni tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali minn Toremar, dik il-miżura hija kompatibbli wkoll mas-suq intern skont l-Artikolu 106 tat-TFUE.

(341) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri li ġejjin ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE:

(1) il-kumpens mogħti lil Toremar għall-provvista ta' servizzi marittimi taħt il-kuntratt ta' servizz il-ġdid għall-perjodu bejn it-2 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2023, abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ għal Moby/Toremar, minħabba li huwa konformi mar-raba' kriterju tas-sentenza *Altmark*;

(2) L-użu tal-fondi min-naħa ta' Toremar sabiex timmodernizza l-vapuri, minħabba li dawn ma ntużawx għal skopijiet ta' likwidità; u

(3) L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Toremar u l-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-FAS sabiex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' likwidità kif stabbilit mil-Liġi tal-2010.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kumpens lil Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ għall-provvista ta' servizzi marittimi taħt l-estensjoni tal-Konvenzjoni inizjali fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-1 ta' Jannar 2012 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. L-Italja implimentat l-għajnuna lil Toremar bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Din l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

L-għoti tal-kuntratt ta' servizz pubbliku l-ġdid għall-perjodu bejn it-2 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2023, abbinat mal-attività kummerċjali ta' Toremar u l-prijorità tal-irmiġġ lil Moby/Toremar ma jikkostitwix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Artikolu 3

Il-fondi li Toremar irċeviet sabiex timmodernizza l-vapuri tagħha ma ntużawx għal skopijiet ta' likwidità u għalhekk ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat lil Toremar fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Artikolu 4

L-eżenzjonijiet fiskali relatati mal-proċess ta' privatizzazzjoni ta' Toremar u l-possibbiltà li jintużaw ir-riżorsi tal-*Fondo Aree Sottoutilizzate* sabiex jiġu ssodisfati l-eżiġenzi ta' likwidità kif stabbilit bil-Liġi tal-2010, ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat lil Toremar fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni